ISSN 1725-5104

# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

L 125

Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

**Volum 53**

**21 ta' Mejju 2010**

Werrej

II *Atti mhux leġislattivi*

FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

★ **Emenda fil-Konvenzjoni Doganali dwar it-Trasport Internazzjonali ta' oġġetti li jaqgħu taħt il-Carnets TIR (Konvenzjoni TIR) tal-14 ta' Novembru 1975 –** *Skont in-Notifika dwar id-Depożitarji tan-NU C.N.387.2009.TREATIES-3 l-emenda li ġejja daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Ottubru 2009 għall-Partijiet Kontraenti kollha* . . . . . 1

REGOLAMENTI

★ **Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 428/2010 tal-20 ta' Mejju 2010 li jimplimenta l-Artikolu 14 tad-Direttiva 2009/16/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-ispezzjonijiet estiżi tal-bastimenti** [1] . . . . . 2

★ **Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 429/2010 tal-20 ta' Mejju 2010 li jdaħħal denominazzjoni fir-reġistru tad-denominazzjonijiet tal-oriġini protetti u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti [Pemento de Oímbra (IĠP)]** . . . . . 8

★ **Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 430/2010 tal-20 ta' Mejju 2010 li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 2454/93 li jiffissa d-dispożizzjonijiet għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali Komunitarju** . . . . . 10

**Prezz: 4 EUR**

*(Ikompli fil-paġna ta' wara)*

[1] Test b'relevanza għaż-ŻEE

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 431/2010 tal-20 ta' Mejju 2010 li jistabbilixxi l-valuri fissi tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix ........................ 19

Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 432/2010 tal-20 ta' Mejju 2010 li jistabbilixxi r-rifużjonijiet għall-esportazzjoni fis-settur tal-ħalib u l-prodotti tal-ħalib .......................................... 21

Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 433/2010 tal-20 ta' Mejju 2010 li ma jalloka l-ebda rifużjoni tal-esportazzjoni għall-butir fil-qafas tas-sejħa permanenti għall-offerti pprovduta bir-Regolament (KE) Nru 619/2008 ........................................................................................ 25

Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 434/2010 tal-20 ta' Mejju 2010 li ma jagħti l-ebda rifużjoni għat-trab tal-ħalib xkumat fil-qafas tas-sejħa permanenti għall-offerti pprovduta bir-Regolament (KE) Nru 619/2008 ........................................................................................ 26

Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 435/2010 tal-20 ta' Mejju 2010 li jiffissa r-rati tar-rifużjonijiet applikabbli għall-ħalib u l-prodotti tal-ħalib esportati fis-sura ta' oġġetti mhux koperti mill-Anness I tat-Trattat ........................................................................................ 27

Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 436/2010 tal-20 ta' Mejju 2010 li jiffissa l-prezzijiet rappreżentattivi fis-setturi tal-laħam tat-tjur u tal-bajd u għall-albumina tal-bajd, u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1484/95 ........................................................................................ 30

DEĊIŻJONIJIET

2010/282/UE:

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill tad-19 ta' Jannar 2010 dwar l-eżistenza ta' żbilanċ eċċessiv fl-Awstrija** 32

2010/283/UE:

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill tad-19 ta' Jannar 2010 dwar l-eżistenza ta' żbilanċ eċċessiv fil-Belġju** ... 34

2010/284/UE:

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill tad-19 ta' Jannar 2010 dwar l-eżistenza ta' żbilanċ eċċessiv fir-Repubblika Ċeka** ........................................................................................ 36

2010/285/UE:

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill tad-19 ta' Jannar 2010 dwar l-eżistenza ta' żbilanċ eċċessiv fil-Ġermanja** 38

2010/286/UE:

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill tad-19 ta' Jannar 2010 dwar l-eżistenza ta' żbilanċ eċċessiv fl-Italja** ..... 40

MT

*(Ikompli fuq il-qoxra ta' wara minn ġewwa)*

II

*(Atti mhux leġislattivi)*

# FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

**Emenda fil-Konvenzjoni Doganali dwar it-Trasport Internazzjonali ta' oġġetti li jaqgħu taħt il-Carnets TIR (Konvenzjoni TIR) tal-14 ta' Novembru 1975** ([1])

*Skont in-Notifika dwar id-Depożitarji tan-NU C.N.387.2009.TREATIES-3 l-emenda li ġejja daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Ottubru 2009 għall-Partijiet Kontraenti kollha*

Fl-Anness 6, tiżdied in-Nota ta' Spjegazzjoni li ġejja:

"0.3. Artikolu 3

0.3(a)(iii) Id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 3(a)(iii) ma jkoprux karozzi ta' passiġġieri (kodiċi HS 8703) li qed jivvjaġġaw bil-mezzi tagħhom stess. Madankollu, karozzi ta' passiġġieri jistgħu jinġarru skont il-proċedura TIR jekk ikunu trasportati permezz ta' vetturi oħra kif imsemmi fis-subparagrafu (a)(i) u (a)(ii) tal-Artikolu 3."

([1]) Test ikkonsolidat ippubblikat mid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/477/KE (ĠU L 165, 26.6.2009, p. 1).

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 428/2010

**tal-20 ta' Mejju 2010**

**li jimplimenta l-Artikolu 14 tad-Direttiva 2009/16/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-ispezzjonijiet estiżi tal-bastimenti**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2009/16/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar il-kontroll tal-Istat tal-Port ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 14(4) tagħha,

Billi:

(1) Meta ssir spezzjoni estiża ta' bastiment, l-uffiċjal tal-kontroll tal-Istat tal-Port għandu jimxi ma' lista ta' oġġetti speċifiċi li għandhom jiġu vverifikati, soġġett għal kemm dawn ikunu fattibbli fil-prattika jew għal xi limitazzjonijiet relatati mas-sikurezza tal-persuni, tal-bastiment jew tal-port.

(2) F'dak li għandu x'jaqsam mal-identifikazzjoni tal-oġġetti speċifiċi li għandhom jiġu vverifikati waqt spezzjoni estiża ta' kwalunkwe żona ta' riskju elenkata fl-Anness VII għad-Direttiva 2009/16/KE, jidher li huwa neċessarju li dan ikompli mal-għarfien espert tal-Memorandum ta' Ftehim ta' Pariġi dwar il-kontroll tal-Istat tal-Port.

(3) L-uffiċjali tal-kontroll tal-Istat tal-Port għandhom jeżerċitaw il-ġudizzju professjonali tagħhom sabiex jiddeċiedu l-applikabbiltà u b'mod xieraq jiddeterminaw kemm l-eżaminazzjoni għandha tidħol fil-fond ta' kull oġġett speċifiku.

(4) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat dwar Ibħra Sikuri u l-Prevenzjoni ta' Tniġġis minn Vapuri (COSS),

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

**Lista ta' oġġetti speċifiċi li għandhom jiġu vverifikati fi spezzjoni estiża**

Spezzjoni estiża kif imsemmija fl-Artikolu 14 tad-Direttiva 2009/16/KE għandha, fejn applikabbli għall-anqas tinkludi l-verifika tal-oġġetti speċifiċi elenkati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

Fil-każ li l-oqsma speċifiċi għal tip partikolari ta' bastiment ma jkunux indikati kif definit fid-Direttiva 2009/16/KE, l-ispettur għandu jeżerċita l-ġudizzju professjonali tiegħu meta jiddeċiedi liema oġġetti għandhom jiġu spezzjonati, u sa liema livell, sabiex tkun eżaminata l-kondizzjoni kumplessiva f'dawn l-oqsma.

*Artikolu 2*

**Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-publikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2011.

([1]) ĠU L 131, 28.5.2009, p. 57.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-20 ta' Mejju 2010.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

José Manuel BARROSO

*ANNESS*

## OĠĠETTI SPEĊIFIĊI LI GĦANDHOM JIĠU VVERIFIKATI MATUL SPEZZJONI ESTIŻA

(kif imsemmi fl-Artikolu 14(4) tad-Direttiva 2009/16/KE)

A. **It-tipi kollha ta' bastimenti**

(a) *Il-kondizzjoni strutturali*

— Il-kondizzjoni tal-buq u l-gverta

(b) *Il-kondizzjoni tar-reżistenza għall-ilma jew tar-reżistenza għall-maltemp*

— il-bibien reżistenti għall-ilma/għall-maltemp

— il-ventilaturi, il-pajpijiet tal-arja u l-kisja

— il-bokkaporti

(c) *Is-sistemi ta' emerġenza*

— Il-qtugħ tad-dawl f'ambjent simulat jew it-tħaddim tal-ġeneratur tal-emerġenza

— Id-dawl tal-emerġenza

— Eżami tal-arranġamenti tal-ippumpjar tal-ilma mill-qiegħ tal-bastiment

— Eżami tat-tagħmir li jingħalaq jew tal-bibien reżistenti għall-ilma

— Eżami tat-tagħmir tat-tmun inkluż it-tagħmir tat-tmun tal-emerġenza

(d) *Il-komunikazzjoni bir-radju*

— Sors ta' enerġija ta' riżerva għar-radju

— Eżami tal-istallazzjoni primarja inkluż il-faċilitajiet li jirċievu informazzjoni dwar is-sikurezza marittima

— Test tas-settijiet tal-VHF li jistgħu jinġarru tas-Sistema Globali Martittima għall-Periklu u s-Sigurtà (GMDSS)

(e) *Sikurezza kontra n-nar*

— Taħriġ fit-tifi tan-nar inkluż wirja ta' kemm wieħed għandu l-ħila juża l-ħwejjeġ li jużaw il-pompiera u t-tagħmir u l-apparat għat-tifi tan-nar

— Eżami tal-pompa tal-emerġenza għat-tifi tan-nar (b'żewġ (2) pajpijiet)

— Eżami tat-twaqqif ta' emerġenza mill-bogħod tal-ventilazzjoni u tad-dampers konnessi ma' dan

— Eżami tat-twaqqif ta' emerġenza mill-bogħod tal-pompi tal-fjuwil

— Eżami tal-valvoli li jagħlqu malajr mill-bogħod

— Bibien kontra n-nar

— Stallazzjonijiet mwaħħla tat-tifi tan-nar u alarms konnessi magħhom

(f) *Alarms*

— Eżami tal-alarm kontra n-nar

(g) *Kondizzjonijiet tal-għajxien u tax-xogħol*

— Kondizzjoni tat-tagħmir tal-irmiġġ inkluż is-sisien tal-makkinarju

(h) *Attrezzaturi għas-salvataġġ tal-ħajja*

— Arranġamenti għall-varar tal-inġenji tal-baħar għas-salvataġġ (fil-każ li jkun hemm evidenza tal-użu ħażin, l-inġenji tal-baħar għandhom jitniżżlu fl-ilma)

(i) *Prevenzjoni tat-tniġġis*

— Eżami tat-tagħmir li jiffiltra ż-żejt

B. **Bastiment tal-ġarr bil-massa/OBO (f'każ li tkun qiegħda tinġarr tagħbija bil-massa)**

Flimkien mal-oġġetti elenkati taħt it-taqsima A, l-oġġetti li ġejjin għandhom jitqiesu bħala parti mill-ispezzjoni estiża fil-każ tal-bastimenti tal-ġarr bil-massa:

(a) *Dokumentazzjoni*

Verifika li d-dokumenti li ġejjin jinsabu abbord, kompluti u approvati mill-Istat tal-bandiera jew minn organizzazzjoni rikonoxxuta:

— Il-programm mtejjeb ta' stħarriġ (ESP) jinkludi:

(i) Rapporti ta' stħarriġ strutturali

(ii) Rapporti tal-kejl tal-ħxuna

(iii) Rapporti ta' evalwazzjoni tal-kondizzjoni

— Eżamina jekk it-tagħbija tistax tinġarr mid-DoC għall-Oġġetti Perikolużi

— Approvazzjoni tal-istrumenti tal-merkanzija

(b) *Il-kondizzjoni strutturali*

— Kondizzjoni tal-paratiji (bulkeads) u tal-muxxillara (coamings)

— Tankijiet tas-saborra

Għall-anqas wieħed mit-tankijiet tas-saborra fiż-żona tat-tagħbija irid ikun eżaminat minn fetħa fit-tank/aċċess mill-gverta u minn ġewwa jekk l-ispettur jistabbilixxi raġuni ċara msejsa fuq osservazzjoni u r-reġistri tal-ESP.

C. **Tanker tal-Gass u tal-Kimika**

Flimkien mal-oġġetti elenkati taħt it-taqsima A, l-oġġetti li ġejjin għandhom jitqiesu bħala parti mill-ispezzjoni estiża għat-tankers li jġorru l-gass u l-kimika:

(a) *Dokumentazzjoni*

— Eżamina jekk il-prodott li jinġarr jinsabx fuq iċ-Ċertifikat rilevanti ta' Idoneità

(b) *Operazzjonijiet tat-tagħbija*

— Monitoraġġ tat-tank tat-tagħbija u l-mezzi ta' sikurezza li għandhom x'jaqsmu mat-temperatura, il-pressjoni u l-kwantità li għad fadal sabiex dan jimtela

— Analiżi tal-ossiġinu u l-mezzi tal-kejl tal-isplussività, inkluż il-kalibrazzjoni tagħhom. Disponibilità ta' tagħmir li jidentifika l-kimika (minfaħ) b'għadd xieraq ta' tubi xierqa li jidentifikaw il-gass fit-tagħbija li qiegħda tinġarr

— Eżami tal-apparat kontra t-tifi tan-nar li jinsab fuq il-gverta

(c) *Sikurezza kontra n-nar*

— Eżami tal-istallazzjonijiet imwaħħla fuq il-gverta f'każ ta' nirien (kif inhu meħtieġ mill-prodott li jinġarr)

(d) *Kondizzjonijiet tal-għajxien u tax-xogħol*

— Settijiet ta' emerġenza għall-kabini li jkun fihom tagħmir li jipproteġi s-sistema respiratorja u l-għajnejn jekk dan ikun meħtieġ mill-prodotti elenkati fiċ-Ċertifikat rilevanti ta' Idoneità

D. **Tagħbija ġenerali, bastiment tal-merkanzija f'kontejners, bastiment li jġorr tagħbija mkessħa, bastiment fabbrika, bastiment li jġorr merkanzija tqila, bastiment li jipprovdi servizzi offshore, bastiment għall-finijiet speċjali, modu, sistemi li jżommu fil-wiċċ użati għall-ħżin u l-ħatt tal-produzzjoni (FPSO), tipi oħra ta' bastimenti**

Flimkien mal-oġġetti elenkati taħt it-taqsima A, l-oġġetti li ġejjin għandhom jitqiesu bħala parti mill-ispezzjoni estiża fil-każ tat-tipi ta' bastimenti msemmija f' din it-Taqsima:

(a) *Il-kondizzjoni tat-tqalfit jew tar-reżistenza għall-maltemp*

— Kondizzjoni tal-koperturi tal-bokkaporti

— Aċċess għall-istivi/tankijiet tat-tagħbija

(b) *Operazzjonijiet tat-tagħbija*

— Tagħmir għat-tagħbija tal-merkanzija

— Arranġamenti għall-irbit tal-merkanzija

E. **Tanker taż-żejt/OBO (meta dan ikun iċċertifikat bħala tanker taż-żejt)**

Flimkien mal-oġġetti elenkati taħt it-taqsima A, l-oġġetti li ġejjin għandhom jitqiesu bħala parti mill-ispezzjoni estiża fil-każ tat-tankers taż-żejt:

(a) *Dokumentazzjoni*

Verifika li d-dokumenti li ġejjin jinsabu abbord, kompluti u approvati mill-Istat tal-bandiera jew minn organizzazzjoni rikonoxxuta

— Il-programm mtejjeb ta' stħarriġ (ESP) jinkludi:

(i) Rapporti ta' stħarriġ strutturali

(ii) Rapporti tal-kejl tal-ħxuna

(iii) Rapporti ta' evalwazzjoni tal-kondizzjoni

— Ċertifikat tal-fowm għal sistemi tat-tifi tan-nar li jużaw il-fowm ta' fuq il-gverta

(b) *Il-kondizzjoni strutturali*

— Tankijiet tas-saborra

Għall-anqas wieħed mit-tankijiet tas-saborra fiż-żona tat-tagħbija irid ikun eżaminat minn fetħa fit-tank/aċċess mill-gverta u minn ġewwa jekk l-ispettur jistabbilixxi raġuni ċara msejsa fuq osservazzjoni u r-reġistri tal-ESP.

(c) *Sikurezza kontra n-nar*

— Sistema tat-tifi tan-nar li tuża l-fowm imwaħħla fuq il-gverta

— Kontroll ta' pressjoni tal-gas minn ġewwa u l-kontenut tal-ossiġinu tiegħu

F. **L-unità tal-inġenji b'veloċità għolja (hsc) tal-passiġġieri, bastimenti tal-passiġġieri, bastimenti tal-passiġġieri ro-ro**

Flimkien mal-oġġetti elenkati taħt it-taqsima A, l-oġġetti li ġejjin għandhom jitqiesu bħala parti mill-ispezzjoni estiża fil-każ tal-bastimenti tal-passiġġieri:

Jekk ikun jidher xieraq, partijiet mill-ispezzjonijiet li jsiru fuq il-laneċ Ro-Ro u l-inġenji tal-baħar ta' veloċità kbira għall-passiġġieri li huma msemmijin fid-Direttiva tal-Kunsill 1999/35/KE ([1]) jistgħu jibqgħu jsiru meta l-bastiment ikun qiegħed isalpa minn port għall-ieħor tal-Istati Membri bil-kunsens tal-kaptan jew tal-operatur sabiex juru li l-lanċa jew l-inġenju tal-baħar għadu jissodisfa r-rekwiżiti neċessarji sabiex jibqgħu joperaw b'mod sikur. L-uffiċjali tal-kontroll tal-Istat tal-port ma għandhomx ixekklu l-operazzjoni tal-bastiment jew joħolqu sitwazzjonijiet, fejn fil-ġudizzju tal-kaptan, tista' tpoġġi s-sikurezza tal-passiġġieri, l-ekwipaġġ jew il-bastiment fil-periklu.

(a) *Dokumentazzjoni*

Dokumenti li jagħtu evidenza ta':

— Taħriġ dwar il-kontroll ta' folol

— Taħriġ ta' familjarizzazzjoni

— Taħriġ dwar is-sikurezza għall-persunal li jipprovdi assistenza diretta ta' sigurtà lill-passiġġieri fi spazji tal-passiġġieri, u b'mod partikolari lill-persuni anzjani jew bi bżonnijiet speċjali f'każ ta' emerġenza

— Kontroll ta' kriżi u taħriġ dwar l-imġiba tal-bniedem

(b) *Il-kondizzjoni tar-reżistenza għall-ilma jew tar-reżistenza għall-maltemp*

— Bibien tal-pruwa u tal-poppa kif inhu applikabbli

— Eżami tal-kontrolli mill-bogħod u lokali tal-bibien tal-paratija reżistenti għall-ilma

(c) *Is-sistemi ta' emerġenza*

— Il-familjarità tal-ekwipaġġ mal-pjan ta' kontroll tal-ħsara

(d) *Operazzjonijiet tat-tagħbija*

— Arranġamenti għall-irbit tal-merkanzija kif inhu applikabbli

(e) *Sikurezza kontra n-nar*

— Eżami tal-kontrolli mill-bogħod u lokali għall-għeluq ta' dampers għan-nar

(f) *Alarms*

— Eżami tas-sistema ta' indirizz pubbliku

— Eżami tas-sistema li tidentifika n-nar u tas-sistema ta' alarm

(g) *Attrezzaturi għas-salvataġġ tal-ħajja*

— Taħriġ dwar l-abbandun tal-bastiment (inkluż it-tniżżil ta' dgħajsa tas-salvataġġ fl-ilma)

G. **Bastiment tat-tagħbija Ro-Ro**

Flimkien mal-oġġetti elenkati taħt it-taqsima A, l-oġġetti li ġejjin għandhom jitqiesu bħala parti mill-ispezzjoni estiża fil-każ tal-bastimenti tat-tagħbija Ro-Ro:

(a) *Kondizzjoni tat-tqalfit jew tar-reżistenza għall-maltemp*

— Bibien tal-pruwa u tal-poppa

(b) *Operazzjonijiet tat-tagħbija*

— Arranġamenti għall-irbit tal-merkanzija

---

([1]) ĠU L 138, 1.6.1999, p. 1.

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 429/2010

## tal-20 ta' Mejju 2010

## li jdaħħal denominazzjoni fir-reġistru tad-denominazzjonijiet tal-oriġini protetti u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti [Pemento de Oímbra (IĠP)]

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006 tal-20 ta' Marzu 2006 dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi u d-denominazzjonijiet tal-oriġini għall-prodotti agrikoli u l-oġġetti tal-ikel ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 7(4), l-ewwel subparagrafu tiegħu,

Billi:

(1) Skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 6(2) u l-Artikolu 17(2) tar-Regolament (KE) Nru 510/2006, l-applikazzjoni ta' Spanja għar-reġistrazzjoni tad-denominazzjoni "Pemento de Oímbra" ġiet ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ([2]).

(2) Ladarba l-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda stqarrija ta' oġġezzjoni skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 510/2006, din id-denominazzjoni għandha tiġi rreġistrata,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Id-denominazzjoni msemmija fl-Anness għal dan ir-Regolament b'dan hija rreġistrata.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-20 ta' Mejju 2010.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

José Manuel BARROSO

---

([1]) ĠU L 93, 31.3.2006, p. 12.

([2]) ĠU C 223, 16.9.2009, p. 26.

*ANNESS*

Prodotti agrikoli maħsuba għall-konsum mill-bniedem elenkati fl-Anness I għat-Trattat:

**Klassi 1.6. Frott, ħaxix u ċereali, friski jew ipproċessati**

SPANJA

Pemento de Oímbra (IĠP)

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 430/2010

## tal-20 ta’ Mejju 2010

## li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 2454/93 li jiffissa d-dispożizzjonijiet għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali Komunitarju

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2913/92 tat-12 ta’ Ottubru 1992 li jwaqqaf il-Kodiċi Doganali tal-Komunità ([1]), u b’mod partikolari l-Artikolu 247 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 648/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]) introduċa fir-Regolament (KEE) Nru 2913/92 l-obbligu li jitressqu d-dikjarazzjonijiet sommarja tad-dħul u l-ħruġ b’mezzi elettroniċi. Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 273/2009 ([3]) li jidderoga minn ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93 ([4]) jipprovdi għal fażi ta’ tranżizzjoni li tiskadi fil-31 ta’ Diċembru 2010 li fiha operaturi ekonomiċi jistgħu, iżda mhux bilfors, iressqu dikjarazzjonijiet sommarja tad-dħul u ħruġ b’mezzi elettroniċi.

(2) Huwa xieraq li jsiru xi tibdil għar-regoli dwar dikjarazzjonijiet sommarja tad-dħul u ħruġ li għandhom l-għan li jnaqqsu piż amministrattiv f’każijiet fejn, għar-raġunijiet ta’ sikurezza u sigurtà, dikjarazzjonijiet bħal dawn mhumiex meħieġa. Barra minn hekk, għar-raġunijiet ta’ analiżi aħjar tar-riskju, affarijiet tad-dar kif definiti fl-Artikolu 2(1) (d) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1186/2009 tas-16 ta’ Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta’ eżenzjonijiet mid-dazju doganali ([5]) m’għandhomx jiġu eżentati minn dikjarazzjonijiet bħal dawn jekk isiru taħt kuntratt tat-trasport.

(3) F’ċerti każijiet id-dispożizzjoni ta’ dejta dwar sikurezza u sigurtà fid-dikjarazzjonijiet doganali u r-rekwiżit ta’ limitu ta’ żmien speċifiku sabiex wieħed jipprovdi dikjarazzjonijiet bħal dawn mhumiex meħtieġa għal raġunijiet ta’ sikurezza u sigurtà sabiex aktar derogi ikunu introdotti f’dan ir-rigward; derogi bħal dawn m’għandhomx, madanakollu, jaffettwaw ir-regoli ġenerali dwar dikjarazzjonijiet doganali, fi kwalunkwe forma li dawn jistgħu jiġu ppreżentati.

(4) F’ċerti każijiet fejn il-limiti taż-żmien relatati mas-sikurezza u s-sigurtà għal dikjarazzjonijiet tal-esportazzjoni ma japplikawx, bħal pereżempju fornimenti għal bastiment u ajruplan, għandu jkun possibbli għall-awtoritajiet doganali biex jawtorizzaw operaturi ekonomiċi affidabbli sabiex idaħħlu l-merkanzija esportata fir-reġistri tagħhom u sabiex jirrapurtaw l-operazzjonijiet ta’ esportazzjoni tagħhom fuq bażi perjodika wara li l-merkanzija tkun telqet it-territorju doganali tal-Komunità.

(5) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1192/2008 li jemenda Regolament (KEE) Nru 2454/93 ([6]) introduċa kriterji komuni u formula tal-applikazzjoni komuni għall-għoti ta’ awtorizzazzjonijiet għal dikjarazzjonijiet simplifikati u għall-proċedura ta’ domiċilju lokali. Għandu jiġi ċċarat li dawn ir-regoli japplikaw lill-proċeduri doganali kollha. L-istess Regolament introduċa fl-Artikolu 253a b’effett mill-1 ta’ Jannar 2011 ir-rekwiżit li l-użu tad-dikjarazzjonijiet simplifikati jew il-proċedura ta’ domiċilju lokali se jkunu subordinati għall-preżentazzjoni ta’ dikjarazzjonijiet u notifiki elettroniċi doganali. Xi Stati Membri informaw lill-Kummissjoni li sistemi bħal dawn jistgħu ma jkunux disponibbli f’kull każ sa dik id-data. Sakemm analiżi tar-riskju effettiva tkun saret, għandu jkun possibbli għal dawk l-Istati Membri, taħt il-kundizzjonijiet li jippreskrivu, biex jaċċettaw dikjarazzjonijiet u notifiki doganali f’forom oħra li mhumiex elettroniċi sakemm jibda japplika r-Regolament (KE) Nru 450/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta’ April 2008 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali Komunitarju (Kodiċi Doganali Modernizzat) ([7]).

(6) Jekk il-merkanzija li tinsab f’kustodja temporanja jew f’żona libera li hi sottoposta għal kontroll ta’ tip I hi esportata mill-ġdid mit-territorju doganali tal-Komunità mingħajr dikjarazzjoni sommarja ta’ ħruġ, hemm bżonn li jiġi previst metodu alternattiv ta’ reġistrazzjoni jew notifika tal-esportazzjoni mill-ġdid u tiġi indikata l-persuna responsabbli.

(7) Għandu għalhekk jiġi ċċarat li l-formalitajiet tal-esportazzjoni m’għandhomx jintużaw biss għall-merkanzija Komunitarja li għandha tintbagħt f’destinazzjoni ’l barra mit-territorju doganali tal-Komunità, iżda ukoll fir-rigward ta’ eżenzjonijiet mit-taxxa fuq forniment għall-ajruplani u l-bastimenti sabiex persuni li jikkonsenjaw fornimenti bħal dawn jistgħu jirċievu prova ta’ ħruġ mit-territorju doganali tal-Komunità meħtieġa minħabba eżenzjoni mit-taxxa. L-istess regoli għandhom japplikaw fejn merkanzija mhux Komunitarja għandha tiġi esportara mill-ġdid taħt il-kappa ta’ dikjarazzjoni ta’ esportazzjoni mill-ġdid.

([1]) ĠU L 302, 19.10.1992, p. 1.
([2]) ĠU L 117, 4.5.2005, p. 13.
([3]) ĠU L 91, 3.4.2009, p. 14.
([4]) ĠU L 253, 11.10.1993, p. 1.
([5]) ĠU L 324, 10.12.2009, p. 23.
([6]) ĠU L 329, 6.12.2008, p. 1.
([7]) ĠU L 145, 4.6.2008, p. 1.

(8) L-Artikoli 278, 279 u 280 tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud ([1]) u l-Artikolu 3 tad-Direttiva tal-Kunsill 2008/118/KE tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar l-arranġamenti ġenerali għad-dazju tas-sisa u li jħassar id-Direttiva 92/12/KEE ([2]) jeħtieġu l-użu tal-formalitajiet ta' importazzjoni u esportazzjoni fejn merkanzija Komunitarja titmexxa lejn u minn territorji ġewwa t-territorju doganali tal-Komunità fejn dawk id-Direttivi ma japplikawx. Huwa xieraq li wieħed jirreferi għal dawk id-dispożizzjonijiet u li jiġu eżentati movimenti bħal dawn mir-rekwiżit sabiex jipprovdu sikurezza u sigurtà dwar dejta u li jirrispetta limiti ta' żmien speċjali għall-kontrolli relatati mas-sikurezza u s-sigurtà peress li dawk id-dispożizzjonijiet japplikaw biss għal merkanzija li ddaħħlet fil- jew inħarġet mit-territorju doganali tal-Komunità. Minħabba s-sitwazzjoni ġeografika tagħhom, il-limiti taż-żmien speċjali għall-kontrolli ta' sigurtà u sikurezza u d-dispożizzjoni ta' dejta relatata mas-sigurtà u sikurezza wkoll mhumiex meħtieġa fejn il-merkanzija tinġieb f'Helgoland, fir-Repubblika ta' San Marino u fl-Istat tal-Belt tal-Vatikan.

(9) L-uffiċċju doganali fejn id-dikjarazzjoni sommarja tal-ħruġ għandha tiġi ppreżentata u l-persuna responsabbli għall-preżentazzjoni ta' dikjarazzjoni bħal din għandhom jiġu speċifikati. Din il-kjarifika għandha tinkludi sitwazzjonijiet li fihom, minflok dikjarazzjoni sommarja ta' ħruġ, tiġi preżentata dikjarazzjoni ta' tranżitu li fiha dejta ta' dikjarazzjoni sommarja ta' ħruġ.

(10) Sabiex wieħed jiffaċilita s-superviżjoni doganali fl-uffiċċju doganali ta' ħruġ, hu meħtieġ li jiġu speċifikati l-obbligi ta' persuni li qed jgħaddu l-merkanzija lil persuna oħra qabel ma l-merkanzija toħroġ 'il barra mit-territorju doganali tal-Komunità u l-obbligi tal-persuni li jkollhom jipprovdu informazzjoni dwar il-ħruġ ta' merkanzija lill-uffiċċju doganali tal-ħruġ. L-istess obbligi għandhom japplikaw f'każijiet fejn il-merkanzija ddikjarata għall-esportazzjoni u ppreżentata fl-uffiċċju doganali tal-ħruġ mhux se jinħarġu aktar mit-territorju doganali tal-Komunità u jitneħħew mill-uffiċċju doganali tal-ħruġ.

(11) Permezz tad-Direttiva 2008/118/KE l-użu tas-Sistema Kompjuterizzata dwar il-Moviment tas-Sisa (EMCS) hu mandatorju għal moviment tal-merkanzija doganali taħt sospensjoni tad-dazju tas-sisa mill-1 ta' Jannar 2011. Skont dik id-Direttiva, il-moviment tal-merkanzija Komunitarja li hi taħt sospensjoni tad-dazju tas-sisa b'destinazzjoni 'il barra mit-territorju doganali tal-Komunità għandu jseħħ taħt il-proċedura ta' esportazzjoni li għaliha sistema kompjuterizzata għandha tintuża. Ir-regoli speċjali dwar l-użu tad-dokument amministrattiv ta' akkompanjament provdut mir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2719/92 tal-11 ta' Settembru 1992 dwar id-dokument amministrattiv ta' akkumpanjament għall-moviment taħt arranġamenti ta' sospensjoni tat-taxxa fuq prodotti soġġetti għat-taxxa tas-sisa ([3]) għandhom għalhekk jiġu mħassra b'effett mill-1 ta' Jannar 2011. Proċeduri ta' esportazzjoni li bdew taħt il-kappa ta' dokument amministrattiv ta' akkumpanjament qabel dik id-data għandhom jiġu terminati skont l-Artikolu 793c tar-Regolament (KEE) Nru 2454/93 kif kien applikabbli fil-31 ta' Diċembru 2010.

(12) Dawn l-emendi m'għandhomx jirrikjedu xi bidliet lil dawk is-sistemi elettroniċi li huma jew għandhom ikunu lesti meta dan ir-Regolament jibda japplika.

(13) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament tfasslu b'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Ir-Regolament (KEE) Nru 2454/93 huwa emendat kif ġej:

(1) Fl-Artikolu 1, jiddaħħal il-punt 18 li ġej:

"18. *Id-dikjarazzjoni sommarja tal-ħruġ* tfisser: Id-dikjarazzjoni sommarja imsemmija fl-Artikolu 182c tal-Kodiċi, li trid tiġi ppreżentata għall-merkanziji li tinħareġ mit-territorju doganali tal-Komunità, ħlief fejn ipprovdut mod ieħor f'dan ir-Regolament."

(2) L-Artikolu 181c huwa emendat kif ġej:

(a) Il-punt (e) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(e) merkanzija li għaliha dikjarazzjoni doganali magħmula minn kwalunkwe att ieħor hi ammessa f'konformità mal-Artikoli 230, 232 u 233, ħlief għall-affarijiet tad-dar kif definiti fl-Artikolu 2, paragrafu 1, ittra (d) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 1186/2009 (*), u tal-paletts, kontejners u mezzi ta' trasport tat-triq, ferrovjarju, bl-ajru, marittimu u kanali interni, trasportati taħt kuntratt tat-trasport;

(*) ĠU L 324, 10.12.2009, p. 23."

([1]) ĠU L 347, 11.12.2006, p. 1.
([2]) ĠU L 9, 14.1.2009, p. 12.
([3]) ĠU L 276, 19.9.1992, p. 1.

(b) Il-punt (g) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(g) merkanzija li għaliha dikjarazzjoni doganali magħmula minn kwalunkwe att ieħor hi ammessa f'konformità mal-Artikoli 225, 227 u 229(1), ħlief għall-affarijiet tad-dar kif definiti fl-Artikolu 2, paragrafu 1, ittra (d) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 1186/2009*, u tal-paletts, kontejners u mezzi ta' trasport tat-triq, ferrovjarju, bl-ajru, marittimu u kanali interni, trasportati koperti b' kuntratt tat-trasport;"

(c) Punt (m) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(m) il-merkanzija li ġejja mdaħħla fit-territorju doganali tal-Komunità direttament mill-pjattaformi tat-tħaffir jew produzzjoni jew turbini tar-riħ imħaddma minn persuna stabbilita fit-territorju doganali tal-Komunità:

(i) il-merkanzija li kienet inkorporata f'dawn il-pjattaformi jew turbini tar-riħ, għall-għanijiet tal-kostruzzjoni, it-tiswija, il-manutenzjoni jew il-konverżjoni tagħhom;

(ii) merkanzija li ġiet użata biex jeħlu jew jekwipaġġaw l-imsemmijin pjattaformi jew turbini tar-riħ;

(iii) dispożizzjonijiet oħra użati jew ikkunsmati fuq il-pjattaformi jew turbini tar-riħ imsemmija; u

(iv) u prodotti ta' skart mhux perikoluż mill-pjattaformi jew turbini tar-riħ imsemmija;"

(d) Għandu jiġi miżjud il-punt (o) li ġej:

"(o) merkanzija li nġiebet minnn territorji li jinsabu fit-territorju doganali tal-Komunità fejn id-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE (*) jew id-Direttiva tal-Kunsill 2008/118/KE (**) ma japplikawx, u merkanzija miġjuba minn Helgoland, ir-Repubblika ta' San Marino u l-Istat tal-Belt tal-Vatikan lejn it-territorju doganali tal-Komunità.

(*) ĠU L 347, 11.12.2006, p. 1.
(**) ĠU L 9, 14.1.2009, p. 12."

(3) Fl-Artikolu 184d(3) il-frażi "Artikolu 181c (c) sa (i), (l) sa (n)" hi sostitwita bl- "Artikolu 181c (c) sa (i), (l) sa (o)".

(4) Fl-Artikolu 189 għandu jiżdied il-paragrafu li ġej:

"Madanakollu, merkanzija li tiddaħħal fit-territorju doganali tal-Komunità li huma mħottija u mgħobbija fuq l-istess mezz ta' trasport waqt il-vjaġġ inkwistjoni sabiex ikun possibbli l-iskarikar jew karikar ta' merkanzija oħra, m'għandhiex tkun preżentata lid-dwana."

(5) Fl-Artikolu 253a, għandu jiżdied il-paragrafu li ġej:

"Madanakollu, f'każijiet fejn is-sistemi kompjuterizzati tal-awtoritajiet doganali jew tal-operaturi ekonomiċi mhumiex lesti għal preżentazzjoni jew sabiex jirċievu dikjarazzjoni doganali simplifikati jew avviżi ta' domiċilju lokali bl-użu ta' teknika tal-ipproċessar tad-dejta, l-awtoritajiet doganali jistgħu jaċċettaw forom oħra ta' dikjarazzjonijiet u avviżi kif preskritti minnhom, sakemm isir analiżi ta' riskju effettiv."

(6) Fl-Artikolu 261, il-paragrafu 1 għandu jiġi ssostitwit b'li ġej:

"1. Awtorizzazzjoni għall-użu tal-proċedura ta' dikjarazzjoni simplifikata għandha tingħata lill-applikant jekk il-kundizzjonijiet u l-kriterji msemmija fl-Artikoli 253, 253a, 253b u 253c jintlaħqu."

(7) Fl-Artikolu 264, il-paragrafu 1 għandu jiġi ssostitwit b'li ġej:

"1. Awtorizzazzjoni għall-użu tal-proċedura ta' domiċilju lokali għandha tingħata lill-applikant jekk il-kundizzjonijiet u l-kriterji msemmija fl-Artikoli 253, 253a, 253b u 253c jintlaħqu."

(8) Fl-Artikolu 269, il-paragrafu 1 għandu jiġi ssostitwit b'li ġej:

"1. Awtorizzazzjoni għall-użu tal-proċedura ta' dikjarazzjoni simplifikata għandha tingħata lill-applikant jekk il-kundizzjonijiet u l-kriterji msemmija fl-Artikoli 253, 253a, 253b, 253c u 270 jintlaħqu."

(9) Fl-Artikolu 272, il-paragrafu 1 għandu jiġi ssostitwit b'li ġej:

"1. Awtorizzazzjoni għall-użu tal-proċedura ta' domiċilju lokali għandha tingħata lill-applikant jekk il-kundizzjonijiet u l-kriterji msemmija fil-paragrafu 2 u fl-Artikoli 253, 253a, 253b, 253c u 274 jintlaħqu."

(10) L-Artikolu 279 hu mibdul b'dan li ġej:

*"L-Artikolu 279*

Il-formalitajiet ta' esportazzjoni provduti fl-Artikoli 786 sa 796e jistgħu jiġu ssimplifikati skont dan il-Kapitolu."

(11) Fl-Artikolu 282, il-paragrafu 1 għandu jiġi ssostitwit b'li ġej:

"1. Awtorizzazzjoni sabiex tiġi użata l-proċedura ta' dikjarazzjoni ssimplifikata għandha tingħata f'konformità mal-kundizzjonijiet u skont il-metodu stabbilit fl-Artikoli 253, 253a, 253b, 253c, 261(2) u, *mutatis mutandis*, l-Artikolu 262."

(12) L-Artikolu 283 hu mibdul b'dan li ġej:

*"L-Artikolu 283*

L-awtorizzazzjoni għall-użu ta' proċedura lokali ta' domiċilju għandha tingħata taħt il-kundizzjonijiet u bil-mod stabbilit fl-Artikoli 253, 253a, 253b u 253c lil kull persuna, minn hawn 'il quddiem imsemmija bħala 'esportatur approvat' li tixtieq twettaq proċeduri ta' esportazzjoni fl-istabbiliment tagħha jew f' xi postijiet oħra indikati jew approvati mill-awtoritajiet doganali."

(13) L-Artikolu 284 jitħassar.

(14) Fl-Artikolu 285a, għandu jiżdied il-paragrafu 1a li ġej:

"1a. F'każijiet fejn japplika Artikolu 592a jew 592d, l-awtoritajiet doganali jistgħu jawtorizzaw lil operatur ekonomiku sabiex immedjatament idaħħal fir-reġistru tiegħu kull biċċa xogħol ta' esportazzjoni u sabiex jirrappurtahom kollha lill-uffiċċju doganali ta' awtorizzazzjoni f'dikjarazzjoni supplimentari fuq bażi perjodika sa xahar wara li l-merkanzija tkun ħarġet mit-territorju doganali tal-Komunità. Awtorizzazzjoni bħal din tista' tiġi mogħtija skont dawn il-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-operatur ekonomiku juża l-awtorizzazzjoni biss għal merkanzija li mhix soġġettagħal projbizzjonijiet u restrizzjonijiet;

(b) l-operatur ekonomiku jipprovdi l-informazzjoni kollha lill-uffiċċju doganali tal-esportazzjoni li dan l-uffiċċju jikkunsidra neċessarja li jippermettilu li jwettaq kontrolli fuq l-oġġetti;

(c) fil-każijiet fejn l-uffiċċju doganali tal-esportazzjoni hu differenti mill-uffiċċju doganali tal-ħruġ, l-awtoritajiet doganali għandhom ikunu jaqblu għall-użu ta' ftehim bħal dan u l-informazzjoni msemmija taħt punt (b) tkun ukoll disponibbli lill-uffiċċju doganali tal-ħruġ.

Fejn il-ftehim imsemmi fl-ewwel sub-paragrafu jiġi użat dħul tal-oġġetti fir-reġistri se tkun meqjusa li tkun rilaxx għall-esportazzjoni u ħruġ."

(15) L-Artikolu 592a hu emendat kif ġej:

(a) Punt (e) hu sostitwit b'dan li ġej:

"(e) merkanzija li għaliha dikjarazzjoni doganali magħmula minn att ieħor kwalunkwe hu permess f'konformità mal-Artikoli 231, 232(2) u 233 bl-eċċezzjoni, jekk trasportati taħt kuntratt tat-trasport, ta' affarijiet tad-dar kif definiti fl-Artikolu 2(1)(d) tar-Regolament (KE) Nru 1186/2009, u ta' paletts, kontejners, u mezz ta' trasport tat-triq, ferrovija, ajru, baħar u kanali interni;"

(b) Punt (g) hu sostitwit b'dan li ġej:

"(g) merkanzija li għaliha dikjarazzjoni doganali magħmula minn att ieħor kwalunkwe hu permess f'konformità mal-Artikoli 226, 227 u 229(2) bl-eċċezzjoni, jekk trasportati taħt kuntratt tat-trasport, ta' affarijiet tad-dar kif definiti fl-Artikolu 2(1) (d) tar-Regolament (KE) Nru 1186/2009, u ta' paletts, kontejners, u mezz ta' trasport tat-triq, ferrovija, ajru, baħar u kanali interni;"

(c) Punt (l) hu sostitwit b'dan li ġej:

"(l) il-merkanzija li nħarġet mit-territorju doganali tal-Komunità direttament lejn pjattaformi tat-tħaffir jew produzzjoni jew turbini tar-riħ operati minn persuna stabbilita fit-territorju doganali tal-Komunità:

(i) merkanzija li għandha tintuża għall-kostruzzjoni, it-tiswija, il-manutenzjoni jew il-konverżjoni ta' dawn il-pjattaformi jew turbini tar-riħ;

(ii) merkanzijai li għandha tiġi mwaħħla jew użata bħala ekwipaġġament mal-imsemmijin pjattaformi jew turbini tar-riħ;

(iii) dispożizzjonijiet oħra użati jew ikkunsmati fuq il-pjattaformi jew turbini tar-riħ imsemmija;"

(d) Il-punti (n) sa (p) li ġejjin huma miżjuda:

"(n) merkanzija intitolata għall-eżenzjoni skont il-Konvenzjoni ta' Vjenna dwar relazzjonijiet diplomatiċi tat-18 ta' April 1961, il-Konvenzjoni ta' Vjenna ta' relazzjonijiet konsulari tal-24 ta' April 1963 jew konvenzjonijiet konsulari oħra, jew il-Konvenzjoni ta' New York tas-16 ta' Diċembru 1969 dwar missjonijiet speċjali;

(o) merkanzija li hi fornita għal inkorporazzjoni bħala parti minn jew aċċessorju f'bastimenti u ajruplani, fjuwils tal-mutur, lubrifikanti u gass meħtieġ għat-tħaddim ta' bastimenti jew ajruplani, oġġetti tal-ikel, u affarijiet oħra li għandhom jiġu kkonsmati jew mibjugħa abbord;

(p) merkanzija li se tintbagħat għal territorji li jinsabu fit-territorju doganali tal-Komunità fejn id-Direttiva 2006/112/KE jew id-Direttiva 2008/118/KE ma tapplikax u merkanzija maħruġa minn dawn it-territorji lejn destinazzjoni oħra fit-territorju doganali tal-Komunità, kif ukoll merkanzija maħruġa mit-territorju doganali tal-Komunità lejn Helgoland, ir-Repubblika ta' San Marino u l-Istat tal-Belt tal-Vatikan."

(16) L-Artikolu 592b huwa emendat kif ġej:

(a) Fil-paragrafu 1, il-punt (e) għandu jitħassar.

(b) Il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Fejn id-dikjarazzjoni doganali ma tiġix iddepożitata permezz ta' metodu tal-ipproċessar tad-dejta, il-limiti ta' żmien stabbiliti fil-punti (a) (iii) u (iv), (b), (c) u (d) tal-paragrafu 1 għandu jkun mill-inqas ta' erba' sigħat."

(17) Fl-Artikolu 592 g il-frażi "Artikolu 592a(c) sa (m)" hi sostitwita bl-"Artikolu 592a(c) sa (p)".

(18) Fil-Kapitolu 2 tat-Titolu IV, jiddaħħal l-Artikolu 786 li ġej:

*"Artikolu 786*

1. Il-proċedura ta' esportazzjoni, skont it-tifsira tal-Artikolu 161(1) tal-Kodiċi, għandha tiġi użata fejn il-merkanzija Komunitarja għandha tintbagħat lejn destinazzjoni li hi 'il barra mit-territorju doganali tal-Komunità.

2. Il-formalitajiet li jikkonċernaw id-dikjarazzjoni ta' esportazzjoni mniżżlin f'dan il-Kapitolu għandhom ukoll jintużaw f'każijiet

(a) fejn merkanzija Komunitarja għandha tiċċaqlaq lejn u minn territorji li jinsabu fit-territorju doganali tal-Komunità fejn id-Direttiva 2006/112/KE jew id-Direttiva 2008/118/KE ma japplikawx;

(b) fejn merkanzija Komunitarja tiġi kkunsenjata eżentata mit-taxxa bħal fornimenti għall-ajruplani u bastimenti indipendentement mid-destinazzjoni tal-ajruplan jew bastiment.

Madanakollu, fil-każijiet imsemmija taħt punti (a) u (b), m'għandhux ikun neċessarju li jiġu inklużi fid-dikjarazzjoni tal-esportazzjoni d-dettalji għal dikjarazzjoni sommarja tal-ħruġ imsemmija fl-Anness 30 A."

(19) Fl-Artikolu 792a(2) il-frażi "Artikolu 793a(6)" hi sostitwita bil-"punt (b) tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 793(2)".

(20) Fl-Artikolu 793 jiżdied il-paragrafu 3 li ġej:

"3. Fil-każijiet imsemmija f'punt (b) tat-tieni subparagrafu tal-paragrafu 2, fejn merkanzija meħuda taħt kuntratt tat-trasport singolu tasal fl-uffiċċju doganali fil-punt eżatt tal-ħruġ mit-territorju doganali tal-Komunità, it-trasportatur għandu, meta mitlub, jagħti lil dak l-uffiċċju wieħed mill-affarijiet li ġejjin:

(a) in-Numru ta' Referenza tal-Moviment tad-dikjarazzjoni ta' esportazzjoni fejn disponibbli; jew

(b) kopja tal-kuntratt tat-trasport singolu jew id-dikjarazzjoni tal-esportazzjoni għall-merkanzija kkonċernata; jew

(c) in-numru ta’ referenza ta’ kunsinnja uniku jew in-numru ta’ referenza tad-dokument tat-trasport u n-numru ta’ pakketti u, jekk f’kontejner, in-numru ta’ identifikazzjoni tat-tagħmir; jew

(d) informazzjoni dwar il-kuntratt singolu tat-trasport jew it-trasport ta’ merkanzija barra mit-territorju doganali tal-Komunità li tinsab fis-sistema tal-ipproċessar tad-dejta tal-persuna li qed tieħu l-merkanzija jew sistema tal-ipproċessar tad-dejta kummerċjali oħra.”

(21) Fl-Artikolu 793a, jitħassar il-paragrafu 6.

(22) L-Artikolu 793c hu mħassar.

(23) Fl-Artikolu 796c, it-tieni paragrafu għandu jinbidel b’dan li ġej:

“Notifika bħal din għandu jkun fiha n-Numru ta’ Referenza tal-Moviment tad-dikjarazzjoni tal-esportazzjoni.”

(24) L-Artikolu 796d huwa emendat kif ġej:

(a) Il-paragrafu 1 huwa sostitwit b’dan li ġej:

“1. Mingħajr ħsara għall-punt (b) tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 793(2), l-uffiċċju doganali tal-ħruġ għandu jkun sodisfatt li l-merkanzija ppreżentata tikkorrispondi għal dik dikjarata u għandu jissorvelja l-ħruġ fiżiku tal-merkanzija mit-territorju doganali tal-Komunità. Kwalunkwe eżami tal-merkanzija għandu jitwettaq mill-uffiċċju doganali tal-ħruġ permezz tal-messaġġ ta’ ‘Rekord Anitiċipat ta’ Esportazzjoni’ riċevut mill-uffiċċju doganali tal-esportazzjoni bħala bażi għal eżami bħal dan.

Sabiex isseħħ is-sorveljanza doganali meta l-merkanzija tiġi mħottija minn mezz tat-trasport u mogħtija lil persuna oħra li għandu l-pussess tal-merkanzija, u mgħobbija għal mezz tat-trasport ieħor li se jġorr il-merkanzija barra mit-territorju doganali tal-Komunità wara l-preżentazzjoni fl-uffiċċju doganali tal-ħruġ, id-dispożizzjonijiet li ġejjin għandhom japplikaw:

(a) Mhux aktar tard minn meta l-merkanzija tkun se tgħaddi għand pussessur ieħor, il-pussessur preċedenti għandu javża lill-pussessur tal-merkanzija li jmiss dwar in-numru ta’ referenza tal-kunsinnja uniku jew dwar in-numru ta’ referenza tad-dokument tat-trasport, in-numru tal-pakketti jew, jekk jinsabu ġo kontejners, in-numru ta’ identifikazzjoni tat-tagħmir, u jekk inkun inħareġ wieħed, in-Numru ta’ Referenza tal-Moviment tad-dikjarazzjoni ta’ esportazzjoni. Dan il-parir jista’ jingħata elettronikament u/jew b’sistemi u proċessi ta’ informazzjoni kummerċjali, marittima jew tat-trasport jew, fejn mhumiex disponibbli, b’kwalunkwe forma oħra. Mhux aktar tard minn meta tgħaddi l-merkanzija għand xi ħadd ieħor, din il-persuna għandha tirreġistra l-parir mogħti mill-pussessur preċedenti eżatti qablu tal-merkanzija.

(b) Trasportatur ma jistax jgħabbi merkanzija għall-ġarr barra mit-territorju doganali tal-Komunità sakemm l-informazzjoni msemmija taħt punt (a) ingħatat lit-trasportatur.

(c) It-trasportatur għandu jinnotifika l-ħruġ tal-merkanzija lill-uffiċċju doganali tal-ħruġ billi jipprovdi l-informazzjoni msemmija taħt punt (a) sakemm dik l-informazzjoni ma tkunx disponibbli lill-awtoritajiet doganali permezz ta’ sistemi jew proċessi kummerċjali, marittimi jew tat-trasport eżistenti. Kull fejn hu possibbli din in-notifika għandha tifforma parti mill-manifest jew mir-rekwiżiti oħrajn tan-notifika dwar it-trasport.

Minħabba t-tieni subparagrafu ‘trasportatur’ tfisser persuna li ġġib il-merkanzija, jew tieħu r-responsabbiltà għall-ġarr tal-merkanzija, barra mit-territorju doganali tal-Komunità. Iżda,

— Fil-każ ta’ trasportazzjoni mħallta, fejn il-mezz ta’ trasportazzjoni li qed iħalli t-territorju doganali tal-Komunità qed iġorr biss mezz ta’ trasport ieħor li, wara l-wasla tal-mezz tat-trasport attiv fid-destinazzjoni tiegħu, se jimxi waħdu bħala mezz ta’ trasport attiv, trasportatur tfisser il-persuna li se tħaddem il-mezz tat-trasport li se jimxi waħdu ladarba l-mezz tat-trasport li se jħalli t-territorju doganali tal-Komunità jkun wasal fid-destinazzjoni tiegħu,

— fil-każ ta’ traffiku bil-baħar jew bl-ajru fejn hemm arranġament għal sehem fl-użu jew kuntrattar tal-bastiment, trasportatur tfisser il-persuna li kkonkludiet kuntratt u ħarġet polza ta’ karigu jew karigu bl-ajru, għall-ġarr effettiv ta’ merkanzija barra mit-territorju doganali tal-Komunità.”

(b) Għandu jiddaħħal il-paragrafu 4 li ġej:

"4. Mingħajr ħsara għall-Artikolu 792a, fejn merkanzija dikjarata għall-esportazzjoni m'għadhiex intiża li tinħareġ barra mit-territorju doganali tal-Komunità, il-persuna li tneħħi l-merkanzija mill-uffiċċju doganali tal-ħruġ għal ġarr lejn post ġewwa t-territorju għandha tipprovdi lill-uffiċċju doganali tal-ħruġ informazzjoni msemmija f'punt (a) tat-tieni subparagrafu tal-paragrafu 1. Dan it-tagħrif jista' jiġi pprovvdut f'kwalunkwe forma."

(25) L-Artikolu 796da(4) punt (e) hu sostitwit b'dan li ġej:

"(e) ir-reġistri tal-oġġetti tal-operaturi ekonomiċi forniti li dawk li jħaffru għaż-żejt u gass u pjattaformi ta' produzzjoni jew turbini tar-riħ."

(26) Fl-Artikolu 841(1) il-frażi "Artikoli 787 sa 796e" hi sostitwita bl- "Artikoli 786(1), (2)(b) u 787 sa 796e".

(27) L-Artikolu 841a huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 841a*

1. F'każijiet oħra differenti minn dawk definiti fit-tielet sentenza tal-Artikolu 182(3) tal-Kodiċi, esportazzjoni mill-ġdid għandha tiġi notifikata permezz ta' dikjarazzjoni sommarja tal-ħruġ skont l-Artikoli 842a sa 842e, ħlief fejn dan ir-rekwiżit jiġi dispensat skont l-Artikolu 842a(3) jew (4).

2. Fejn merkanzija taħt kustodja temporanja jew f'żona libera sottoposta għal kontroll tat-tip I hi esportata mill-ġdid u mhix meħtieġa dikjarazzjoni doganali jew sommarja ta' ħruġ, l-esportazzjoni mill-ġdid għandha tiġi notifikata lill-uffiċċju doganali kompetenti għall-post minn fejn l-oġġetti se jħallu t-territorju doganali tal-Komunità qabel il-ħruġ tal-merkanzija fil-forma preskritta mill-awtoritajiet doganali.

Il-persuna msemmija fil-paragrafu 3 għandha, fuq talba tagħha, tiġi awtorizzata sabiex temenda xi wieħed jew aktar mid-dettalji tan-notifika. Emenda bħal din mhix aktar possibbli wara li l-merkanzija msemmija fin-notifika tkun telqet mit-territorju doganali tal-Komunità.

3. In-notifika msemmija taħt l-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 2 għandha ssir mit-trasportatur. Madanakollu, dikjarazzjoni bħal din għandha tiġi ppreżentata mill-pussessur tal-faċilità ta' ħażna temporanja jew mill-pussessur ta' faċilità ta' ħażna fiż-żona libera ta' kontroll tat-tip I, jew kwalunkwe persuna oħra li hi kapaċi li tippreżenta l-merkanzija, fejn it-trasportatur kien ġie informat, u kien ta l-kunsens tiegħu taħt ftehim kuntrattwali, li l-persuna msemmija fit-tieni sentenza ta' dan il-paragrafu jippreżenta n-notifika. L-uffiċċju doganali ta' ħruġ jista' jassumi, ħlief fejn hemm evidenza għall-kuntrarju, li t-trasportatur kien ta l-kunsens tiegħu taħt arraġamenti kuntrattwali u li n-notifika kienet ġiet ippreżentata bl-għarfien tiegħu.

Is-subparagrafu tal-aħħar tal-Artikolu 796d(1) għandu japplika fir-rigward tad-definizzjoni ta' trasportatur.

4. Fil-każijiet fejn, wara n-notifika msemmija fl-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 2, il-merkanzija mhix aktar intiża li tinħareġ mit-territorju doganali tal-Komunità, l-Artikolu 796d(4) għandu japplika *mutatis mutandis*."

(28) L-Artikolu 842a huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 842a*

1. Mingħajr ħsara għall-paragrafi 3 u 4, meta l-ħruġ tal-merkanzija barra mit-territorju doganali tal-Komunità ma jirrikjedix dikjarazzjoni doganali, id-dikjarazzjoni sommarja ta' ħruġ għandha tiġi ppreżentata fl-uffiċċju doganali ta' ħruġ.

2. Għall-għan ta' dan il-Kapitolu, l-'uffiċċju doganali ta' ħruġ' għandu jkun

(a) l-uffiċċju doganali kompetenti għall-post minn fejn il-merkanzija se tħalli t-territorju doganali tal-Komunità; jew

(b) Fejn il-merkanzija għandha tħalli t-territorju doganali tal-Komunità bl-ajru jew bil-baħar, l-uffiċċju doganali kompetenti għall-port fejn il-merkanzija għandha titgħabba fuq il-bastiment jew ajruplan li fuqhom se jitwasslu għal destinazzjoni barra mit-territorju doganali tal-Komunità.

3. L-ebda dikarazzjoni sommarja ta' ħruġ mhi meħtieġa meta dikjarazzjoni tat-tranżitu elettronika fiha d-dejta tad-dikjarazzjoni sommarja ta' ħruġ sakemm l-uffiċċju tad-destinazzjoni hu wkoll l-uffiċċju doganali ta' ħruġ jew l-uffiċċju ta' destinazzjoni hu barra mit-territorju doganali tal-Komunità.

4. Ma għandhiex tkun meħtieġa dikjarazzjoni sommarja tal-ħruġ fil-każijiet li ġejjin:

(a) l-eżenzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 592a;

(b) fejn il-merkanzija hi mgħobbija f'port jew ajruport fit-territorju doganali tal-Komunità sabiex tinħatt f'port jew ajruport Komunitarju ieħor, b' kundizzjoni li, meta mitluba, evidenza fil-forma ta' manifestazzjoni kummerċjali, marittima jew tat-trasport jew lista għat-tgħabija ssir disponibbli lill-uffiċċju doganali tal-ħruġ dwar il-port intiż sabiex iħottu. L-istess japplika meta l-bastiment jew l-ajruplan li qed jittrasportaw il-merkanzija għandu jieqaf f'port jew ajruport li hu barra mit-territorju doganali tal-Komunità u dik il-merkanzija għandha tibqa' abbord tal-bastiment jew tal-ajruplan waqt il-waqfa fil-port jew ajruport li hu barra mit-territorju doganali tal-Komunità;

(c) fejn, f'port jew ajruport, il-merkanzija mhix sbarkata mill-mezz tat-trasport li kien ġarrha fit-territorju doganali tal-Komunità u li se jġorrha barra minn dak it-territorju;

(d) fejn il-merkanzija ġiet mgħobbija f'port jew ajruport preċedenti fit-territorju doganali tal-Komunità u jibqgħu fuq il-mezz ta' trasport li se jġorrhom barra mit-territorju doganali tal-Komunità;

(e) fejn il-merkanzija f'kustodja temporanja jew f'żona libera sottoposta għal kontroll tat-tip I tiġi trażbordata mill-mezz ta' trasport li wasslithom għal dik il-faċilità temporanja ta' ħażna jew żona libera taħt is-superviżjoni tal-istess uffiċċju doganali fuq bastiment, ajruplan jew ferrovija li se toħodhom minn dik il-faċilità' temporanja ta' ħażna jew żona libera barra mit-territorju doganali tal-Komunità, b' kundizzjoni li:

(i) it-trażbord iseħħ fi żmien erbatax-il jum kalendarju minn meta l-merkanzija ġiet ippreżentata għal kustodja temporanja jew f'żona libera sottoposta għal kontroll tat-tip I; f'ċirkostanzi eċċezzjonali, l-awtoritajiet doganali jistgħu jtawlu dan il-perjodu taż-żmien sabiex wieħed jaffronta dawk iċ-ċirkostanzi;

(ii) informazzjoni dwar il-merkanzija disponibbli lill-awtoritajiet doganali;

(iii) id-destinazzjoni tal-oġġetti u d-destinatarju ma jinbidlux, sa fejn jaf it-trasportatur.

(f) fejn evidenza li l-merkanzija li għandha tinħareġ mit-territorju doganali tal-Komunità kienet diġà' koperta minn dikjarazzjoni doganali flimkien mad-dejta tad-dikjarazzjoni sommarja tal-ħruġ tingħata lill-uffiċċju doganali tal-ħruġ jew permezz tas-sistema tal-ipproċessar tad-dejta tal-amministratur tal-maħżen temporanju, it-trasportatur jew l-operatur tal-port/ajruport, jew permezz ta' sistema tal-ipproċessar tad-dejta kummerċjali oħra, sakemm ġiet approvata mill-awtoritajiet doganali.

Mingħajr preġudizzju tal-Artikolu 842d(2), f'każijiet imsemmija f'punti (a) sa (f), tal-kontrolli doganali għandhom jieħdu f'kunsiderazzjoni n-natura speċjali tas-sitwazzjoni.

5. Id-dikjarazzjoni sommarja ta' ħruġ, fejn meħtieġ, għandha tiġi ppreżentata mit-trasportatur. Madanakollu, dikjarazzjoni bħal din għandha tiġi ppreżentata mill-pussessur tal-faċilità ta' ħażna temporanja jew il-pussessur ta' faċilità ta' ħażna fiż-żona libera ta' kontroll tat-tip I, jew kwalunkwe persuna oħra li hi kapaċi li tippreżenta l-merkanzija, fejn it-trasportatur kien ġie informat, u kien ta l-kunsens tiegħu taħt arranġament kuntrattwali, li l-persuna msemmija fit-tieni sentenza ta' dan il-paragrafu jippreżenta d-dikjarazzjoni. L-uffiċċju doganali ta' ħruġ jista' jassumi, ħlief fejn hemm evidenza għall-kuntrarju, li t-trasportatur kien ta l-kunsens tiegħu taħt arranġament kuntrattwali u li d-dikjarazzjoni kienet ġiet ippreżentata bl-għarfien tiegħu.

Is-subparagrafu tal-Artikolu 796d(1) għandu japplika fir-rigward tad-definizzjoni ta' trasportatur.

6. F'każijiet fejn, wara s-sottomissjoni ta' dikjarazzjoni sommarja ta' ħruġ, l-oġġetti mhux se jkunu aktar destinati li joħorġu mit-territorju doganali tal-Komunità, l-Artikolu 796 d(4) għandu japplika *mutatis mutandis.*"

(29) It-tieni subparagrafu tal-Artikolu 842d(2) għandu jinbidel b'dan li ġej:

"Meta merkanzija koperta minn waħda mill-eżenzjonijiet mir-rekwiżit għal dikjarazzjoni sommarja tal-ħruġ, stipulati fl-Artikolu 842a(4), tinħareġ mit-territorju doganali tal-Komunità, l-analiżi tar-riskju għandha ssir mal-preżentazzjoni tal-merkanzija fejn meħtieġ u abbażi tad-dokumentazzjoni jew informazzjoni oħra li tkopri l-merkanzija".

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum mill-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Punti (1) sa (13) u (15) sa (29) tal-Artikolu 1 għandhom japplikaw mill-1 ta' Jannar 2011. Madanakollu, fejn attività ta' esportazzjoni bdiet qabel l-1 ta' Jannar 2011 taħt kopertura ta' dokument amministrattiv ta' akkumpanjament skont l-Artikolu 793c(1), l-uffiċċju doganali ta' ħruġ għandu japplika l-miżuri msemmija fl-Artikolu 793c fl- u wara dik id-data.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-20 ta' Mejju 2010.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

José Manuel BARROSO

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 431/2010

## tal-20 ta' Mejju 2010

## li jistabbilixxi l-valuri fissi tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ([1]),

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1580/2007 tal-21 ta' Diċembru 2007 dwar regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2200/96, (KE) Nru 2001/96 u (KE) Nru 1182/2007 fis-settur tal-frott u ħxejjex ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 138(1) tiegħu,

Billi:

Fl-applikazzjoni tal-konklużjonijiet tan-negozjati kummerċjali multilaterali taċ-Ċiklu tal-Urugwaj, il-Regolament (KE) Nru 1580/2007 jistipula l-kriterji għall-istabbiliment mill-Kummissjoni tal-valuri fissi tal-importazzjoni minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi msemmijin fl-Anness XV, it-Taqsima A tar-Regolament imsemmi,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-valuri fissi tal-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 138 tar-Regolament (KE) Nru 1580/2007 huma stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-21 ta' Mejju 2010.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-20 ta' Mejju 2010.

*Għall-Kummissjoni,*
*f'isem il-President,*
Jean-Luc DEMARTY
*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

---

([1]) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
([2]) ĠU L 350, 31.12.2007, p. 1.

*ANNESS*

**il-valuri fissi tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix**

*(EUR/100 kg)*

| Kodiċi NM | Kodiċi tal-pajjiż terz (1) | Valur fiss tal-importazzjoni |
|---|---|---|
| 0702 00 00 | MA | 70,0 |
| | MK | 66,4 |
| | TN | 71,5 |
| | TR | 61,3 |
| | ZZ | 67,3 |
| 0707 00 05 | MA | 46,5 |
| | MK | 52,3 |
| | TR | 118,3 |
| | ZZ | 72,4 |
| 0709 90 70 | TR | 121,1 |
| | ZZ | 121,1 |
| 0805 10 20 | EG | 55,7 |
| | IL | 54,7 |
| | MA | 51,0 |
| | PY | 48,3 |
| | TN | 51,1 |
| | TR | 49,3 |
| | ZA | 73,7 |
| | ZZ | 54,8 |
| 0805 50 10 | AR | 94,0 |
| | BR | 117,8 |
| | TR | 87,6 |
| | ZA | 74,1 |
| | ZZ | 93,4 |
| 0808 10 80 | AR | 85,3 |
| | BR | 75,2 |
| | CA | 69,6 |
| | CL | 80,9 |
| | CN | 81,8 |
| | MK | 26,7 |
| | NZ | 114,3 |
| | US | 122,8 |
| | UY | 77,5 |
| | ZA | 84,8 |
| | ZZ | 81,9 |

(1) In-nomenklatura tal-pajjiżi ffissata mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1833/2006 (ĠU L 354, 14.12.2006, p. 19). Il-kodiċi "ZZ" jirrappreżenta "oriġini oħra".

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 432/2010

## tal-20 ta' Mejju 2010

## li jistabbilixxi r-rifużjonijiet għall-esportazzjoni fis-settur tal-ħalib u l-prodotti tal-ħalib

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ([1]), u partikolarment l-Artikolu 164(2) tiegħu flimkien mal-Artikolu 4 tiegħu,

Billi:

(1) L-Artikolu 162(1) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 jipprovdi li d-differenza bejn il-prezzijiet tal-prodotti msemmija fil-Parti XVI tal-Anness għar-Regolament imsemmi fis-suq dinji u f'dak tal-Komunità tista' tiġi koperta minn rifużjoni tal-esportazzjoni.

(2) Fid-dawl tal-qagħda attwali tas-suq fis-settur tal-ħalib u l-prodotti tal-ħalib, għandhom ikunu ffissati r-rifużjonijiet tal-esportazzjoni skont ir-regoli u skont ċerti kriterji pprovduti bl-Artikoli 162, 163, 164, 167, 169 u 170 tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007.

(3) Skont l-Artikolu 164(1) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007, ir-rifużjonijiet jistgħu jkunu differenti skont id-destinazzjoni, speċjalment fejn il-qagħda attwali tas-suq dinji, il-ħtiġijiet speċifiċi ta' ċerti swieq, jew l-obbligi li jitnisslu mill-ftehimiet iffirmati skont l-Artikolu 300 tat-Trattat tal-KE hekk jitolbu.

(4) Rifużjonijiet tal-esportazzjoni għar-Repubblika Dominikana ġew differenzjati biex jitqiesu d-dazji doganali mnaqqsa applikati fuq l-importazzjonijiet taħt il-kwota tariffarja skont il-Memorandum ta' Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika Dominikana rigward il-protezzjoni fuq l-importazzjoni tal-ħalib tat-trab fir-Repubblika Dominikana ([2]), approvat bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 98/486/KE ([3]). Minħabba bidla fil-qagħda tas-suq fir-Repubblika Dominikana, ikkaratterizzata minn aktar kompetizzjoni għat-trab tal-ħalib, il-kwota ma għadhiex tintuża għal kollox. Biex jikber kemm jista' jkun l-użu tal-kwota, għandha titħassar id-differenzjazzjoni tar-rifużjonijiet tal-esportazzjoni għar-Repubblika Dominikana.

(5) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 326/2010 ([4]) li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 3846/87 tas-17 ta' Diċembru 1987 li jistabbilixxi nomenklatura ta' prodotti agrikoli għal rifużjoni tal-esportazzjoni ([5]), żied ċerti kodiċi tal-prodotti tal-ġobon man-nomenklatura tal-prodotti agrikoli. Għalhekk, dawk il-kodiċijiet għandhom ikunu inklużi fl-Anness għal dan ir-Regolament.

(6) Il-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli ma tax opinjoni tiegħu fil-limitu taż-żmien stabbilit mill-president tiegħu,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Ir-rifużjonijiet tal-esportazzjoni provduti bl-Artikolu 164 tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 u l-ammonti ta' dawn ir-rifużjonijiet huma stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament, bir-riserva tal-kundizzjonijiet provduti bl-Artikolu 3 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1187/2009 ([6]).

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-21 ta' Mejju 2010.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-20 ta' Mejju 2010.

*Għall-Kummissjoni,*
*f'isem il-President,*
Jean-Luc DEMARTY
*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

([1]) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
([2]) ĠU L 218, 6.8.1998, p. 46.
([3]) ĠU L 218, 6.8.1998, p. 45.
([4]) ĠU L 100, 22.4.2010, p. 1.
([5]) ĠU L 366, 24.12.1987, p. 1.
([6]) ĠU L 318, 4.12.2009, p. 1.

*ANNESS*

**Rifużjonijiet għall-esportazzjoni fis-settur tal-ħalib u l-prodotti tal-ħalib mill-21 ta’ Mejju 2010**

| Kodiċi tal-prodott | Destinazzjoni | Unità ta’ kejl | Ammont tar-rifużjonijiet |
|---|---|---|---|
| 0401 30 31 9100 | L20 | EUR/100 kg | 0,00 |
| 0401 30 31 9400 | L20 | EUR/100 kg | 0,00 |
| 0401 30 31 9700 | L20 | EUR/100 kg | 0,00 |
| 0401 30 39 9100 | L20 | EUR/100 kg | 0,00 |
| 0401 30 39 9400 | L20 | EUR/100 kg | 0,00 |
| 0401 30 39 9700 | L20 | EUR/100 kg | 0,00 |
| 0401 30 91 9100 | L20 | EUR/100 kg | 0,00 |
| 0401 30 99 9100 | L20 | EUR/100 kg | 0,00 |
| 0401 30 99 9500 | L20 | EUR/100 kg | 0,00 |
| 0402 10 11 9000 | L20 | EUR/100 kg | 0,00 |
| 0402 10 19 9000 | L20 | EUR/100 kg | 0,00 |
| 0402 10 99 9000 | L20 | EUR/100 kg | 0,00 |
| 0402 21 11 9200 | L20 | EUR/100 kg | 0,00 |
| 0402 21 11 9300 | L20 | EUR/100 kg | 0,00 |
| 0402 21 11 9500 | L20 | EUR/100 kg | 0,00 |
| 0402 21 11 9900 | L20 | EUR/100 kg | 0,00 |
| 0402 21 17 9000 | L20 | EUR/100 kg | 0,00 |
| 0402 21 19 9300 | L20 | EUR/100 kg | 0,00 |
| 0402 21 19 9500 | L20 | EUR/100 kg | 0,00 |
| 0402 21 19 9900 | L20 | EUR/100 kg | 0,00 |
| 0402 21 91 9100 | L20 | EUR/100 kg | 0,00 |
| 0402 21 91 9200 | L20 | EUR/100 kg | 0,00 |
| 0402 21 91 9350 | L20 | EUR/100 kg | 0,00 |
| 0402 21 99 9100 | L20 | EUR/100 kg | 0,00 |
| 0402 21 99 9200 | L20 | EUR/100 kg | 0,00 |
| 0402 21 99 9300 | L20 | EUR/100 kg | 0,00 |
| 0402 21 99 9400 | L20 | EUR/100 kg | 0,00 |
| 0402 21 99 9500 | L20 | EUR/100 kg | 0,00 |
| 0402 21 99 9600 | L20 | EUR/100 kg | 0,00 |
| 0402 21 99 9700 | L20 | EUR/100 kg | 0,00 |
| 0402 29 15 9200 | L20 | EUR/100 kg | 0,00 |
| 0402 29 15 9300 | L20 | EUR/100 kg | 0,00 |
| 0402 29 15 9500 | L20 | EUR/100 kg | 0,00 |
| 0402 29 19 9300 | L20 | EUR/100 kg | 0,00 |
| 0402 29 19 9500 | L20 | EUR/100 kg | 0,00 |
| 0402 29 19 9900 | L20 | EUR/100 kg | 0,00 |
| 0402 29 99 9100 | L20 | EUR/100 kg | 0,00 |
| 0402 29 99 9500 | L20 | EUR/100 kg | 0,00 |
| 0402 91 10 9370 | L20 | EUR/100 kg | 0,00 |
| 0402 91 30 9300 | L20 | EUR/100 kg | 0,00 |
| 0402 91 99 9000 | L20 | EUR/100 kg | 0,00 |
| 0402 99 10 9350 | L20 | EUR/100 kg | 0,00 |
| 0402 99 31 9300 | L20 | EUR/100 kg | 0,00 |
| 0403 90 11 9000 | L20 | EUR/100 kg | 0,00 |
| 0403 90 13 9200 | L20 | EUR/100 kg | 0,00 |
| 0403 90 13 9300 | L20 | EUR/100 kg | 0,00 |
| 0403 90 13 9500 | L20 | EUR/100 kg | 0,00 |
| 0403 90 13 9900 | L20 | EUR/100 kg | 0,00 |
| 0403 90 33 9400 | L20 | EUR/100 kg | 0,00 |
| 0403 90 59 9310 | L20 | EUR/100 kg | 0,00 |
| 0403 90 59 9340 | L20 | EUR/100 kg | 0,00 |
| 0403 90 59 9370 | L20 | EUR/100 kg | 0,00 |
| 0404 90 21 9120 | L20 | EUR/100 kg | 0,00 |
| 0404 90 21 9160 | L20 | EUR/100 kg | 0,00 |
| 0404 90 23 9120 | L20 | EUR/100 kg | 0,00 |
| 0404 90 23 9130 | L20 | EUR/100 kg | 0,00 |
| 0404 90 23 9140 | L20 | EUR/100 kg | 0,00 |
| 0404 90 23 9150 | L20 | EUR/100 kg | 0,00 |
| 0404 90 81 9100 | L20 | EUR/100 kg | 0,00 |
| 0404 90 83 9110 | L20 | EUR/100 kg | 0,00 |
| 0404 90 83 9130 | L20 | EUR/100 kg | 0,00 |
| 0404 90 83 9150 | L20 | EUR/100 kg | 0,00 |
| 0404 90 83 9170 | L20 | EUR/100 kg | 0,00 |
| 0405 10 11 9500 | L20 | EUR/100 kg | 0,00 |
| 0405 10 11 9700 | L20 | EUR/100 kg | 0,00 |

| Kodiċi tal-prodott | Destinazzjoni | Unità ta' kejl | Ammont tar-rifużjonijiet |
|---|---|---|---|
| 0405 10 19 9500 | L20 | EUR/100 kg | 0,00 |
| 0405 10 19 9700 | L20 | EUR/100 kg | 0,00 |
| 0405 10 30 9100 | L20 | EUR/100 kg | 0,00 |
| 0405 10 30 9300 | L20 | EUR/100 kg | 0,00 |
| 0405 10 30 9700 | L20 | EUR/100 kg | 0,00 |
| 0405 10 50 9500 | L20 | EUR/100 kg | 0,00 |
| 0405 10 50 9700 | L20 | EUR/100 kg | 0,00 |
| 0405 10 90 9000 | L20 | EUR/100 kg | 0,00 |
| 0405 20 90 9500 | L20 | EUR/100 kg | 0,00 |
| 0405 20 90 9700 | L20 | EUR/100 kg | 0,00 |
| 0405 90 10 9000 | L20 | EUR/100 kg | 0,00 |
| 0405 90 90 9000 | L20 | EUR/100 kg | 0,00 |
| 0406 10 20 9640 | L04 | EUR/100 kg | 0,00 |
| | L40 | EUR/100 kg | 0,00 |
| 0406 10 20 9650 | L04 | EUR/100 kg | 0,00 |
| | L40 | EUR/100 kg | 0,00 |
| 0406 10 20 9830 | L04 | EUR/100 kg | 0,00 |
| | L40 | EUR/100 kg | 0,00 |
| 0406 10 20 9850 | L04 | EUR/100 kg | 0,00 |
| | L40 | EUR/100 kg | 0,00 |
| 0406 20 90 9913 | L04 | EUR/100 kg | 0,00 |
| | L40 | EUR/100 kg | 0,00 |
| 0406 20 90 9915 | L04 | EUR/100 kg | 0,00 |
| | L40 | EUR/100 kg | 0,00 |
| 0406 20 90 9917 | L04 | EUR/100 kg | 0,00 |
| | L40 | EUR/100 kg | 0,00 |
| 0406 20 90 9919 | L04 | EUR/100 kg | 0,00 |
| | L40 | EUR/100 kg | 0,00 |
| 0406 30 31 9730 | L04 | EUR/100 kg | 0,00 |
| | L40 | EUR/100 kg | 0,00 |
| 0406 30 31 9930 | L04 | EUR/100 kg | 0,00 |
| | L40 | EUR/100 kg | 0,00 |
| 0406 30 31 9950 | L04 | EUR/100 kg | 0,00 |
| | L40 | EUR/100 kg | 0,00 |

| Kodiċi tal-prodott | Destinazzjoni | Unità ta' kejl | Ammont tar-rifużjonijiet |
|---|---|---|---|
| 0406 30 39 9500 | L04 | EUR/100 kg | 0,00 |
| | L40 | EUR/100 kg | 0,00 |
| 0406 30 39 9700 | L04 | EUR/100 kg | 0,00 |
| | L40 | EUR/100 kg | 0,00 |
| 0406 30 39 9930 | L04 | EUR/100 kg | 0,00 |
| | L40 | EUR/100 kg | 0,00 |
| 0406 30 39 9950 | L04 | EUR/100 kg | 0,00 |
| | L40 | EUR/100 kg | 0,00 |
| 0406 40 50 9000 | L04 | EUR/100 kg | 0,00 |
| | L40 | EUR/100 kg | 0,00 |
| 0406 40 90 9000 | L04 | EUR/100 kg | 0,00 |
| | L40 | EUR/100 kg | 0,00 |
| 0406 90 13 9000 | L04 | EUR/100 kg | 0,00 |
| | L40 | EUR/100 kg | 0,00 |
| 0406 90 15 9100 | L04 | EUR/100 kg | 0,00 |
| | L40 | EUR/100 kg | 0,00 |
| 0406 90 17 9100 | L04 | EUR/100 kg | 0,00 |
| | L40 | EUR/100 kg | 0,00 |
| 0406 90 21 9900 | L04 | EUR/100 kg | 0,00 |
| | L40 | EUR/100 kg | 0,00 |
| 0406 90 23 9900 | L04 | EUR/100 kg | 0,00 |
| | L40 | EUR/100 kg | 0,00 |
| 0406 90 25 9900 | L04 | EUR/100 kg | 0,00 |
| | L40 | EUR/100 kg | 0,00 |
| 0406 90 27 9900 | L04 | EUR/100 kg | 0,00 |
| | L40 | EUR/100 kg | 0,00 |
| 0406 90 29 9100 | L04 | EUR/100 kg | 0,00 |
| | L40 | EUR/100 kg | 0,00 |
| 0406 90 29 9300 | L04 | EUR/100 kg | 0,00 |
| | L40 | EUR/100 kg | 0,00 |
| 0406 90 32 9119 | L04 | EUR/100 kg | 0,00 |
| | L40 | EUR/100 kg | 0,00 |
| 0406 90 35 9190 | L04 | EUR/100 kg | 0,00 |
| | L40 | EUR/100 kg | 0,00 |
| 0406 90 35 9990 | L04 | EUR/100 kg | 0,00 |
| | L40 | EUR/100 kg | 0,00 |
| 0406 90 37 9000 | L04 | EUR/100 kg | 0,00 |
| | L40 | EUR/100 kg | 0,00 |
| 0406 90 61 9000 | L04 | EUR/100 kg | 0,00 |
| | L40 | EUR/100 kg | 0,00 |

| Kodiċi tal-prodott | Destinazzjoni | Unità ta' kejl | Ammont tar-rifużjonijiet |
|---|---|---|---|
| 0406 90 63 9100 | L04 | EUR/100 kg | 0,00 |
| | L40 | EUR/100 kg | 0,00 |
| 0406 90 63 9900 | L04 | EUR/100 kg | 0,00 |
| | L40 | EUR/100 kg | 0,00 |
| 0406 90 69 9910 | L04 | EUR/100 kg | 0,00 |
| | L40 | EUR/100 kg | 0,00 |
| 0406 90 73 9900 | L04 | EUR/100 kg | 0,00 |
| | L40 | EUR/100 kg | 0,00 |
| 0406 90 75 9900 | L04 | EUR/100 kg | 0,00 |
| | L40 | EUR/100 kg | 0,00 |
| 0406 90 76 9300 | L04 | EUR/100 kg | 0,00 |
| | L40 | EUR/100 kg | 0,00 |
| 0406 90 76 9400 | L04 | EUR/100 kg | 0,00 |
| | L40 | EUR/100 kg | 0,00 |
| 0406 90 76 9500 | L04 | EUR/100 kg | 0,00 |
| | L40 | EUR/100 kg | 0,00 |
| 0406 90 78 9100 | L04 | EUR/100 kg | 0,00 |
| | L40 | EUR/100 kg | 0,00 |
| 0406 90 78 9300 | L04 | EUR/100 kg | 0,00 |
| | L40 | EUR/100 kg | 0,00 |
| 0406 90 79 9900 | L04 | EUR/100 kg | 0,00 |
| | L40 | EUR/100 kg | 0,00 |
| 0406 90 81 9900 | L04 | EUR/100 kg | 0,00 |
| | L40 | EUR/100 kg | 0,00 |
| 0406 90 85 9930 | L04 | EUR/100 kg | 0,00 |
| | L40 | EUR/100 kg | 0,00 |
| 0406 90 85 9970 | L04 | EUR/100 kg | 0,00 |
| | L40 | EUR/100 kg | 0,00 |
| 0406 90 86 9200 | L04 | EUR/100 kg | 0,00 |
| | L40 | EUR/100 kg | 0,00 |
| 0406 90 86 9400 | L04 | EUR/100 kg | 0,00 |
| | L40 | EUR/100 kg | 0,00 |
| 0406 90 86 9900 | L04 | EUR/100 kg | 0,00 |
| | L40 | EUR/100 kg | 0,00 |
| 0406 90 87 9300 | L04 | EUR/100 kg | 0,00 |
| | L40 | EUR/100 kg | 0,00 |
| 0406 90 87 9400 | L04 | EUR/100 kg | 0,00 |
| | L40 | EUR/100 kg | 0,00 |
| 0406 90 87 9951 | L04 | EUR/100 kg | 0,00 |
| | L40 | EUR/100 kg | 0,00 |
| 0406 90 87 9971 | L04 | EUR/100 kg | 0,00 |
| | L40 | EUR/100 kg | 0,00 |
| 0406 90 87 9973 | L04 | EUR/100 kg | 0,00 |
| | L40 | EUR/100 kg | 0,00 |
| 0406 90 87 9974 | L04 | EUR/100 kg | 0,00 |
| | L40 | EUR/100 kg | 0,00 |
| 0406 90 87 9975 | L04 | EUR/100 kg | 0,00 |
| | L40 | EUR/100 kg | 0,00 |
| 0406 90 87 9979 | L04 | EUR/100 kg | 0,00 |
| | L40 | EUR/100 kg | 0,00 |
| 0406 90 88 9300 | L04 | EUR/100 kg | 0,00 |
| | L40 | EUR/100 kg | 0,00 |
| 0406 90 88 9500 | L04 | EUR/100 kg | 0,00 |
| | L40 | EUR/100 kg | 0,00 |

Id-destinazzjonijiet l-oħrajn huma ddefiniti kif ġej:

L20: Id-destinazzjonijiet kollha għajr:

(a) pajjiżi terzi: Andorra, is-Santa Sede (l-Istat tal-Belt tal-Vatikan), il-Liechtenstein u l-Istati Uniti tal-Amerika;

(b) it-territorji tal-Istati Membri tal-UE li ma jagħmlux parti mit-territorju doganali tal-Komunità: il-Gżejjer Faeroe, Greenland, Heligoland, Ceuta, Melilla, il-Lokalitajiet ta' Livigno u Campione d'Italia, u ż-żoni tar-Repubblika ta' Ċipru fejn il-Gvern tar-Repubblika ta' Ċipru ma jeżerċitax kontroll effettiv;

(ċ) it-territorji Ewropej li għar-relazzjonijiet esterni tagħhom huwa responsabbli Stat Membru li ma jagħmilx parti mit-territorju doganali tal-Komunità: Ġibiltà;

(d) id-destinazzjoni imsemmija fl-Artikolu 33(1), l-Artikolu 41(1) u l-Artikolu 42(1) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 612/2009 (ĠU L 186, 17.7.2009, p. 1).

L04: l-Albanija, il-Bożnja u Ħerżegovina, is-Serbja, Kosovo (*), il-Montenegro u l-ex Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja.

L40: Id-destinazzjonijiet kollha għajr:

(a) pajjiżi terzi: L04, Andorra, l-Iżlanda, il-Liechtenstein, in-Norveġja, l-Iżvizzera, is-Santa Sede (l-Istat tal-Belt tal-Vatikan), l-Istati Uniti tal-Amerika, il-Kroazja, it-Turkija, l-Awstralja, il-Kanada, New Zealand u l-Afrika t'Isfel;

(b) it-territorji tal-Istati Membri tal-UE li ma jagħmlux parti mit-territorju doganali tal-Komunità: il-Gżejjer Faeroe, Greenland, Heligoland, Ceuta, Melilla, il-Lokalitajiet ta' Livigno u Campione d'Italia, u ż-żoni tar-Repubblika ta' Ċipru fejn il-Gvern tar-Repubblika ta' Ċipru ma jeżerċitax kontroll effettiv;

(ċ) it-territorji Ewropej li għar-relazzjonijiet esterni tagħhom huwa responsabbli Stat Membru li ma jagħmilx parti mit-territorju doganali tal-Komunità: Ġibiltà.

(d) id-destinazzjoni imsemmija fl-Artikolu 33(1), l-Artikolu 41(1) u l-Artikolu 42(1) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 612/2009 (ĠU L 186, 17.7.2009, p. 1).

(*) Hekk kif definit bir-Reżoluzjoni 1244 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti tal-10 ta' Ġunju 1999.

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 433/2010

## tal-20 ta’ Mejju 2010

## li ma jalloka l-ebda rifużjoni tal-esportazzjoni għall-butir fil-qafas tas-sejħa permanenti għall-offerti pprovduta bir-Regolament (KE) Nru 619/2008

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta’ Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta’ swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ([1]), u partikolarment l-Artikolu 164(2) tiegħu flimkien mal-Artikolu 4 tiegħu,

Billi:

(1) Ir- Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 619/2008 tas-27 ta’ Ġunju 2008 li jiftaħ sejħa permanenti għall-offerti għar-rifużjonijiet tal-esportazzjoni għal ċerti prodotti tal-ħalib ([2]) jipprovdi proċedura għal sejħa permanenti għall-offerti.

(2) Skont l-Artikolu 6 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1454/2007 tal-10 ta’ Diċembru 2007 li jistipula regoli komuni biex tkun stabbilita proċedura ta’ offerta għall-iffissar ta’ rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni għal ċerti prodotti agrikoli ([3]) u wara stħarriġ tal-offerti mressqa b’risposta għas-sejħa għall-offerti, jeħtieġ li ma tingħata l-ebda rifużjoni tal-esportazzjoni għall-perjodu tat-tressiq tal-offerti li jintemm fit-18 ta’ Mejju 2010.

(3) Il-Kumitat ta’ Ġestjoni għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli ma tax opinjoni tiegħu fil-limitu taż-żmien stabbilit mill-president tiegħu,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT

*Artikolu 1*

Fil-qafas tas-sejħa permanenti għall-offerti stabbilita bir-Regolament (KE) Nru 619/2008 għall-perjodu ta’ sottomissjoni li jintemm fit-18 ta’ Mejju 2010, l-ebda rifużjoni tal-esportazzjoni mhi allokata għall-prodotti u għad-destinazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 1, punti (a) u (b), u fl-Artikolu 2 tar-Regolament imsemmi.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-21 ta’ Mejju 2010.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-20 ta’ Mejju 2010.

*Għall-Kummissjoni,*
*f’isem il-President,*
Jean-Luc DEMARTY
*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

([1]) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
([2]) ĠU L 168, 28.6.2008, p. 20.
([3]) ĠU L 325, 11.12.2007, p. 69.

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 434/2010

## tal-20 ta’ Mejju 2010

## li ma jagħti l-ebda rifużjoni għat-trab tal-ħalib xkumat fil-qafas tas-sejħa permanenti għall-offerti pprovduta bir-Regolament (KE) Nru 619/2008

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta’ Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta’ swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ([1]), u partikolarment l-Artikolu 164(2) tiegħu flimkien mal-Artikolu 4 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 619/2008 tas-27 ta’ Ġunju 2008 li jiftaħ sejħa permanenti għall-offerti dwar ir-rifużjoni tal-esportazzjoni għal ċerti prodotti tal-ħalib ([2]) jipprovdi stedina permanenti għall-offerti.

(2) Skont l-Artikolu 6 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1454/2007 tal-10 ta’ Diċembru 2007 li jistipula regoli komuni biex tkun stabbilita proċedura ta’ offerta għall-iffissar ta’ rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni għal ċerti prodotti agrikoli ([3]) u wara stħarriġ tal-offerti mressqa b’risposta għas-sejħa għall-offerti, jeħtieġ li ma tingħata l-ebda rifużjoni għall-perjodu tat-tressiq tal-offerti li jintemm fit-18 ta’ Mejju 2010.

(3) Il-Kumitat ta’ Ġestjoni għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli ma tax opinjoni tiegħu fil-limitu tażżmien stabbilit mill-president tiegħu,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Fil-kuntest tas-sejħa permanenti għall-offerti stabbilita bir-Regolament (KE) Nru 619/2008 għall-perjodu ta’ tressiq li jintemm fit-18 ta’ Mejju 2010, ma ngħatat l-ebda rifużjoni għall-prodott u għad-destinazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 1(c) u fl-Artikolu 2 tar-Regolament imsemmi.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-21 ta’ Mejju 2010.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-20 ta’ Mejju 2010.

*Għall-Kummissjoni,*
*f’isem il-President,*
Jean-Luc DEMARTY
*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

([1]) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
([2]) ĠU L 168, 28.6.2008, p. 20.
([3]) ĠU L 325, 11.12.2007, p. 69.

**REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 435/2010**

**tal-20 ta' Mejju 2010**

**li jiffissa r-rati tar-rifużjonijiet applikabbli għall-ħalib u l-prodotti tal-ħalib esportati fis-sura ta' oġġetti mhux koperti mill-Anness I tat-Trattat**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (ir-Regolament waħdieni dwar l-OKS) [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 164(2) tiegħu,

Billi:

(1) L-Artikolu 162(1)b tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 jistipula li d-differenza bejn il-prezzijiet fis-suq internazzjonali għall-prodotti msemmija fl-Artikolu 1(1)(p) u mniżżla fil-Parti XVI tal-Anness I ta' dak ir-Regolament u l-prezzijiet fi ħdan l-Unjoni jistgħu jkunu koperti minn rifużjoni ta' esportazzjoni fejn dawn l-oġġetti huma esportati fis-suq ta' oġġetti mniżżla fil-Parti IV tal-Anness XX ta' dak ir-Regolament.

(2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1043/2005 tat-30 ta' Ġunju 2005 li jimplimenta r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3448/93 fir-rigward tas-sistema tal-konċessjoni ta' rifużjonijiet fuq ċerti prodotti agrikoli esportati fl-għamla ta' oġġetti mhux koperti bl-Anness I tat-Trattat, u l-kriterji sabiex jiġi ffissat l-ammont ta' dawn ir-rifużjonijiet [2], jispeċifika l-prodotti li se jkollhom rata ta' rifużjoni ffissata, li għandha tiġi applikata meta dawn il-prodotti huma esportati f'sura ta' oġġetti mniżżla fil-Parti IV tal-Anness XX tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007.

(3) Skont it-tieni paragrafu, is-subparagrafu (a) tal-Artikolu 14 tar-Regolament (KE) Nru 1043/2005, ir-rata ta' rifużjoni għal kull 100 kilogramma għal kull wieħed mill-prodotti bażiċi kkonċernati għandha tiġi ffissata għal perjodu tal-istess tul bħal dak tar-rifużjonijiet li huma ffissati għall-istess prodotti esportati mingħajr ma ġew ipproċessati.

(4) L-Artikolu 162, paragrafu 2, tar-Regolament (KE) Nru 1234/200 jistipula li r-rifużjoni tal-esportazzjoni ta' prodott li jinsab f'oġġett ma tistax taqbeż ir-rifużjoni applikabbli għal dak il-prodott meta esportat mingħajr aktar proċessar.

(5) Għal ċerti prodotti tal-ħalib esportati fis-sura ta' oġġetti li mhumiex koperti mill-Anness I tat-Trattat, hemm il-periklu li, jekk ir-rati ta' rifużjoni għoljin ikunu ffissati bil-quddiem, l-impenji b'rigward għal dawk ir-rifużjonijiet jistgħu jitqiegħdu fil-periklu. Għalhekk, sabiex jiġi evitat dan il-periklu, jeħtieġ li jittieħdu miżuri ta' prekawzjoni, iżda mingħajr ma tiġi prekluża l-konklużjoni ta' kuntratti fit-tul. L-iffissar ta' rati ta' rifużjoni speċifiċi għall-iffissar bil-quddiem ta' rifużjonijiet b'rigward ta' dawk il-prodotti għandu jippermetti li jiġu ssodisfati dawk iż-żewġ għanijiet.

(6) L-Artikolu 15(2) tar-Regolament (KE) Nru 1043/2005 jistipula li, meta r-rata tar-rifużjoni tkun iffissata, jitqiesu, fejn xieraq, l-għajnuniet jew miżuri oħra li jkollhom effett ekwivalenti applikabbli fl-Istati Membri kollha skont ir-Regolament dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq agrikoli għall-prodotti bażiċi mniżżla fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1043/2005 jew għal prodotti assimilati.

(7) L-Artikolu 100(1) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 jistipula l-ħlas ta' għajnuna għall-ħalib xkumat prodott fl-Unjoni li hu proċessat f'kaseina jekk tali ħalib u l-kaseina prodotti minnu jissodisfaw ċerti kondizzjonijiet.

(8) Il-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli ma tax opinjoni tiegħu fil-limitu tażżmien stabbilit mill-president tiegħu,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Ir-rati ta' rifużjonijiet applikabbli għall-prodotti bażiċi mniżżla fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1043/2005 u fil-Parti XVI tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007, u esportati fis-sura ta' oġġetti mniżżla fil-Parti IV tal-Anness XX tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007, għandhom jiġu ffissati kif stipulat fl-Anness ta' dak ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-21 ta' Mejju 2010.

---

[1] ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
[2] ĠU L 172, 5.7.2005, p. 24.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-20 ta' Mejju 2010.

*Għall-Kummissjoni,*
*f'isem il-President,*
Heinz ZOUREK
*Direttur Ġenerali għall-Intrapriża u l-Industrija*

*ANNESS*

**Rati ta' rifużjonijiet applikabbli mill-21 ta' Mejju 2010 għal ċerti prodotti tal-ħalib esportati bħala merkanzija mhux koperta mill-Anness I tat-trattat** ([1])

*(EUR/100 kg)*

| Kodiċi NM | Deskrizzjoni | Rata ta' rifużjoni | |
|---|---|---|---|
| | | Fil-każ ta' stipular ta' rifużjonijiet bil-quddiem | Oħrajn |
| ex 0402 10 19 | Ħalib tat-trab, imrammel jew f'forom oħra solidi, li m'għandhomx zokkor jew tipi ta' ħlewwiet oħra miżjuda, li għandhom piż ta' xaħam li ma jaqbiżx il-1,5 % (PG 2): | | |
| | (a) Fuq l-esportazzjoni ta' merkanzija tal-kodiċi NM 3501 | — | — |
| | (b) Fuq l-esportazzjoni ta' merkanzija oħra | 0,00 | 0,00 |
| ex 0402 21 19 | Ħalib tat-trab, imrammel jew f'forom oħra solidi, li m'għandhomx zokkor jew tipi ta' ħlewwiet oħra miżjuda, li għandhom piż ta' xaħam li ma jaqbiżx is-26 % (PG 3): | 0,00 | 0,00 |
| ex 0405 10 | Butir, li għandu piż ta' xaħam ta' 82 % (PG 6): | | |
| | (a) Fuq l-esportazzjoni ta' merkanzija tal-kodiċi NM 2106 90 98 li jkollhom 40 % jew iżjed skont il-piż ta' xaħam tal-ħalib | 0,00 | 0,00 |
| | (b) Fuq l-esportazzjoni ta' prodotti oħra | 0,00 | 0,00 |

([1]) Ir-rati stipulati f'dan l-Anness ma japplikawx għall-esportazzjonijet lejn

(a) pajjiżi terzi: Andorra, is-Santa Sede (l-Istat tal-Belt tal-Vatikan), il-Liechtenstein, l-Istati Uniti tal-Amerka u l-oġġetti mniżżla fit-Tabelli I u II tal-Protokoll 2 tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera tat-22 ta' Lulju 1972 esportati lill-Konfederazzjoni Żvizzera.

(b) it-territorji tal-Istati Membri tal-UE li ma jagħmlux parti mit-territorju doganali tal-Komunità: Ceuta, Melilla, il-Komuni ta' Livigno u Campione fl-Italia, Heligoland, il-Groenlandja, il-Gżejjer Faroe u ż-żoni tar-Repubblika ta' Ċipru fejn il-Gvern tar-Repubblika ta' Ċipru ma jeżerċitax kontroll effettiv.

(c) It-territorji Ewropej li relazzjonijiet esterni tagħhom huma r-responsabbiltà tal-Istati Membri u li ma jagħmlux parti mit-territorju doganali tal-Komunità: Ġibiltà.

(d) id-destinazzjoni imsemmija fl-Artikolu 33(1), l-Artikolu 41(1) u l-Artikolu 42(1) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 612/2009 (ĠU L 186, 17.7.2009, p. 1).

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 436/2010

## tal-20 ta’ Mejju 2010

## li jiffissa l-prezzijiet rappreżentattivi fis-setturi tal-laħam tat-tjur u tal-bajd u għall-albumina tal-bajd, u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1484/95

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta’ Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta’ swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS [dwar l-OKS Unika]) ([1]), u b’mod partikolari l-Artikolu 143 tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 614/2009 tas-7 ta’ Lulju 2009 fuq is-sistema komuni għall-kummerċ fl-ovalbumin u l-lactalbumin ([2]), u partikolarment l-Artikolu 3(4) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1484/95 ([3]) stipula r-regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tas-sistema tad-dazji addizzjonali fuq l-importazzjoni u stipula l-prezzijiet rappreżentattivi fis-setturi tal-laħam tat-tjur u tal-bajd u għall-albumina tal-bajd.

(2) Minn kontrolli regolari tal-informazzjoni li tipprovdi l-bażi għad-determinazzjoni tal-prezzijiet rappreżentattivi għall-prodotti tas-setturi tal-laħam tat-tjur u tal-bajd kif ukoll għall-albumina tal-bajd, jirriżulta li l-prezzijiet rappreżentattivi għall-importazzjoni ta’ ċerti prodotti għandhom ikunu emendati biex jitqiesu l-varjazzjonijiet fil-prezzijiet skont l-oriġini. Jeħtieġ għalhekk li jiġu ppublikati prezzijiet rappreżentattivi.

(3) Fid-dawl tas-sitwazzjoni tas-suq, jeħtieġ li din l-emenda tiġi applikata malajr kemm jista’ jkun.

(4) Il-miżuri pprovduti f’dan ir-Regolament huma konformi ma’ l-opinjoni tal-Kumitat ta’ Ġestjoni għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 1484/95 għandu jinbidel bl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ dakinhar tal-pubblikazzjoni tiegħu f’*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-20 ta’ Mejju 2010.

*Għall-Kummissjoni,*
*f’isem il-President,*
Jean-Luc DEMARTY
*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

([1]) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
([2]) ĠU L 181, 14.7.2009, p. 8.
([3]) ĠU L 145, 29.6.1995, p. 47.

*ANNESS*

**għar-Regolament tal-Kummissjoni tal-20 ta' Mejju 2010 li jiffissa l-prezzijiet rappreżentattivi fis-setturi tal-laħam tat-tjur u tal-bajd u għall-albumina tal-bajd, u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1484/95**

*"ANNESS I*

| Kodiċi NM | Deżinjazzjoni tal-merkanzija | Prezz rappreżentattiv (f'EUR/100 kg) | Garanzija msemmija fl-Artikolu 3(3) (f'EUR/100 kg) | Oriġini ([1]) |
|---|---|---|---|---|
| 0207 12 10 | Karkassi tat-tiġieġ preżentazzjoni 70 %, iffriżati | 121,5 | 0 | AR |
| | | 122,5 | 0 | TH |
| 0207 12 90 | Karkassi tat-tiġieġ preżentazzjoni 65 %, iffriżati | 124,5 | 0 | BR |
| | | 116,3 | 1 | AR |
| 0207 14 10 | Qatgħat dissussati ta' sreidak jew ta' tiġieġ, iffriżati | 206,8 | 28 | BR |
| | | 218,9 | 24 | AR |
| | | 294,2 | 2 | CL |
| 0207 14 60 | Koxox tat-tiġieġ, iffriżati | 102,7 | 12 | BR |
| 0207 25 10 | Karkassi tad-dundjani preżentazzjoni 80 %, iffriżati | 146,0 | 4 | BR |
| 0207 27 10 | Qatgħat dissussati tad-dundjani, iffriżati | 242,1 | 16 | BR |
| | | 293,9 | 1 | CL |
| 0408 11 80 | Isfra tal-bajd | 327,8 | 0 | AR |
| 0408 91 80 | Bajd imnixxef bla qoxra | 343,8 | 0 | AR |
| 1602 32 11 | Preparazzjonijiet nejjin ta' sriedak u tiġieġ | 283,0 | 1 | BR |
| | | 311,4 | 0 | TH |
| 3502 11 90 | Albumini mnixxfa tal-bajd | 561,5 | 0 | AR |

([1]) In-nomenklatura tal-pajjiżi ffissata mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1833/2006 (ĠU L 354, 14.12.2006, p. 19). Il-kodiċi 'ZZ' jirrappreżenta 'oriġini oħra'."

# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**tad-19 ta' Jannar 2010**

**dwar l-eżistenza ta' żbilanċ eċċessiv fl-Awstrija**

(2010/282/UE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 126(6) flimkien mal-Artikolu 126(13) u l-Artikolu 136 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-osservazzjonijiet magħmula mill-Awstrija,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 126(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, l-Istati Membri għandhom jevitaw żbilanċi eċċessivi tal-gvern.

(2) Il-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir huwa bbażat fuq l-għan ta' finanzi sodi tal-gvern bħala mezz biex jissaħħu l-kondizzjonijiet għall-istabbiltà tal-prezzijiet u għal tkabbir sostenibbli qawwi li jwassal għall-ħolqien tal-impjiegi.

(3) Il-proċedura ta' żbilanċ eċċessiv (PŻE) taħt l-Artikolu 126 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, kif iċċarata bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1467/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar li titħaffef u li tiġi ċċarata l-implimentazzjoni tal-proċedura ta' żbilanċ eċċessiv [1] (li jagħmel parti mill-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir), tipprovdi għal deċiżjoni dwar l-eżistenza ta' żbilanċ eċċessiv. Ir-Regolament (KE) Nru 1467/97 jistabbilixxi wkoll dispożizzjonijiet għall-implimentazzjoni tal-Artikolu 104 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, li sar l-Artikolu 126 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. Il-Protokoll dwar il-proċedura ta' żbilanċ eċċessiv anness mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jistabbilixxi dispożizzjonijiet ulterjuri relatati mal-implimentazzjoni tal-PŻE. Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 479/2009 [2] jistabbilixxi definizzjonijiet u regoli dettaljati għall-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dak il-Protokoll.

(4) Ir-riforma tal-2005 tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir fittxet li ssaħħaħ l-effettività u l-bażi ekonomika tiegħu kif ukoll li tħares is-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi fit-tul. Ir-riforma kellha l-għan li tiżgura li, b'mod partikolari, l-isfond ekonomiku u baġitarju ttieħed kompletament f'konsiderazzjoni fl-istadji kollha tal-PŻE. B'dan il-mod, il-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir jipprovdi l-qafas li jsostni l-linji ta' politika tal-gvern għal ritorn ta' malajr lejn pożizzjonijiet baġitarji sodi filwaqt li titqies il-qagħda ekonomika.

(5) L-Artikolu 104(5) tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, - li sar l-Artikolu 126(5) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, - kien jeħtieġ li l-Kummissjoni tindirizza opinjoni lill-Kunsill jekk il-Kummissjoni kienet tqis li kien jeżisti jew li jista' jinqala' żbilanċ eċċessiv fi Stat Membru. Il-Kummissjoni, wara li qieset ir-rapport tagħha skont l-Artikolu 104(3) tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, li sar l-Artikolu 126(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u wara li kkunsidrat l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju skont l-Artikolu 104(4) tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, li sar l-Artikolu 126(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, ikkonkludiet li kien jeżisti żbilanċ eċċessiv fl-Awstrija. Il-Kummissjoni għalhekk indirizzat tali opinjoni lill-Kunsill fir-rigward tal-Awstrija fil-11 ta' Novembru 2009 [3].

(6) L-Artikolu 126(6) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jiddikjara li l-Kunsill għandu jikkunsidra kull osservazzjoni li l-Istat Membru kkonċernat ikun jixtieq jagħmel qabel ma jiddeċiedi, wara valutazzjoni ġenerali, jekk jeżistix żbilanċ eċċessiv. Fil-każ tal-Awstrija, din il-valutazzjoni ġenerali twassal għall-konklużjonijiet imniżżlin fid-Deċiżjoni.

[1] ĠU L 209, 2.8.1997, p. 6.

[2] ĠU L 145, 10.6.2009, p. 1.

[3] Id-dokumenti kollha relatati mal-PŻE għall-Awstrija jinsabu fuq il-websajt li ġejja: http://ec.europa.eu/economy_finance/netstartsearch/pdfsearch/pdf.cfm?mode = _m2

(7) Skont id-data nnotifikata mill-awtoritajiet Awstrijaċi f'Ottubru 2009, l-iżbilanċ ġenerali tal-gvern fl-Awstrija huwa ppjanat li jilħaq it-3,9 % tal-PDG fl-2009, biex b'hekk jibqa' 'l fuq u mhux qrib tal-valur ta' referenza ta' 3 % tal-PDG. Ibbażat fuq il-previżjonijiet tas-servizzi tal-Kummissjoni tal-Ħarifa 2009, l-eċċess ippjanat fuq il-valur ta' referenza jikkwalifika bħala eċċezzjonali fi ħdan it-tifsira tat-Trattat u l-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. B'mod partikolari, dan jirriżulta minn tnaqqis qawwi fir-ritmu ekonomiku skont it-tifsira tat-Trattat u tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Skont il-previżjonijiet tas-servizzi tal-Kummissjoni tal-Ħarifa 2009, il-PDG reali fl-Awstrija huwa pproġettat li jonqos drastikament fl-2009 bi – 3,7 %. Ir-reċessjoni tirrifletti t-tnaqqis f'daqqa fl-investiment privat u fil-kummerċ barrani fis-settur tal-manifattura li hu orjentat lejn l-esportazzjoni bħala konsegwenza tal-kriżi finanzjarja u t-tnaqqis globali fir-ritmu ekonomiku, b'mod partikolari l-prospetti ħafna inqas ta' tkabbir tal-imsieħba kummerċjali ewlenin (iż-żona tal-Euro, l-Ewropa Ċentrali u dik tal-Lvant). Barra minn hekk, l-eċċess ippjanat fuq il-valur ta' referenza ma jistax jitqies temporanju. Skont il-previżjonijiet tas-servizzi tal-Kummissjoni tal-Ħarifa 2009, li jqisu l-miżuri fiskali adottati fis-sena attwali, l-iżbilanċ jitwessa' għal 5,5 % fl-2010 u 5,3 % tal-PDG fl-2011 fuq suppożizzjoni tal-ebda tibdil fil-politika. Il-kriterju tal-iżbilanċ fit-Trattat mhuwiex sodisfatt.

(8) Skont id-data nnotifikata mill-awtoritajiet Awstrijaċi f'Ottubru 2009, id-dejn gross ġenerali tal-gvern ilu 'l fuq mill-valur ta' referenza ta' 60 % tal-PDG mill-2008 u hu ppjanat li jkun 68,2 % tal-PDG fl-2009. Skont il-previżjonijiet tas-servizzi tal-Kummissjoni tal-Ħarifa 2009, il-proporzjon tad-dejn mistenni li jkompli jiżdied għal 73,9 % fl-2010 u 77 % tal-PDG fl-2011. Il-proporzjon ta' dejn ma jistax jiġi kkunsidrat bħala wieħed li qed jonqos b'mod suffiċjenti u li qed joqrob lejn il-valur ta' referenza b'pass sodisfaċenti fi ħdan it-tifsira tat-Trattat u l-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Il-kriterju tad-dejn fit-Trattat mhuwiex sodisfatt.

(9) Skont l-Artikolu 2(4) tar-Regolament (KE) Nru 1467/97, il-"fatturi rilevanti" jistgħu jitqiesu biss fl-istadji li jwasslu għad-deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-eżistenza ta' żbilanċ eċċessiv b'konformità mal-Artikolu 126(6) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jekk il-kondizzjoni doppja - li l-iżbilanċ jibqa' qrib il-valur ta' referenza u li l-eċċess tiegħu 'l fuq mill-valur ta' referenza jkun temporanju - tiġi sodisfatta għal kollox. Fil-każ tal-Awstrija, din il-kondizzjoni doppja ma ntlaħqitx. Għal-hekk, il-fatturi rilevanti mhumiex qed jitqiesu fil-passi li jwasslu għal din id-Deċiżjoni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Minn valutazzjoni ġenerali jirriżulta li jeżisti żbilanċ eċċessiv fl-Awstrija.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika tal-Awstrija.

Magħmul fi Brussell, id-19 ta' Jannar 2010.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

E. SALGADO

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

## tad-19 ta' Jannar 2010

## dwar l-eżistenza ta' żbilanċ eċċessiv fil-Belġju

(2010/283/UE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u, b'mod partikolari, l-Artikolu 126(6) flimkien mal-Artikolu 126(13) u l-Artikolu 136 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-osservazzjonijiet magħmula mill-Belġju,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 126(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, l-Istati Membri għandhom jevitaw żbilanċi eċċessivi tal-gvern.

(2) Il-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir huwa msejjes fuq l-għan ta' finanzi sodi tal-gvern bħala mezz biex jissaħħu l-kondizzjonijiet għall-istabbiltà tal-prezzijiet u għal tkabbir sostenibbli qawwi li jwassal għall-ħolqien tal-impjiegi.

(3) Il-proċedura dwar żbilanċ eċċessiv (PŻE) taħt l-Artikolu 126 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, kif iċċarata bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1467/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar li titħaffef u li tiġi ċċarata l-implimentazzjoni tal-proċedura ta' żbilanċ eċċessiv [1] (li tagħmel parti mill-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir), tipprovdi għal deċiżjoni dwar l-eżistenza ta' żbilanċ eċċessiv. Ir-Regolament (KE) Nru 1467/97 jistabbilixxi wkoll dispożizzjonijiet għall-implimentazzjoni tal-Artikolu 104 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, li sar l-Artikolu 126 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. Il-Protokoll rigward il-proċedura dwar żbilanċ eċċessiv anness mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jistabbilixxi dispożizzjonijiet ulterjuri marbuta mal-implimentazzjoni tal-PŻE. Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 479/2009 [2] jistabbilixxi definizzjonijiet u regoli dettaljati għall-applikazzjoni tad-dispożizzjoni ta' dak il-Protokoll.

(4) Ir-riforma tal-2005 tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir ippruvat fittxet li ssaħħaħ l-effikaċja u l-bażi ekonomika tiegħu kif ukoll li tissalvagwardja s-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi fit-tul. Din immirat li tiżgura li b'mod partikolari, l-isfond ekonomiku u baġitarju jiġi kkunsidrat bis-sħiħ fl-istadji kollha tal-PŻE. B'dan il-mod, il-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir jipprovdi l-qafas li jsostni l-linji ta' politika tal-gvern għal ritorn ta' malajr lejn pożizzjonijiet baġitarji sodi fid-dawl tas-sitwazzjoni ekonomika.

(5) L-Artikolu 104(5) tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, li sar l-Artikolu 126(5) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, kien jirrikjedi li l-Kummissjoni tindirizza opinjoni lill-Kunsill jekk il-Kummissjoni kienet tqis li jeżisti jew li jista' jinqala' żbilanċ eċċessiv fi Stat Membru. Wara li kkunsidrat ir-rapport tagħha skont l-Artikolu 104(3) tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, li sar l-Artikolu 126(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u wara li kkunsidrat l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju skont l-Artikolu 104(4) tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, li sar l-Artikolu 126(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, il-Kummissjoni kkonkludiet li jeżisti żbilanċ eċċessiv fil-Belġju. Il-Kummissjoni għalhekk indirizzat tali opinjoni lill-Kunsill fir-rigward tal-Belġju fil-11 ta' Novembru 2009 [3].

(6) L-Artikolu 126(6) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jiddikjara li l-Kunsill għandu jqis kull osservazzjoni li l-Istat Membru kkonċernat ikun jixtieq jagħmel qabel ma jiddeċiedi, wara valutazzjoni ġenerali, jekk jeżistix żbilanċ eċċessiv. Fil-każ tal-Belġju, din il-valutazzjoni ġenerali twassal għall-konklużjonijiet imniżżlin f'din id-Deċiżjoni.

(7) Skont id-data notifikata mill-awtoritajiet Belġjani f'Ottubru 2009, l-iżbilanċ ġenerali tal-gvern fil-Belġju kien previst li jilħaq il-5,9 % tal-PDG fl-2009, u b'hekk jaqbeż il-valur ta' referenza ta' 3 % tal-PDG mingħajr ma jkun qrib tiegħu. L-eċċess ippjanat fuq il-valur ta' referenza jista' jiġi kwalifikat bħala eċċezzjonali skont it-tifsira tat-Trattat u tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. B'mod partikolari, dan jirriżulta, fost affarijiet oħra, minn tnaqqis qawwi fir-ritmu ekonomiku skont it-tifsira tat-Trattat u tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Fit-tbassir tas-servizzi tal-Kummissjoni tal-Ħarifa 2009, il-PDG hu mbassar li jonqos bi 2,9 % fl-2009 u li jespandi b'0,6 % fl-2010. Barra minn hekk, fuq il-bażi wkoll tat-tbassir tal-ħarifa 2009, l-eċċess previst fuq il-valur ta' referenza ma jistax jitqies temporanju, billi l-iżbilanċ mistenni jistabbilizza għal 5,8 % tal-PDG fl-2010 u 2011, filwaqt li jitqiesu l-miżuri ta' konsolidament li diġà ġew speċifikati biżżejjed. Il-kriterju ta' żbilanċ fit-Trattat mhuwiex sodisfatt.

[1] ĠU L 209, 2.8.1997, p. 6.
[2] ĠU L 145, 10.6.2009, p. 1.
[3] Id-dokumenti kollha relatati mal-PŻE għall-Belġju jinsabu fis-sit elettroniku li ġej: http://ec.europa.eu/economy_finance/netstartsearch/pdfsearch/pdf.cfm?mode=_m2

(8) Id-dejn gross ġenerali tal-gvern kien qed jonqos b'mod kontinwu minn 134 % tal-PDG fl-1993 għal 84 % tal-PDG fl-2007. Fl-2008, l-operazzjonijiet biex jiġi stabbilizzat is-settur finanzjarju wasslu għal żieda fil-proporzjon tad-dejn mal-PDG għal kważi 90 %. Għalhekk, il-proporzjon baqa' ogħla sewwa mill-valur ta' referenza ta' 60 %. B'konformità mad-data notifikata mill-awtoritajiet Belġjani f'Ottubru 2009, id-dejn gross ġenerali tal-gvern hu previst li jibqa' ta' 97,6 % tal-PDG fl-2009. It-tbassir tas-servizzi tal-Kummissjoni tal-Ħarifa 2009 jipprevedi li l-proporzjon tad-dejn għandu jiżdied għal madwar 97 % fl-2009, 101 % fl-2010 u 104 % fl-2011. Il-proporzjon tad-dejn ma jistax jitqies bħala wieħed li qed jonqos b'mod suffiċjenti u li qed joqrob lejn il-valur ta' referenza b'pass sodisfaċenti skont it-tifsira tat-Trattat u tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Il-kriterju tad-dejn fit-Trattat mhuwiex sodisfatt.

(9) Skont l-Artikolu 2(4) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1467/97, "fatturi rilevanti" jistgħu jitqiesu biss fl-istadji li jwasslu għad-deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-eżistenza ta' żbilanċ eċċessiv b'konformità mal-Artikolu 126(6) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jekk il-kondizzjoni doppja - li l-iżbilanċ jibqa' qrib il-valur ta' referenza u li l-eċċess tiegħu fuq il-valur ta' referenza jkun temporanju - tiġi sodisfatta għal kollox. Fil-każ tal-Belġju, din il-kondizzjoni doppja ma ntlaħqitx. Għalhekk, il-fatturi rilevanti mhumiex qed jitqiesu fil-passi li jwasslu għal din id-Deċiżjoni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Minn valutazzjoni ġenerali jirriżulta li jeżisti żbilanċ eċċessiv fil-Belġju.

*Artikolu 2*

Din id-deċiżjoni hija indirizzata lir-Renju tal-Belġju.

Magħmul fi Brussell, id-19 ta' Jannar 2010.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

E. SALGADO

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

## tad-19 ta' Jannar 2010

## dwar l-eżistenza ta' żbilanċ eċċessiv fir-Repubblika Ċeka

(2010/284/UE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u, b'mod partikolari, l-Artikolu 126(7) flimkien mal-Artikolu 126(13) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-osservazzjonijiet magħmula mir-Repubblika Ċeka,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 126(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, l-Istati Membri għandhom jevitaw żbilanċi eċċessivi tal-gvern.

(2) Il-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir huwa msejjes fuq l-għan ta' finanzi sodi tal-gvern bħala mezz ta' tisħiħ tal-kondizzjonijiet għall-istabbiltà tal-prezzijiet u għal tkabbir qawwi sostenibbli li jwassal għall-ħolqien tal-impjiegi.

(3) Il-proċedura ta' żbilanċ eċċessiv (PŻE) taħt l-Artikolu 126 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, kif iċċarat bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1467/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar li titħaffef u li tiġi ċċarata l-implimentazzjoni tal-proċedura ta' żbilanċ eċċessiv [1] (li jagħmel parti mill-Patt ta' Stabbiltà u ta' Tkabbir), tipprovdi għal deċiżjoni dwar l-eżistenza ta' żbilanċ eċċessiv. Ir-Regolament (KE) Nru 1467/97 jistabbilixxi wkoll dispożizzjonijiet għall-implimentazzjoni tal-Artikolu 104 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, li sar l-Artikolu 126 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. Il-Protokoll dwar il-proċedura ta' żbilanċ eċċessiv anness mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jistabbilixxi dispożizzjonijiet ulterjuri relatati mal-implimentazzjoni tal-PŻE. Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 479/2009 [2] jistabbilixxi definizzjonijiet u regoli dettaljati għall-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dak il-Protokoll.

(4) Ir-riforma tal-2005 tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir fittxet li ssaħħaħ l-effikaċja u l-bażi ekonomika tiegħu kif ukoll li tħares is-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi fit-tul. Din immirat li tiżgura li, b'mod partikolari, l-isfond ekonomiku u baġitarju jiġi kkunsidrat bis-sħiħ fl-istadji kollha tal-PŻE. B'dan il-mod, il-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir jipprovdi l-qafas li jsostni l-linji ta' politika tal-gvern għal ritorn ta' malajr lejn qagħdiet baġitarji mingħajr problemi billi titqies il-qagħda ekonomika.

(5) L-Artikolu 104(5) tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, li sar l-Artikolu 126(5) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, kien jeħtieġ li l-Kummissjoni tindirizza opinjoni lill-Kunsill jekk il-Kummissjoni tqis li kien jeżisti jew li jista' jinqala' żbilanċ eċċessiv fi Stat Membru. Il-Kummissjoni, wara li kkunsidrat ir-rapport tagħha skont l-Artikolu 104(3) tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, li sar l-Artikolu 126(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u wara li kkunsidrat l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju skont l-Artikolu 104(4) tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, li sar l-Artikolu 126(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, ikkonkludiet li kien jeżisti żbilanċ eċċessiv fir-Repubblika Ċeka. Il-Kummissjoni għalhekk indirizzat tali opinjoni lill-Kunsill fir-rigward tar-Repubblika Ċeka fil-11 ta' Novembru 2009 [3].

(6) L-Artikolu 126(6) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jiddikjara li l-Kunsill għandu jikkunsidra kull osservazzjoni li l-Istat Membru kkonċernat ikun jixtieq jagħmel qabel ma jiddeċiedi, wara valutazzjoni ġenerali, jekk jeżistix żbilanċ eċċessiv. Fil-każ tar-Repubblika Ċeka, din il-valutazzjoni ġenerali twassal għall-konklużjonijiet imniżżlin f'din id-Deċiżjoni.

(7) Skont data notifikata mill-awtoritajiet Ċeki f'Ottubru 2009, l-iżbilanċ ġenerali tal-gvern fir-Repubblika Ċeka hu ppjanat li jilħaq is-6,6 % tal-PDG fl-2009, u b'hekk qabeż il-valur ta' referenza ta' 3 % tal-PDG u mingħajr ma jkun qrib tiegħu. Abbażi tal-previżjoni tal-ħarifa tal-2009 tas-servizi tal-Kummissjoni, l-eċċess ippjanat fuq il-valur ta' referenza jikkwalifika bħala eċċezzjonali skont it-tifsira tat-Trattat u tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. B'mod partikolari, dan jirriżulta, fost affarijiet oħra, mit-tnaqqis tar-ritmu ekonomiku serju skont it-tifsira tat-Trattat u tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Il-previżjoni tas-servizzi tal-Kummissjoni tal-ħarifa 2009 tbassar li l-PDG reali jonqos b'4,8 % fl-2009 mqabbel mat-tkabbir pożittiv ta' 2,5 % fl-2008, li fil-biċċa l-kbira tiegħu jirrifletti l-impatt tal-kriżi ekonomika dinjija. Filwaqt li l-iżbilanċ prinċipali beda jiżdied biss fl-2008, id-deterjorament strutturali kien beda qabel meta l-ekonomija kienet għadha għaddejja

[1] ĠU L 209, 2.8.1997, p. 6.
[2] ĠU L 145, 10.6.2009, p. 1.
[3] Id-dokumenti kollha relatati mal-PŻE għar-Repubblika Ċeka jinsabu fil-websajt li ġejja: http://ec.europa.eu/economy_finance/netstartsearch/pdfsearch/pdf.cfm?mode = _m2

minn żminijiet pożittivi. Barra minn hekk, l-eċċess ippjanat fuq il-valur ta' referenza ma jistax jitqies bħala temporanju, billi l-previżjoni tas-servizzi tal-Kummissjoni tal-ħarifa 2009 tbassar żbilanċ ġenerali tal-gvern li jilħaq il-5,5 % tal-PDG fl-2010 u, abbażi ta' suppożizzjoni li ma jkun hemm l-ebda bidla politika, 5,7 % tal-PDG fl-2011. It-tbassir iqis l-effett tal-miżuri kontra l-kriżi li ser ikunu għadhom fis-seħħ fl-2010 (żewġ miżuri li jammontaw għal madwar 0,7 % tal-PDG huma permanenti) kif ukoll il-pakkett ta' konsolidament fiskali għall-2010 adottat mill-awtoritajiet Ċeki f'Ottubru 2009. Il-kriterju tal-iżbilanċ fit-Trattat mhuwiex sodisfatt.

(8) Skont id-data nnotifikata mill-awtoritajiet Ċeki f'Ottubru 2009, id-dejn gross ġenerali tal-gvern għadu taħt il-valur ta' referenza ta' 60 % tal-PDG, u huwa ppjanat li jżomm fil-livell ta' 35,5 % tal-PDG fl-2009. Skont il-previżjoni tas-servizzi tal-Kummissjoni tal-ħarifa 2009, il-proporzjon tad-dejn mistenni jiżdied malajr, u jilħaq l-44 % tal-PDG fl-2011 bis-suppożizzjoni li ma jkun hemm l-ebda bidla fil-politika.

(9) Skont l-Artikolu 2(4) tar-Regolament (KE) Nru 1467/97, il-"fatturi rilevanti" jistgħu jitqiesu biss fl-istadji li jwasslu għad-deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-eżistenza ta' żbilanċ eċċessiv b'konformità mal-Artikolu 126(6) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jekk il-kondizzjoni doppja – li l-iżbilanċ jibqa' qrib il-valur ta' referenza u li l-eċċess tiegħu 'l fuq mill-valur ta' referenza jkun temporanju – tiġi sodisfatta għal kollox. Fil-każ tar-Repubblika Ċeka, din il-kondizzjoni doppja ma ntlaħqitx. Għalhekk, il-fatturi rilevanti mhumiex qed jitqisu fil-passi li jwasslu għal din id-Deċiżjoni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Minn valutazzjoni ġenerali jirriżulta li jeżisti żbilanċ eċċessiv fir-Repubblika Ċeka.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika Ċeka.

Magħmul fi Brussell, id-19 ta' Jannar 2010.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

E. SALGADO

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

## tad-19 ta' Jannar 2010

## dwar l-eżistenza ta' żbilanċ eċċessiv fil-Ġermanja

(2010/285/UE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u, b'mod partikolari, l-Artikolu 126(6) flimkien mal-Artikolu 126(13) u l-Artikolu 136 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-osservazzjonijiet magħmula mill-Ġermanja,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 126(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, l-Istati Membri għandhom jevitaw żbilanċi eċċessivi tal-gvern.

(2) Il-Patt ta' Stabilità u Tkabbir huwa bbażat fuq l-għan ta' finanzi sodi tal-gvern bħala mezz biex jissaħħu l-kondizzjonijiet għall-istabilità tal-prezzijiet u għal tkabbir sostenibbli qawwi li jwassal għall-ħolqien tal-impjiegi.

(3) Il-proċedura ta' żbilanċ eċċessiv (PŻE) taħt l-Artikolu 126 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, kif iċċarat mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1467/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar li titħaffef u li tiġi ċċarata l-implimentazzjoni tal-proċedura ta' żbilanċ eċċessiv [1] (li jagħmel parti mill-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir), jipprovdi għal Deċiżjoni dwar l-eżistenza ta' żbilanċ eċċessiv. Ir-Regolament (KE) Nru 1467/97 jistabbilixxi wkoll dispożizzjonijiet għall-implimentazzjoni tal-Artikolu 104 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, li sar l-Artikolu 126 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. Il-Protokoll dwar il-proċedura ta' żbilanċ eċċessiv anness mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jistabbilixxi dispożizzjonijiet ulterjuri relatati mal-implimentazzjoni tal-PŻE. Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 479/2009 [2] jistabbilixxi definizzjonijiet u regoli dettaljati għall-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dak il-Protokoll.

(4) Ir-riforma tal-2005 tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir fittxet li ssaħħaħ l-effettività u l-bażi ekonomika tiegħu kif ukoll li tħares is-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi fit-tul. Din kellha l-għan li tiżgura li b'mod partikolari l-isfond ekonomiku u baġitarju jittieħed kompletament f'konsiderazzjoni fl-istadji kollha tal-Proċedura ta' Żbilanċ Eċċessiv (PŻE). B'dan il-mod, il-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir jipprovdi l-qafas li jsostni l-linji ta' politika tal-gvern għal ritorn ta' malajr lejn pożizzjonijiet baġitarji soda fid-dawl tas-sitwazzjoni ekonomika.

(5) L-Artikolu 104(5) tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, li sar l-Artikolu 126(5) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, kien jeħtieġ li l-Kummissjoni tindirizza opinjoni lill-Kunsill jekk il-Kummissjoni kienet tikkunsidra li jeżisti jew li jista' jinqala' żbilanċ eċċessiv fi Stat Membru. Il-Kummissjoni, wara li kkunsidrat ir-rapport tagħha skont l-Artikolu 104(3) tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, li sar l-Artikolu 126(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u wara li kkunsidrat l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju skont l-Artikolu 104(4) tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, li sar l-Artikolu 126(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, ikkonkludiet li kien jeżisti żbilanċ eċċessiv fil-Ġermanja. Il-Kummissjoni għalhekk indirizzat tali opinjoni lill-Kunsill fir-rigward tal-Ġermanja fil-11 ta' Novembru 2009 [3].

(6) L-Artikolu 126(6) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jiddikjara li l-Kunsill għandu jikkunsidra kull osservazzjoni li l-Istat Membru kkonċernat ikun jixtieq jagħmel qabel ma jiddeċiedi, wara evalwazzjoni ġenerali, jekk jeżistix żbilanċ eċċessiv. Fil-każ tal-Ġermanja, din il-valutazzjoni ġenerali twassal għall-konklużjonijiet imniżżlin f'din id-Deċiżjoni.

(7) Skont id-data notifikata mill-awtoritajiet tal-Ġermanja f'Ottubru 2009, l-iżbilanċ ġenerali tal-gvern fil-Ġermanja hu ppjanat li jilħaq it-3,7 % tal-PDG fl-2009, u b'hekk qabeż il-valur ta' referenza tat-3 % tal-PDG mingħajr ma jkun qrib tiegħu. L-eċċess ippjanat fuq il-valur ta' referenza jista' jiġi kkwalifikat bħala eċċezzjonali skont it-tifsira tat-Trattat u tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Skont it-tbassir tas-servizzi tal-Kummissjoni tal-Ħarifa 2009, il-PDG reali fil-Ġermanja huwa mbassar li jonqos drastikament fis-sena 2009 b'5 %. Barra minn dan, l-eċċess ippjanat fuq il-valur ta' referenza ma jistax jiġi meqjus bħala temporanju, minħabba li t-tbassir tas-servizzi tal-Kummissjoni tal-Ħarifa 2009, filwaqt li jqis il-miżuri adottati fis-sena attwali li taffettwa l-baġit għall-2010 u għall-2011, l-iżbilanċ jikber għal 5,0 % tal-PDG fl-2010 biex jinżel għal 4,6 % tal-PDG fl-2011 fuq is-suppożizzjoni li ma ssir ebda bidla fil-politika. Il-kriterju tal-iżbilanċ fit-Trattat mhuwiex sodisfatt.

[1] ĠU L 209, 2.8.1997, p. 6.
[2] ĠU L 145, 10.6.2009, p. 1.
[3] Id-dokumenti kollha relatati mal-PŻE għall-Ġermanja jinsabu fis-sit elettroniku li ġej: http://ec.europa.eu/economy_finance/netstartsearch/pdfsearch/pdf.cfm?mode = _m2

(8) Skont id-data notifikata mill-awtoritajiet Ġermaniżi f'Ottubru 2009, id-dejn gross ġenerali tal-gvern (li kien ogħla ferm mill-valur ta' referenza ta' 60 % tal-PDG mill-2002 'l hawn) hu ppjanat li fl-2009 jkun 74,2 % tal-PDG. Skont it-tbassir tas-servizzi tal-Kummissjoni tal-ħarifa 2009, il-proporzjon tad-dejn huwa mistenni jiżdied iktar għal 73,1 % tal-PDG fl-2009 u jilħaq id-79,7 % tal-PDG fl-2011. Il-proporzjon ta' dejn ma jistax jitqies bħala wieħed li qed jonqos b'mod sufficjenti u li qed joqrob lejn il-valur ta' referenza b'pass sodisfaċenti skont it-tifsira tat-Trattat u l-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Il-kriterju tad-dejn fit-Trattat mhuwiex sodisfatt.

(9) Skont l-Artikolu 2(4) tar-Regolament (KE) Nru 1467/97, "fatturi rilevanti" jistgħu jitqiesu biss fl-istadji li jwasslu għad-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-eżistenza ta' żbilanċ eċċessiv b'konformità mal-Artikolu 126(6) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jekk il-kondizzjoni doppja - li l-iżbilanċ jibqa' qrib il-valur ta' referenza u li l-eċċess tiegħu 'l fuq mill-valur ta' referenza jkun temporanju - tiġi ssodisfata għal kollox. Fil-każ tal-Ġermanja, din il-kondizzjoni doppja ma ntlaħqitx. Għal-hekk, il-fatturi rilevanti mhumiex qed jitqiesu fil-passi li jwasslu għal din id-Deċiżjoni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Minn valutazzjoni ġenerali jirriżulta li jeżisti żbilanċ eċċessiv fil-Ġermanja.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika Federali tal-Ġermanja.

Magħmul fi Brussell, id-19 ta' Jannar 2010.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

E. SALGADO

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

## tad-19 ta' Jannar 2010

## dwar l-eżistenza ta' żbilanċ eċċessiv fl-Italja

(2010/286/UE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u, b'mod partikolari, l-Artikolu 126(6) flimkien mal-Artikolu 126(13) u l-Artikolu 136 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-osservazzjonijiet magħmula mill-Italja,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 126(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, l-Istati Membri għandhom jevitaw żbilanċi eċċessivi tal-gvern.

(2) Il-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir huwa bbażat fuq l-għan ta' finanzi sodi tal-gvern bħala mezz biex jissaħħu l-kondizzjonijiet għall-istabbiltà tal-prezzijiet u għal tkabbir sostenibbli qawwi li jwassal għall-ħolqien tal-impjiegi.

(3) Il-proċedura ta' żbilanċ eċċessiv (PŻE) taħt l-Artikolu 126 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, kif iċċarat bir-Regolament (KE) Nru 1467/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar li titħaffef u li tiġi ċċarata l-implimentazzjoni tal-proċedura ta' żbilanċ eċċessiv ([1]) (li tagħmel parti mill-Patt ta' Stabbiltà u ta' Tkabbir), tipprovdi għal deċiżjoni dwar l-eżistenza ta' żbilanċ eċċessiv. Ir-Regolament (KE) Nru 1467/97 jistabbilixxi wkoll dispożizzjonijiet għall-implimentazzjoni tal-Artikolu 104 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, li sar l-Artikolu 126 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. Il-Protokoll dwar il-proċedura ta' żbilanċ eċċessiv anness mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jistabbilixxi aktar dispożizzjonijiet marbuta mal-implimentazzjoni tal-PŻE. Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 479/2009 ([2]) jistabbilixxi definizzjonijiet u regoli dettaljati għall-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dak il-Protokoll.

(4) Ir-riforma tal-2005 tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir fittxet li ssaħħaħ l-effikaċja u l-bażi ekonomika tiegħu kif ukoll li tħares is-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi fit-tul. Din kellha l-għan li tiżgura li, b'mod partikolari, l-isfond ekonomiku u baġitarju jitqiesu bis-sħiħ fl-istadji kollha tal-PŻE. B'dan il-mod, il-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir jipprovdi l-qafas li jsostni l-linji ta' politika tal-gvern għal ritorn ta' malajr lejn pożizzjonijiet baġitarji sodi filwaqt li jittieħed kont tal-qagħda ekonomika.

(5) L-Artikolu 104(5) tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, li sar l-Artikolu 126(5) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, kien jeħtieġ li l-Kummissjoni tindirizza opinjoni lill-Kunsill jekk il-Kummissjoni kien jikkunsidra li jeżisti jew li jista' jinqala' żbilanċ eċċessiv fi Stat Membru. Il-Kummissjoni, wara li kkunsidrat ir-rapport tagħha skont l-Artikolu 104(3) tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, li sar l-Artikolu 126(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u wara li kkunsidrat l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju skont l-Artikolu 104(4) tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, li sar l-Artikolu 126(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, ikkonkludiet li kien jeżisti żbilanċ eċċessiv fl-Italja. Il-Kummissjoni għalhekk indirizzat din l-opinjoni lill-Kunsill fir-rigward tal-Italija fil-11 ta' Novembru 2009 ([3]).

(6) L-Artikolu 126(6) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jiddikjara li l-Kunsill għandu jikkunsidra kull osservazzjoni li l-Istat Membru kkonċernat ikun jixtieq jagħmel qabel ma jiddeċiedi, wara valutazzjoni ġenerali, jekk jeżistix żbilanċ eċċessiv. Fil-każ tal-Italja, din il-valutazzjoni ġenerali twassal għall-konklużjonijiet imniżżlin f'din id-Deċiżjoni.

(7) Skont data nnotifikata mill-awtoritajiet Taljani f'Ottubru 2009, l-iżbilanċ ġenerali tal-gvern fl-Italja huwa ppjanat li jilħaq il-5,3 % tal-PDG fl-2009, u b'hekk jaqbeż il-valur ta' referenza ta' 3 % tal-PDG mingħajr ma jkun qrib tiegħu. L-eċċess ippjanat fuq il-valur ta' referenza jista' jiġi kkwalifikat bħala eċċezzjonali skont it-tifsira tat-Trattat u tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. B'mod partikolari, dan jirriżulta minn tnaqqis qawwi fir-ritmu ekonomiku skont it-tifsira tat-Trattat u tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. It-tbassir tas-servizzi tal-Kummissjoni tal-ħarifa 2009 ibassar li l-PDG reali fl-Italja jonqos b'4,7 % fl-2009, wara li naqas b'1 % fl-2008. Rilanċ moderat huwa mistenni għall-2010, li jissaħħaħ fl-2011. Barra minn hekk, l-eċċess ippjanat lil hinn mill-valur ta' referenza ma jistax jitqies bħala wieħed temporanju, billi l-iżbilanċ huwa mbassar li jiżdied aktar fl-2010 u, fuq bażi ta' ebda tibdil ta' politika, li jonqos b'mod marġinali fl-2011. Il-miżuri ta' diskrezzjoni mwettqa flimkien mal-pakketti suċċessivi ta' rilanċ bħala tweġiba għall-kriżi f'konformità mal-Pjan Ewropew ra' rkupru Ekonomiku (maħsuba bħala sostenn għal min jaqla' ftit u għas-setturi industrijali ewlenin) mhumiex mistennija li jinfluwenzaw

([1]) ĠU L 209, 2.8.1997, p. 6.

([2]) ĠU L 145, 10.6.2009, p. 1.

([3]) Id-dokumenti kollha marbuta mal-EDP għall-Italja jinsabu fil-websajt li ġejja: http://ec.europa.eu/economy_finance/netstartsearch/pdfsearch/pdf.cfm?mode=_m2

ħafna l-bilanċ tal-gvern, billi dawn huma, skont l-awtoritajiet Taljani, iffinanzjati kompletament l-aktar bl-allokazzjoni mill-ġdid ta' fondi eżistenti. Il-kriterju tal-iżbilanċ fit-Trattat mhuwiex sodisfatt.

(8) Skont id-data nnotifikata mill-awtoritajiet Taljani f'Ottubru 2009, id-dejn gross ġenerali tal-gvern kien ferm aktar minn 60 % tal-valur ta' referenza tal-PDG minn qabel il-bidu tal-fażi III tal-unjoni ekonomika u monetarja u huwa ppjanat li jkun ta' 115,1 % tal-PDG fl-2009. It-tbassir tas-servizzi tal-Kummissjoni tal-ħarifa 2009 jipproġetta li l-proporzjon tad-dejn ser jiżdied għal 117,8 % fl-2011. Il-proporzjon tad-dejn ma jistax jitqies bħala wieħed li qed jonqos b'mod suffiċjenti u li qed joqrob lejn il-valur ta' referenza b'pass sodisfaċenti skont it-tifsira tat-Trattat u l-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Il-kriterju tad-dejn fit-Trattat mhuwiex sodisfatt.

(9) Skont l-Artikolu 2(4) tar-Regolament (KE) Nru 1467/97, il-"fatturi rilevanti" jistgħu jitqiesu biss fl-istadji li jwasslu għad-deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-eżistenza ta' żbilanċ eċċessiv b'konformità mal-Artikolu 126(6) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jekk il-kondizzjoni doppja - li l-iżbilanċ jibqa' qrib il-valur ta' referenza u li l-eċċess tiegħu 'l fuq mill-valur ta' referenza jkun temporanju - tiġi sodisfatta għal kollox. Fil-każ tal-Italja, din il-kondizzjoni doppja ma ntlaħqitx. Għalhekk, il-fatturi rilevanti mhumiex qed jitqiesu fil-passi li jwasslu għal din id-Deċiżjoni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Minn valutazzjoni ġenerali jirriżulta li jeżisti żbilanċ eċċessiv fl-Italja.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika Taljana.

Magħmul fi Brussell, id-19 ta' Jannar 2010.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

E. SALGADO

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

## tad-19 ta' Jannar 2010

## dwar l-eżistenza ta' żbilanċ eċċessiv fil-Pajjiżi l-Baxxi

(2010/287/UE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u, b'mod partikolari, l-Artikolu 126(6) flimkien mal-Artikolu 126(13) u l-Artikolu 136 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-osservazzjonijiet magħmula mill-Pajjiżi l-Baxxi,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 126(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, l-Istati Membri għandhom jevitaw żbilanċi eċċessivi tal-gvern.

(2) Il-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir huwa msejjes fuq l-għan ta' finanzi sodi tal-gvern bħala mezz ta' tisħiħ tal-kundizzjonijiet għall-istabbiltà tal-prezzijiet u għal tkabbir qawwi sostenibbli li jwassal għall-ħolqien tal-impjiegi.

(3) Il-proċedura ta' żbilanċ eċċessiv (PŻE) taħt l-Artikolu 126 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, kif ikkjarifikat mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1467/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar li titħaffef u li tiġi ċċarata l-implimentazzjoni tal-proċedura ta' żbilanċ eċċessiv [1] (li jagħmel parti mill-Patt ta' Stabbiltà u ta' Tkabbir), tipprovdi għal deċiżjoni dwar l-eżistenza ta' żbilanċ eċċessiv. Ir-Regolament (KE) Nru 1467/97 ukoll jistabbilixxi dispożizzjonijiet għall-implimentazzjoni tal-Artikolu 104 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, li sar l-Artikolu 126 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. Il-Protokoll dwar il-proċedura ta' żbilanċ eċċessiv anness mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jistipula dispożizzjonijiet ulterjuri relatati mal-implimentazzjoni tal-PŻE. Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 479/2009 [2] jistipula definizzjonijiet u regoli dettaljati għall-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dak il-Protokoll.

(4) Ir-riforma tal-2005 tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir fittxet li ssaħħaħ l-effettività u l-bażi ekonomika tiegħu kif ukoll li tħares is-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi fit-tul. Din immirat li tiżgura li b'mod partikolari, l-isfond ekonomiku u baġitarju jiġi kkunsidrat bis-sħiħ fl-istadji kollha tal-PŻE. B'dan il-mod, il-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir jipprovdi l-qafas li jsostni l-politiki tal-gvern għal ritorn ta' malajr lejn qagħdiet baġitarji mingħajr problemi billi titqies il-qagħda ekonomika.

(5) L-Artikolu 104(5) tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, li sar l-Artikolu 126(5) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea kien jobbliga lill-Kummissjoni li tindirizza opinjoni lill-Kunsill jekk il-Kummissjoni kienet tqis li kien jeżisti jew li seta' nqala' żbilanċ eċċessiv fi Stat Membru. Il-Kummissjoni, wara li qieset ir-rapport tagħha skont l-Artikolu 104(3) tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, li sar l-Artikolu 126(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju skont l-Artikolu 104(4) tat-Trattat, li sar l-Artikolu 126(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, ikkonkludiet li kien jeżisti żbilanċ eċċessiv fil-Pajjiżi l-Baxxi. Il-Kummissjoni għalhekk indirizzat dik l-opinjoni lill-Kunsill firrigward tal-Pajjiżi l-Baxxi fil-11 ta' Novembru 2009 [3].

(6) L-Artikolu 126(6) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jistipula li l-Kunsill għandu jikkunsidra kull osservazzjoni li l-Istat Membru kkonċernat ikun jixtieq jagħmel qabel ma jiddeċiedi, wara evalwazzjoni ġenerali, jekk jeżistix żbilanċ eċċessiv. Fil-każ tal-Pajjiżi l-Baxxi, din il-valutazzjoni ġenerali twassal għall-konklużjonijiet disposti f'din id-Deċiżjoni.

(7) Skont dejta notifikata mill-awtoritajiet Olandiżi f'Ottubru 2009, l-iżbilanċ tal-gvern ġenerali fil-Pajjiżi l-Baxxi hu ppjanat li jlaħħaq l-4,8 % tal-PGD fl-2009, u b'hekk qabeż il-valur ta' referenza ta' 3 % tal-PGD u tbiegħed minnu. L-eċċess ippjanat fuq il-valur ta' referenza ma jista' jiġi kwalifikat bħala eċċezzjonali skont it-tifsira tat-Trattat u tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Dan jirriżżulta l-aktar minn tnaqqis serju fir-ritmu ekonomiku skont it-tifsira tat-Trattat u tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Fil-previżjoni tas-servizzi tal-Kummissjoni tal-ħarifa tal-2009, il-PGD mistenni li jonqos b'4,5 % fl-2009 u li jikber bi 0,25 % fl-2010. Barra minn hekk, abbażi wkoll tal-previżjoni tas-servizzi tal-Kummissjoni tal-ħarifa tal-2009, l-eċċess ippjanat fuq il-valur ta' referenza ma jistax jitqies bħala wieħed temporanju, billi l-iżbilanċ tal-gvern ġenerali hu projettat li tiżdied minn 4,7 % tal-PGD fl-2009 għal 6,1 % tal-PGD fl-2010, qabel ma tonqos ftit għal 5,6 % tal-PGD fl-2011 abbażi tas-suppożizzjoni tas-soltu li ma jkunx hemm bidla politika. Il-kriterju tal-iżbilanċ fit-Trattat mhuwiex sodisfatt.

[1] ĠU L 209, 2.8.1997, p. 6.
[2] ĠU L 145, 10.6.2009, p. 1.
[3] Id-dokumenti kollha relatati mal-PŻE għall-Olanda jinsabu fil-websajt li ġejja: http://ec.europa.eu/economy_finance/netstartsearch/pdfsearch/pdf.cfm?mode = _m2

(8) Skont id-dejta nnotifikata mill-awtoritajiet Olandiżi f'Ottubru 2009, id-dejn gross tal-gvern ġenerali għadu taħt il-valur referenzjarju ta' 60 % tal-PGD, fil-livell ta' 59,7 % ([1]) tal-PGD fl-2009. Il-previżjoni tal-ħarifa tal-2009 tas-servizzi tal-Kummissjoni jistennew dejn gross tal-gvern ġenerali ta' 59,8 % tal-PGD fl-2009 u li dan se jiżdied għal madwar 66 % tal-PGD fl-2010 u 70 % tal-PGD fl-2011, biex b'hekk jaqbeż il-valur ta' referenza ta' 60 % tal-PGD. Din iż-żieda tfeġġ l-iktar minn deterjorament importanti mistenni fil-bilanċ primarju.

(9) Skont l-Artikolu 2(4) tar-Regolament (KE) Nru 1467/97, "fatturi rilevanti" jistgħu jitqiesu biss fl-istadji li jwasslu għad-deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-eżistenza ta' żbilanċ eċċessiv b'konformità mal-Artikolu 126(6) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jekk il-kundizzjoni doppja – li l-iżbilanċ jibqa' qrib il-valur ta' referenza u li l-eċċess tiegħu 'l fuq mill-valur ta' referenza jkun temporanju – tiġi sodisfatta għal kollox. Fil-każ tal-Pajjiżi l-Baxxi, din il-kundizzjoni doppja ma ntlaħqitx. Għalhekk, fatturi rilevanti ma jitqisux fil-passi li jwasslu għal din id-Deċiżjoni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Minn valutazzjoni kumplessiva jirriżulta li jeżisti żbilanċ eċċessiv fil-Pajjiżi l-Baxxi.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Pajjiżi l-Baxxi.

Magħmul fi Brussell, id-19 ta' Jannar 2010.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

E. SALGADO

([1]) Din iċ-ċifra ma tinkludix il-faċilità ta' sostenn ta' assi mhux likwidi tal-gvern lill-ING, li tammonta għal madwar 3½ % tal-PGD (EUR 21 biljun).

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

## tad-19 ta' Jannar 2010

## dwar l-eżistenza ta' żbilanċ eċċessiv fil-Portugall

(2010/288/UE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u, b'mod partikolari, l-Artikolu 126(6) flimkien mal-Artikolu 126(13) u l-Artikolu 136 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-osservazzjonijiet magħmula mill-Portugall,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 126(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, l-Istati Membri għandhom jevitaw żbilanċi eċċessivi tal-gvern.

(2) Il-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir huwa msejjes fuq l-għan ta' finanzi sodi tal-gvern bħala mezz ta' tisħiħ tal-kundizzjonijiet għall-istabbiltà tal-prezzijiet u għal tkabbir qawwi sostenibbli li jwassal għall-ħolqien tal-impjiegi.

(3) Il-proċedura ta' żbilanċ eċċessiv (PŻE) taħt l-Artikolu 126 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, kif ikkjarifikat mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1467/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar li titħaffef u li tiġi ċċarata l-implimentazzjoni tal-proċedura ta' żbilanċ eċċessiv [1] (li jagħmel parti mill-Patt ta' Stabbiltà u ta' Tkabbir), tipprovdi għal deċiżjoni dwar l-eżistenza ta' żbilanċ eċċessiv. Ir-Regolament (KE) Nru 1467/97 ukoll jistabbilixxi dispożizzjonijiet għall-implimentazzjoni tal-Artikolu 104 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, li sar l-Artikolu 126 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. Il-Protokoll dwar il-proċedura ta' żbilanċ eċċessiv anness mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jistipula dispożizzjonijiet ulterjuri relatati mal-implimentazzjoni tal-PŻE. Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 479/2009 [2] jistipula definizzjonijiet u regoli dettaljati għall-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dak il-Protokoll.

(4) Ir-riforma tal-2005 tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir fittxet li ssaħħaħ l-effettività u l-bażi ekonomika tiegħu kif ukoll li tħares is-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi fit-tul. Din immirat li tiżgura li b'mod partikolari, l-isfond ekonomiku u baġitarju jiġi kkunsidrat bis-sħiħ fl-istadji kollha tal-PŻE. B'dan il-mod, il-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir jipprovdi l-qafas li jsostni l-politiki tal-gvern għal ritorn ta' malajr lejn qagħdiet baġitarji mingħajr problemi billi titqies il-qagħda ekonomika.

(5) L-Artikolu 104(5) tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, li sar l-Artikolu 126(5) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea kien jobbliga lill-Kummissjoni li tindirizza opinjoni lill-Kunsill jekk il-Kummissjoni kienet tqis li kien jeżisti jew li seta' nqala' żbilanċ eċċessiv fi Stat Membru. Il-Kummissjoni, wara li qieset ir-rapport tagħha skont l-Artikolu 104(3) tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, li sar l-Artikolu 126(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju skont l-Artikolu 104(4) tat-Trattat, li sar l-Artikolu 126(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, ikkonkludiet li kien jeżisti żbilanċ eċċessiv fil-Portugall. Il-Kummissjoni għalhekk indirizzat tali opinjoni lill-Kunsill fir-rigward tal-Portugall fil-11 ta' Novembru 2009 [3].

(6) L-Artikolu 126(6) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jistipula li l-Kunsill għandu jikkunsidra kull osservazzjoni li l-Istat Membru kkonċernat ikun jixtieq jagħmel qabel ma jiddeċiedi, wara evalwazzjoni ġenerali, jekk jeżistix żbilanċ eċċessiv. Fil-każ tal-Portugall, din l-evalwazzjoni ġenerali twassal għall-konklużjonijiet disposti f'din id-Deċiżjoni.

(7) Skont id-dejta notifikata mill-awtoritajiet tal-Portugall f'Ottubru 2009, l-iżbilanċ tal-gvern ġenerali fil-Portugall huwa ppjanat li jilħaq il-5,9 % tal-PGD fl-2009, u b'hekk jibqa' 'l fuq u mhux viċin il-valur ta' referenza tat-3 % tal-PGD. L-eċċess ippjanat fuq il-valur ta' referenza jista' jiġi kkwalifikat bħala eċċezzjonali skont it-tifsira tat-Trattat u tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. B'mod partikolari, fost affarijiet oħra, dan jirriżulta minn tnaqqis ekonomiku aħrax fl-2009 fit-tifsira tat-Trattat u tal-Patt ta' Stabbiltà u ta' Tkabbir. Għas-snin 2009 u 2010, it-tbassir tal-ħarifa 2009 tas-servizzi tal-Kummissjoni jipprevedi li l-PGD annwali jonqos bi 2,9 % u jogħla b'0,3 % rispettivament.

[1] ĠU L 209, 2.8.1997, p. 6.
[2] ĠU L 145, 10.6.2009, p. 1.

[3] Id-dokumenti kollha relatati mal-PŻE għall-Portugall jinsabu fis-sit elettroniku li ġej: http://ec.europa.eu/economy_finance/netstartsearch/pdfsearch/pdf.cfm?mode = _m2

Barra minn hekk, l-eċċess ippjanat fuq il-valur ta' referenza ma jistax jiġi meqjus bħala temporanju, minħabba li skont it-tbassir tal-ħarifa 2009 tas-servizzi tal-Kummissjoni, filwaqt li jqis il-miżuri diġà adottati f'din is-sena l-iżbilanċ ta' bażi tal-gvern ġenerali se jiżdied għal 8 % tal-PGD fl-2010. Fl-2010 u l-2011, minkejja n-nuqqas ta' kontinwazzjoni ta' ħafna mill-miżuri ta' natura straordinarja marbuta mal-kriżi fl-2009, ma huwa mistenni l-ebda titjib fil-pożizzjoni fiskali minħabba l-ambjent kontinwu ta' reċessjoni, it-tħaddim ta' stabbilizzaturi awtomatiċi u tkabbir sostanzjali fuq in-nefqa tal-interessi. Il-kriterju tal-iżbilanċ fit-Trattat mhuwiex sodisfatt.

(8) Skont id-dejta notifikata mill-awtoritajiet Portugiżi f'Ottubru 2009, id-dejn gross tal-gvern ġenerali (li kien 'il fuq mis-60 % ta' valur ta' referenza tal-PGD mill-2005) huwa ppjanat li jkun ta' 74,5 % tal-PGD fl-2009. Skont it-tbassir tar-Ħarifa 2009 tas-servizzi tal-Kummissjoni, il-proporzjon bejn id-dejn u l-PGD tal-gvern ġenerali hu previst li jiżdied b'mod sinifikanti bi 18-il punt perċentwali matul il-perjodu ta' previżjoni minn 66,3 % fl-2008 għal 91,1 % fl-2011. Il-proporzjon ta' dejn ma jistax jitqies bħala wieħed li qed jonqos b'mod suffiċjenti u li qed joqrob lejn il-valur ta' referenza b'pass sodisfaċenti skont it-tifsira tat-Trattat u l-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Il-kriterju tad-dejn fit-Trattat mhuwiex sodisfatt.

(9) Skont l-Artikolu 2(4) tar-Regolament (KE) Nru 1467/97, "fatturi rilevanti" jistgħu jitqiesu biss fl-istadji li jwasslu għad-deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-eżstenza ta' żbilanċ eċċessiv b'konformità mal-Artikolu 126(6) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jekk il-kundizzjoni doppja - li l-iżbilanċ jibqa' qrib il-valur ta' referenza u li l-eċċess tiegħu "l fuq mill-valur ta" referenza jkun temporanju - tiġi sodisfatta għal kollox. Fil-każ tal-Portugall, din il-kundizzjoni doppja ma ntlaħqitx. Għalhekk, fatturi rilevanti ma jitqisux fil-passi li jwasslu għal din id-Deċiżjoni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Minn valutazzjoni ġenerali jirriżulta li jeżisti żbilanċ eċċessiv fil-Portugall.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika Portugiża.

Magħmul fi Brussell, id-19 ta' Jannar 2010.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

E. SALGADO

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

## tad-19 ta’ Jannar 2010

## dwar l-eżistenza ta’ żbilanċ eċċessiv fis-Slovenja

(2010/289/UE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u, b’mod partikolari, l-Artikolu 126(6) flimkien mal-Artikolu 126(13) u l-Artikolu 136 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-osservazzjonijiet magħmula mis-Slovenja,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 126(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, l-Istati Membri għandhom jevitaw żbilanċi eċċessivi tal-gvern.

(2) Il-Patt ta’ Stabbiltà u Tkabbir huwa bbażat fuq l-għan ta’ finanzi sodi tal-gvern bħala mezz biex jissaħħu l-kundizzjonijiet għall-istabbiltà tal-prezzijiet u għal tkabbir sostenibbli qawwi li jwassal għall-ħolqien tal-impjiegi.

(3) Il-proċedura ta’ żbilanċ eċċessiv (PŻE) taħt l-Artikolu 126 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, kif ikkjarifikat mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1467/97 tas-7 ta’ Lulju 1997 dwar li titħaffef u li tiġi ċċarata l-implimentazzjoni tal-proċedura ta’ żbilanċ eċċessiv [1] (li jagħmel parti mill-Patt ta’ Stabbiltà u ta’ Tkabbir), tipprovdi għal deċiżjoni dwar l-eżistenza ta’ żbilanċ eċċessiv. Ir-Regolament (KE) Nru 1467/97 ukoll jistabbilixxi dispożizzjonijiet għall-implimentazzjoni tal-Artikolu 104 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, li sar l-Artikolu 126 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. Il-Protokoll dwar il-proċedura ta’ żbilanċ eċċessiv anness mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jistipula dispożizzjonijiet ulterjuri relatati mal-implimentazzjoni tal-PŻE. Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 479/2009 [2] jistipula definizzjonijiet u regoli dettaljati għall-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta’ dak il-Protokoll.

(4) Ir-riforma tal-2005 tal-Patt ta’ Stabbiltà u Tkabbir fittxet li ssaħħaħ l-effettività u l-bażi ekonomika tiegħu kif ukoll li tħares is-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi fit-tul. Din immirat li tiżgura li b’mod partikolari, l-isfond ekonomiku u baġitarju jiġi kkunsidrat bis-sħiħ fl-istadji kollha tal-PŻE. B’dan il-mod, il-Patt ta’ Stabbiltà u Tkabbir jipprovdi l-qafas li jsostni l-politiki tal-gvern għal ritorn ta’ malajr lejn qagħdiet baġitarji mingħajr problemi billi titqies il-qagħda ekonomika.

(5) L-Artikolu 104(5) tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, li sar l-Artikolu 126(5) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea kien jobbliga lill-Kummissjoni li tindirizza opinjoni lill-Kunsill jekk il-Kummissjoni kienet tqis li kien jeżisti jew li seta’ nqala’ żbilanċ eċċessiv fi Stat Membru. Il-Kummissjoni, wara li qieset ir-rapport tagħha skont l-Artikolu 104(3) tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, li sar l-Artikolu 126(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju skont l-Artikolu 104(4) tat-Trattat, li sar l-Artikolu 126(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, ikkonkludiet li kien jeżisti żbilanċ eċċessiv fis-Slovenja. Il-Kummissjoni għalhekk indirizzat opinjoni bħal din lill-Kunsill firrigward tas-Slovenja fil-11 ta’ Novembru 2009 [3].

(6) L-Artikolu 126(6) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jistipula li l-Kunsill għandu jikkunsidra kull osservazzjoni li l-Istat Membru kkonċernat ikun jixtieq jagħmel qabel ma jiddeċiedi, wara evalwazzjoni ġenerali, jekk jeżistix żbilanċ eċċessiv. Fil-każ tas-Slovenja, din l-evalwazzjoni ġenerali twassal għall-konklużjonijiet disposti f’din id-Deċiżjoni.

(7) Skont id-dejta nnotifikata mill-awtoritajiet tas-Slovenja f’Ottubru 2009, l-iżbilanċ tal-gvern ġenerali fis-Slovenja huwa mistenni li jilħaq il-5,9 % tal-PGD fl-2009, b’mod li jaqbeż u ma jkunx qrib il-valur ta’ referenza ta’ 3 % tal-PGD. L-eċċess mistenni fuq il-valur ta’ referenza jista’ jiġi kkwalifikat bħala eċċezzjonali skont it-tifsira tat-Trattat u tal-Patt ta’ Stabbiltà u Tkabbir. B’mod partikolari, dan jirriżulta, fost affarijiet oħra, minn tnaqqis kbir fir-ritmu ekonomiku skont it-tifsira tat-Trattat u tal-Patt ta’ Stabbiltà u Tkabbir. It-tkabbir reali tal-PGD, li niżel bin-nofs bejn l-2007 u l-2008, hu previst li jkun negattiv bil-kbir fis-sena 2009 (– 7,4 %) skont it-tbassir tas-servizzi tal-Kummissjoni tal-ħarifa 2009. Minkejja li r-riżultati baġitarji tas-Slovenja kienu tajbin fil-passat reċenti meta l-kundizzjonijiet kienu għadhom favorevoli, bis-saħħa tat-tkabbir fid-dħul akbar milli kien ibbaġitjat, l-eżekuzzjoni baġitarja kienet karatterizzata minn infiq żejjed. Barra minn hekk, l-eċċess mistenni fuq il-valur ta’ referenza ma jistax ikun ikkunsidrat bħala temporanju minħabba li, skont it-tbassir tas-servizzi tal-Kummissjoni tal-Ħarifa

[1] ĠU L 209, 2.8.1997, p. 6.

[2] ĠU L 145, 10.6.2009, p. 1.

[3] Id-dokumenti kollha relatati mal-PŻE mibgħuta lis-Slovenja jinsabu fuq il-websajt: http://ec.europa.eu/economy_finance/netstartsearch/pdfsearch/pdf.cfm?mode = _m2

2009, l-iżbilanċ għandu jikber minn 6,3 % tal-PGD fl-2009 għal madwar 7 % tal-PGD fl-2011 fuq is-suppożizzjoni li ma ssir ebda bidla fil-politika, filwaqt li l-PGD reali huwa previst li jirkupra għal tkabbir pożittiv moderat. Din is-suppożizzjoni tikkunsidra li, skont il-pjanijiet tal-gvern, ħafna mill-miżuri ta' natura straordinarja konnessi mal-kriżi konformi mal-PERE, li jammontaw għal kważi 1¼ % tal-PGD fl-2009, gradwalment għandhom jitwaqqfu fl-2010 u 2011. Il-kriterju tal-iżbilanċ fit-Trattat mhuwiex sodisfatt.

(8) Skont id-dejta nnotifikata mill-awtoritajiet Sloveni f'Ottubru 2009, id-dejn gross tal-gvern ġenerali jibqa' sew taħt il-valur ta' referenza ta' 60 % tal-PGD u hu mistenni jieqaf fil-livell ta' 34,2 % tal-PGD fl-2009. Skont il-previżjoni tas-servizzi tal-Kummissjoni tal-Ħarifa 2009, u kemm-il darba ma jsir ebda tibdil fil-politika, il-proporzjon tad-dejn se jikber aktar, għal madwar 48 % tal-PGD sal-2011.

(9) Skont l-Artikolu 2(4) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1467/97, il-"fatturi rilevanti" jistgħu jitqiesu biss fl-istadji li jwasslu għad-deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-eżistenza ta' żbilanċ eċċessiv skont l-Artikolu 126(6) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jekk il-kundizzjoni doppja - li l-iżbilanċ jibqa' qrib il-valur ta' referenza u li l-eċċess fuq il-valur ta' referenza huwa temporanju – tkun osservata bis-sħiħ. Fil-każ tas-Slovenja, din il-kundizzjoni doppja mhijiex osservata. Għalhekk, il-fatturi rilevanti mhumiex qed jitqiesu fl-istadji li jwasslu għal din id-Deċiżjoni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Minn evalwazzjoni ġenerali jirriżulta li jeżisti żbilanċ eċċessiv fis-Slovenja.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika tas-Slovenja.

Magħmula fi Brussell, id-19 ta' Jannar 2010

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

E. SALGADO

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

## tad-19 ta' Jannar 2010

## dwar l-eżistenza ta' żbilanċ eċċessiv fis-Slovakkja

(2010/290/UE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u, b'mod partikolari, l-Artikolu 126(6) flimkien mal-Artikolu 126(13) u l-Artikolu 136 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-osservazzjonijiet magħmula mis-Slovakkja,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 126(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, l-Istati Membri għandhom jevitaw żbilanċi eċċessivi tal-gvern.

(2) Il-Patt ta' Stabilità u Tkabbir huwa bbażat fuq l-għan ta' finanzi sodi tal-gvern bħala mezz biex jissaħħu l-kundizzjonijiet għall-istabbiltà tal-prezzijiet u għal tkabbir sostenibbli qawwi li jwassal għall-ħolqien tal-impjiegi.

(3) Il-proċedura ta' żbilanċ eċċessiv (PŻE) skont l-Artikolu 126 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, kif ikkjarifikat mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1467/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar li titħaffef u li tiġi ċċarata l-implimentazzjoni tal-proċedura ta' żbilanċ eċċessiv [1] (li jagħmel parti mill-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir), jaħseb għal deċiżjoni dwar l-eżistenza ta' żbilanċ eċċessiv. Ir-Regolament (KE) Nru 1467/97 jistabbilixxi wkoll dispożizzjonijiet għall-implimentazzjoni tal-Artikolu 104 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, li sar l-Artikolu 126 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. Il-Protokoll dwar il-proċedura ta' żbilanċ eċċessiv anness mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jistipula dispożizzjonijiet ulterjuri relatati mal-implimentazzjoni tal-PŻE. Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 479/2009 [2] jistabbilixxi r-regoli ddettaljati u d-definizzjonijiet għall-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dak il-Protokoll.

(4) Ir-riforma tal-2005 tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir fittxet li ssaħħaħ l-effettività u l-bażi ekonomika tiegħu kif ukoll li thares is-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi fit-tul. Ir-riforma kellha l-għan li tiżgura li b'mod partikolari l-isfond ekonomiku u baġitarju jittieħed kompletament inkunsiderazzjoni fl-istadji kollha tal-Proċedura ta' Żbilanċ Eċċessiv (PŻE). B'dan il-mod, il-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir jipprovdi l-qafas li jsostni l-politiki tal-gvern għal ritorn ta' malajr lejn qagħdiet baġitarji mingħajr problemi billi titqies il-qagħda ekonomika.

(5) L-Artikolu 104(5) tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, li sar l-Artikolu 126(5) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, kien jitlob lill-Kummissjoni li tindirizza opinjoni lill-Kunsill jekk il-Kummissjoni kienet tqis li kien jeżisti jew li seta' jokkorri żbilanċ eċċessiv fi Stat Membru. Wara li qieset ir-rapport tagħha skont l-Artikolu 104(3) tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, li sar l-Artikolu 126(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u wara li kkunsidrat l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju skont l-Artikolu 104(4) tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, li sar l-Artikolu 126(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, il-Kummissjoni ikkonkludiet li kien jeżisti żbilanċ eċċessiv fis-Slovakkja. Il-Kummissjoni għalhekk indirizzat opinjoni bħal din lill-Kunsill fir-rigward tas-Slovakkja fil-11 ta' Novembru 2009 [3].

(6) L-Artikolu 126(6) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jiddikjara li l-Kunsill għandu jikkunsidra kull osservazzjoni li l-Istat Membru kkonċernat ikun jixtieq jagħmel qabel ma jiddeċiedi, wara evalwazzjoni ġenerali, jekk jeżistix żbilanċ eċċessiv. Fil-każ tas-Slovakkja, din l-evalwazzjoni ġenerali twassal għall-konklużjonijiet stabbiliti f'din id-Deċiżjoni.

(7) Skont id-*data* notifikata mill-awtoritajiet Slovakki f'Ottubru 2009, l-iżbilanċ tal-gvern ġenerali fis-Slovakkja issa huwa ppjanat li jilħaq is-6,3 % tal-PDG fl-2009, u b'hekk jibqa' "l fuq u mhux viċin il-valur ta" referenza tat-3 % tal-PDG L-eċċess ippjanat fuq il-valur ta' referenza jista' jiġi kwalifikat bħala eċċezzjonali skont it-tifsira tat-Trattat u tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. B'mod partikolari, fosta affarijiet oħra, dan jirriżulta minn reċessjoni ekonomika ħarxa skont it-tifsira tat-Trattat u tal-Patt ta' Stabbiltà u ta' Tkabbir. It-tbassir tar-Ħarifa 2009 tas-servizzi tal-Kummissjoni jipprevedi PDG reali li jonqos għal 5,8 % fl-2009. Filwaqt li l-eċċess fuq il-valur ta' referenza ta' 3 % jirrifletti l-aktar is-severità tat-tnaqqis tar-ritmu ekonomiku, dan jirriżulta wkoll mid-deterjorament sinifikanti tal-bilanċ strutturali sa mill-2005. Barra minn dan, l-eċċess ippjanat fuq il-valur ta' referenza ma jistax jiġi meqjus bħala temporanju, minħabba li t-tbassir tal-Ħarifa 2009 tas-servizzi tal-Kummissjoni jipprevedi l-iżbilanċ tal-gvern ġenerali li jilħaq is-6 % tal-PDG fl-2010 taħt xenarju tal-ebda tibdil ta' politika. Il-kriterju tal-iżbilanċ fit-Trattat mhuwiex sodisfatt.

[1] ĠU L 209, 2.8.1997, p. 6.

[2] ĠU L 145, 10.6.2009, p. 1.

[3] Id-dokumenti kollha relatati mal-PŻE mibgħuta lis-Slovakkja jinstabu fuq il-websajt: http://ec.europa.eu/economy_finance/netstartsearch/pdfsearch/pdf.cfm?mode = _m2

(8) Skont id-dejta notifikata mill-awtoritajiet Slovakki f'Ottubru 2009, id-dejn gross tal-gvern ġenerali jibqa' sew taħt is-60 % tal-valur ta' referenza tal-PDG u huwa ppjanat li jkun madwar 30 % tal-PDG fl-2009. Skont it-tbassir tal-Ħarifa tas-servizzi tal-Kummissjoni, il-proporzjon tad-dejn hu mistenni li jiżdied b'mod rapidu, li jilħaq it-42,7 % tal-PDG fl-2011 taħt xenarju tal-ebda tibdil ta' politika.

(9) F'konformità mad-dispożizzjonijiet fil-Patt tat-Tkabbir u ta' Stabbilità, il-Kummissjoni fir-rapport tagħha qieset kif jixraq riformi sistemiċi tal-pensjonijiet bl-introduzzjoni ta' sistema msejsa fuq diversi pilastri li tinkludi pilastru mandatorju ffinanzjat bis-sħiħ. Filwaqt li l-implimentazzjoni ta' dawn ir-riformi twassal għal deterjorament temporanju tal-pożizzjoni baġitarja, huwa ċar li s-sostenibilità fit-tul tal-finanzi pubbliċi titjieb. Ibbażata fuq l-estimi tal-awtoritajiet Slovakki, l-ispiża netta ta' din ir-riforma tammonta għal 1,1 % tal-PDG fl-2009 sal-2011, li tiżdied għal 1,2 % fl-2012. Skont il-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir, dawn jistgħu jiġu kkunsidrati fuq bażi digressiva lineari għal perjodu tranżitorju u fil-każ biss fejn l-iżbilanċ jibqa' qrib il-valur ta' referenza. Billi bejn l-2009 u l-2011 l-iżbilanċ ma jibqax qrib il-valur ta' referenza, ma tistax titqies l-ispiża tar-riforma tal-pensjonijiet.

(10) Skont l-Artikolu 2(4) tar-Regolament (KE) Nru 1467/97, "fatturi rilevanti" jistgħu jitqiesu biss fl-istadji li jwasslu għad-deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-eżistenza ta' żbilanċ eċċessiv b'konformità mal-Artikolu 126(6) jekk il-kundizzjoni doppja - li l-iżbilanċ jibqa' qrib il-valur ta' referenza u li l-eċċess tiegħu 'l fuq mill-valur ta' referenza jkun temporanju - tiġi sodisfatta għal kollox. Fil-każ tas-Slovakkja, din il-kundizzjoni doppja ma ntlaħqitx. Għalhekk, fatturi rilevanti ma jitqisux fil-passi li jwasslu għal din id-Deċiżjoni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Minn evalwazzjoni ġenerali jirriżulta li jeżisti żbilanċ eċċessiv fis-Slovakkja.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika tas-Slovakkja.

Magħmul fi Brussell, id-19 ta' Jannar 2010.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

E. SALGADO

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL**

**tad-19 ta' Jannar 2010**

**li tistabbilixxi jekk ittieħditx azzjoni effettiva mill-Greċja b'reazzjoni għar-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-27 ta' April 2009**

(2010/291/UE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 126(8) flimkien mal-Artikolu 126(13) u l-Artikolu 136 tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkommandazzjoni mill-Kummissjoni,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 126(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, l-Istati Membri għandhom jevitaw żbilanċi eċċessivi tal-gvern.

(2) Il-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir huwa bbażat fuq l-għan ta' finanzi sodi tal-gvern bħala mezz biex jissaħħu l-kundizzjonijiet għall-istabbiltà tal-prezzijiet u għal tkabbir sostenibbli qawwi li jwassal għall-ħolqien tal-impjiegi. Il-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir jinkludi r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1467/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar li titħaffef u li tiġi ċċarata l-implimentazzjoni tal-proċedura ta' defiċit eċċessiv [1], li kien adottat sabiex jgħin il-korrezzjoni fil-pront tal-iżbilanċi eċċessivi tal-gvern ġenerali.

(3) Ir-riforma tal-2005 tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir fittxet li ssaħħaħ l-effettività u l-bażi ekonomika tiegħu kif ukoll li tħares is-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi fit-tul. Ir-riforma kellha l-għan li tiżgura li, b'mod partikolari, l-isfond ekonomiku u baġitarju jitqies kompletament fl-istadji kollha tal-proċedura ta' żbilanċ eċċessiv. B'dan il-mod, il-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir jipprovdi l-qafas li jsostni l-politiki tal-gvern biex malajr jerġgħu lura għal pożizzjonijiet baġitarji sodi filwaqt li titqies il-qagħda ekonomika.

(4) Il-Kunsill, fuq rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni, fis-27 ta' April 2009 iddeċieda, skont l-Artikolu 104(6) tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, li kien hemm żbilanċ eċċessiv fil-Greċja [2].

(5) Fis-27 ta' April 2009, il-Kunsill, ukoll fuq il-bażi ta' rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni, adotta rakkomandazzjoni [3] skont l-Artikolu 104(7) tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea għall-awtoritajiet Griegi fejn sejħilhom biex iġibu fi tmiemha s-sitwazzjoni ta' żbilanċ eċċessiv mhux aktar tard mill-2010, billi jniżżlu l-iżbilanċ tal-gvern ġenerali taħt it-3 % tal-PDG b'mod kredibbli u sostenibbli. Għal dak il-għan, il-Kunsill stabbilixxa l-iskadenza tat-27 ta' Ottubru 2009 biex l-awtoritajiet Griegi jieħdu azzjoni effikaċi.

(6) Il-progress fit-titjib tal-ġbir u l-ipproċessar tad-*data* tal-istatistika u tar-rappurtar tagħhom, partikolarment tad-*data* tal-gvern ġenerali, kif mitlub mill-Kunsill, kien defiċjenti. L-aħħar reviżjoni tan-notifika ta' Ottubru 2009 ma kinitx ġiet ivvalidata mill-Eurostat minħabba l-inċertezzi sinifikanti dwar iċ-ċifri notifikati mill-awtoritajiet Griegi. Il-proċeduri fis-seħħ biex tingħata malajr u korrettament id-*data* tal-gvern ġenerali rikjesta mill-qafas legali eżisteni huma manifestament inadegwati.

(7) Il-valutazzjoni tal-azzjoni meħuda mill-Greċja biex tikkoreġi l-iżbilanċ eċċessiv sal-2010 b'reazzjoni għar-rakkomandazzjoni tal-Kunsill skont l-Artikolu 104(7) tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea twassal għal dawn il-konklużjonijiet:

— wara r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill taħt tal-Artikolu 104(7) f'April 2009, l-awtoritajiet Griegi implimentaw il-miżuri għat-tnaqqis tal-iżbilanċ inklużi fil-liġi tal-baġit tal-2009, l-aġġornament ta' Jannar 2009 tal-programm ta' stabbiltà u l-pakkett addizzjonali ta' miżuri fiskali ta' Marzu 2009. Madankollu, għalkemm id-deterjorament fil-kundizzjonijiet makroekonomiċi kien ikbar milli mistenni mill-awtoritajiet, il-finanzi pubbliċi marru lura ferm iktar minn dak li seta' jkun mistenni b'riżultat tat-tnaqqis fir-ritmu ekonomiku ikbar milli previst u sa ċertu punt b'riżultat tal-politiki baġitarji implimentati mill-gvern Grieg. Partikolarment, fuq in-naħa tal-infiq, l-eżekuzzjoni tal-baġit tal-2009 turi nfiq żejjed imdaqqas fl-2009, li minnu iktar minn nofs huwa attribwit għal ħruġ ikbar milli mistenni għall-kumpens tal-impjegati u nfiq kapitali miżjud. Fuq in-naħa tad-dħul, l-implimentazzjoni tal-baġit 2009 tindika nuqqasijiet importanti fis-sistema tal-ġbir tat-taxxa, inkluż l-infurzar tat-taxxa;

[1] ĠU L 209, 2.8.1997, p. 6.
[2] ĠU L 135, 30.5.2009, p. 21.
[3] http://ec.europa.eu/economy_finance/publications/publication14950_en.pdf

— fil-25 ta' Ġunju 2009, l-awtoritajiet Griegi ħabbru miżuri diskrezzjonarji addizzjonali għat-tnaqqis tal-iżbilanċ, b'impatt baġitarju stmat ta' madwar 1,25 % punti perċentwali tal-PDG. Madankollu, il-maġġoranza tal-miżuri ma ġewx implimentati mill-awtoritajiet Griegi s'issa u kważi punt perċentwali wieħed tal-PDG kien ta' natura temporanja (ta' darba), li jimmira d-dħul addizzjonali, u għalhekk mhux konformi mar-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill biex jissaħħaħ l-aġġustament fiskali fl-2009 permezz ta' miżuri permanenti, l-aktar fuq in-naħa tal-infiq;

— barra minn hekk, il-miżuri ta' konsolidament fiskali implimentati fl-2009 ma kinux biżżejjed biex jiksbu l-mira għall-iżbilanċ pubbliku ta' 3,7 % tal-PDG fl-2009. Lanqas ma indirizzaw l-isfidi li joħorġu mill-iżbilanċi esterni u l-pożizzjoni kompetittiva li qed tiddeterjora tal-ekonomija Griega kif rakkomandat mill-Kunsill;

— iż-żieda kbira prevista fil-proporzjon tad-dejn mal-PDG tisboq l-impatt tad-deterjorament fil-pożizzjoni tas-self nett tal-gvern ġenerali, u dan jindika li ma hemmx biżżejjed sforzi biex jikkontrollaw il-fatturi għajr is-self nett, u dan ikkontribwixxa għall-bdil fil-livelli tad-dejn.

(8) Dan iwassal għall-konklużjoni li n-nuqqasijiet sinifikanti tad-dħul u l-infiq żejjed wasslu għal deterjorament qawwi tal-pożizzjoni baġitarja tal-Greċja fl-2009, u dan jista' jiġi attribwit parzjalment biss għad-deterjorament tal-kundizzjonijiet makroekonomiċi u, għalhekk, huwa primarjament minħabba reazzjoni mhux adegwata mill-awtoritajiet Griegi għar-rakkomandazzjoni tal-Kunsill taħt l-Artikolu 104(7) tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea ta' April 2009,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-Greċja ma ħaditx azzjoni b'reazzjoni għar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-27 ta' April 2009 fil-perjodu stipulat f'dik ir-Rakkomandazzjoni.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika Ellenika.

Magħmul fi Brussell, id-19 ta' Jannar 2010.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

E. SALGADO

# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA’ SIGURTÀ EUPOL AFGHANISTAN/1/2010

**tat-18 ta’ Mejju 2010**

**dwar il-ħatra tal-Kap tal-Missjoni tal-EUPOL Afghanistan ad interim**

(2010/292/PESK)

IL-KUMITAT POLITIKU U TA’ SIGURTÀ,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b’mod partikolari t-tielet paragrafu tal-Artikolu 38 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/279/PESK tat-18 ta’ Mejju 2010 dwar il-Missjoni tal-Pulizija tal-Unjoni Ewropea fl-Afganistan (EUPOL Afghanistan) ([1]), u b’mod partikolari l-Artikolu 10(1) tagħha,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 10(1) tad-Deċiżjoni 2010/279/PESK, il-Kunsill awtorizza lill-Kumitat Politiku u ta’ Sigurtà, b’mod konformi mal-Artikolu 38 tat-Trattat, sabiex jieħu d-deċiżjonijiet rilevanti għal finijiet ta’ kontroll politiku u ta’ tmexxija strateġika tal-missjoni EUPOL Afghanistan, inkluża d-deċiżjoni li jinħatar Kap tal-Missjoni.

(2) Ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta’ Sigurtà ppropona l-ħatra tal-Viċi Kap attwali tal-Missjoni il-Kap Supretendent Nigel THOMAS, bħala Kap tal-Missjoni ad interim mill-31 ta’ Mejju 2010 sal-ħatra sussegwenti ta’ Kap tal-Missjoni ġdid,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-Kap Supretendent Nigel THOMAS huwa b’dan maħtur Kap tal-Missjoni tal-Pulizija tal-Unjoni Ewropea fl-Afganistan mill-31 ta’ Mejju 2010 sal-ħatra sussegwenti ta’ Kap tal-Missjoni ġdid.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Hija għandha tapplika sal-ħatra sussegwenti ta’ Kap tal-Missjoni ġdid.

Magħmul fi Brussell, it-18 ta’ Mejju 2010.

*Għall-Kumitat Politiku u ta’ Sigurtà*

*Il-President*

C. FERNÁNDEZ-ARIAS

([1]) ĠU L 123, 19.5.2010, p. 4.

# DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

## tal-20 ta' Mejju 2010

## dwar il-konklużjoni ta' Arranġament tal-Implimentazzjoni bejn il-Kummissjoni Ewropea u l-Gvern tal-Istati Uniti tal-Amerika għal attivitajiet ta' kooperazzjoni fil-qasam tar-riċerka fis-sigurtà domestika u ċivili

(2010/293/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat il-Ftehim għall-kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn il-Komunità Ewropea u l-Gvern tal-Istati Uniti tal-Amerika ([1]), u partikolarment it-tieni paragrafu tal-Artikolu 5(b) tiegħu,

Billi:

(1) Il-Ftehim għall-kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn il-Komunità Ewropea u l-Gvern tal-Istati Uniti tal-Amerika ("il-Ftehim") ġie approvat bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 98/591/KE ([2]), u daħal fis-seħħ fl-14 ta' Ottubru 1998. Jista' jiġġedded għal perjodi ta' ħames snin ([3]), u ġie estiż u emendat fl-14 ta' Ottubru 2008 ([4]).

(2) Il-kooperazzjoni transatlantika fil-qasam tar-riċerka fis-sigurtà domestika u ċivili hija mixtieqa u ta' benefiċċju reċiproku.

(3) Il-fehma komuni li qed toħroġ mit-taħditiet esploratorji kienet li Ftehim ta' Implimentazzjoni jkun mekkaniżmu biex jissimplifika l-attività teknika u xjentifika konġunta.

(4) Arranġament tal-Implimentazzjoni biex ikopri l-attivitajiet ta' kooperazzjoni fil-qasam interdixxiplinari tar-riċerka fis-sigurtà domestika u ċivili ("l-Arranġament tal-Implimentazzjoni") ġie stabbilit b'suċċess bejn il-Kummissjoni u l-Gvern tal-Istati Uniti tal-Amerika.

(5) L-Arranġament tal-Implimentazzjoni ma għandux implikazzjonijiet finanzjarji diretti. Il-proġetti konġunti se jikkompetu għall-finanzjament permezz ta' miżuri normali ta' appoġġ u RŻT fil-programmi rilevanti ta' riċerka tas-Seba' Programm ta' Qafas tal-Komunità Ewropea għal attivitajiet ta' riċerka, żvilupp teknoloġiku u dimostrazzjoni (2007-2013) ([5]). Skont il-Ftehim, il-finanzjament tal-Unjoni Ewropea se jiġi limitat għas-sħab Ewropej.

(6) L-arranġament tal-Implimentazzjoni għandu jiġi approvat,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-Arranġament tal-Implimentazzjoni bejn il-Kummissjoni Ewropea u l-Gvern tal-Istati Uniti tal-Amerika għal attivitajiet ta' kooperazzjoni fil-qasam tar-riċerka fis-sigurtà domestika u ċivili huwa approvat.

It-test tal-Arranġament tal-Implimentazzjoni huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Il-Kummissarju responsabbli għad-DĠ Intrapriża u Industrija huwa awtorizzat li jiffirma l-Arranġament tal-Implimentazzjoni f'isem il-Kummissjoni.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-ewwel jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, 20 ta' Mejju 2010.

*Għall-Kummissjoni,*
*f'isem il-President,*
Antonio TAJANI
*Viċi President*

([1]) ĠU L 284, 22.10.1998, p. 37.
([2]) ĠU L 284, 22.10.1998, p. 35.
([3]) ĠU L 335, 11.11.2004, p. 7.
([4]) Permezz ta' skambju ta' Notes Verbales bejn il-Kunsill tal-UE, bid-data tal-15 ta' Mejju 2009 (nru tar-referenza SGS9/06298) u l-Gvern tal-Istati Uniti, id-Dipartiment tal-Istat, bid-data tas-6 ta' Lulju 2009.
([5]) ĠU L 412, 30.12.2006, p. 1.

# ARRANĠAMENT TAL-IMPLIMENTAZZJONI

## bejn Il-Kummissjoni Ewropea u l-Gvern tal-Istati Uniti tal-Amerika għal attivitajiet ta' kooperazzjoni fil-qasam tar-riċerka fis-sigurtà domestika u ċivili

Skont il-Ftehim għall-Kooperazzjoni Xjentifika u Teknoloġika bejn il-Gvern tal-Istati Uniti tal-Amerika u l-Komunità Ewropea, iffirmat f'Washington fil-5 ta' Diċembru 1997, kif estiż u emendat (permezz ta' skambju ta' Notes Verbales bejn il-Kunsill tal-UE, bid-data tal-15 ta' Mejju 2009 u l-Gvern tal-Istati Uniti, id-Dipartiment tal-Istat, bid-data tas-6 ta' Lulju 2009), minn hawn 'il quddiem imsemmi "il-Ftehim", b'dan qed jiġi stabbilit Arranġament tal-Implimentazzjoni biex ikopri l-attivitajiet ta' kooperazzjoni bejn il-Kummissjoni Ewropea (KE) u l-Istati Uniti tal-Amerika (l-Istati Uniti), minn hawn 'il quddiem imsemmija "il-Partijiet". L-attivitajiet ta' kooperazzjoni għandhom iseħħu skont it-termini tal-Ftehim. L-iskop ta' dan l-Arranġement ta' Implimentazzjoni huwa li jħeġġeġ, jiżviluppa u jiffaċilita dawn l-attivitajiet bejn il-Partijiet, imwettqa fuq il-bażi ta' benefiċċju reċiproku miksub minn bilanċ ġenerali tal-vantaġġi, l-opportunitajiet reċiproċi għal sehem f'attivitajiet ta' kooperazzjoni, u trattament ġust u ndaqs. Dan l-Arranġament ta' Implimentazzjoni mhuwiex maħsub biex joħloq obbligi li jorbtu fil-liġi.

### 1. L-Attivitajiet Kooperattivi

Il-Partijiet jistgħu jagħmlu u jiffaċilitaw attivitajiet ta' kooperazzjoni fl-oqsma kollha tax-xjenza u t-teknoloġija marbuta mal-qasam tas-sigurtà domestika u ċivili, kif stipulat fis-Seba' Programm ta' Qafas tal-Komunità Ewropea għar-riċerka, l-iżvilupp teknoloġiku u l-attivitajiet ta' dimostrazzjoni (2007-2013), it-Tema 10 "Sigurtà" (u programmi ta' segwitu relevanti) minn naħa waħda, u l-prijoritajiet tad-Dipartiment tas-Sigurtà Domestika min-naħa l-oħra.

L-attivitajiet ta' kooperazzjoni jistgħu jinkludu partikolarment l-oqsma li ġejjin ta' riċerka fis-sigurtà domestika/ċivili:

1.1. is-sigurtà taċ-ċittadini (eż. il-ħarsien minn theddidiet naturali u tal-bniedem, il-prevenzjoni tal-produzzjoni illeċita tad-droga), inkluż il-ġestjoni ta' sitwazzjonijiet ta' kriżi u emerġenza;

1.2. is-sigurtà u l-kapaċità ta' rkupru tal-infrastrutturi kritiċi, ir-riżorsi l-iktar importanti, l-agrikoltura, is-servizzi pubbliċi, il-komunikazzjoni u s-servizzi finanzarji;

1.3. l-interazzjoni tas-sigurtà u s-soċjetà, inkluż il-punt ta' kuntatt bejn il-bniedem u t-teknoloġija, ir-riċerka fl-imġiba, il-kwistjonijiet tal-privatezza, u l-bijometrika;

1.4. is-sigurtà tal-kontrolli u l-punti tal-qsim fuq il-fruntieri, inkluż il-fruntieri tal-art u dawk kostali;

1.5. l-ottimizzazzjoni tat-teknoloġiji eżistenti u l-interoperabilità tagħhom;

1.6. l-iżvilupp ta' teknoloġiji destinati għall-utent finali u tagħmir biex jimla l-lakuni eżistenti u jissodisfa l-ħtiġijiet, bħal dawk għall-protezzjoni ċivili u tal-ewwel għajnuna;

1.7. l-iżvilupp u l-iskambju ta' rekwiżiti, standards, valutazzjonijiet tal-vulnerabbiltà, analiżijiet ta' interdipendenza, ċertifikazzjonijiet, l-aħjar prassi, linji ta' gwida, programmi ta' taħriġ, rapporti tat-test, dejta, softwer, tagħmir u staff relevanti.

### 2. In-natura ta' attivitajiet ta' kooperazzjoni

2.1. Dawn l-attivitajiet jistgħu jinkludu, iżda mhumiex limitati għal:

2.1.1. L-għoti ta' opportunitajiet komparabbli għal entitajiet mill-Unjoni Ewropea u mill-Istati Uniti tal-Amerika biex jipparteċipaw fl-oqsma msemmija fil-punt 1;

2.1.2. Skambju f'waqtu ta' informazzjoni relevanti inkluż dwar sejħiet fil-ġejjieni għal għotjiet jew proposti, jew dwar tħabbiriet tal-opportunitajiet imsemmija fil-punt 2.1.1;

2.1.3. L-attivitajiet għall-promozzjoni, fil-komunitajiet rispettivi tar-riċerka tal-Partijiet, tal-opportunitajiet mogħtija minn dan l-Arranġament tal-Implimentazzjoni, eż. permezz ta' attendenza regolari fir-reviżjonijiet tal-programm tal-Partijiet, is-sejħiet għall-għotjiet u tħabbiriet ta' riċerka ta' interess pubbliku tal-Istati Uniti u s-sejħiet għall-proposti tal-Unjoni Ewropea;

2.1.4. L-aċċess komparabbli għal faċilitajiet tal-laboratorji u Tagħmir u Materjal, għat-twettiq ta' attivitajiet xjentifiċi u teknoloġiċi inkluż ir-riċerka, l-iżvilupp, l-ittestjar u l-valutazzjoni, l-istandardizzazzjoni u ċ-ċertifikazzjoni;

2.1.5. L-appoġġ għal riċerka konġunta, proposti għall-iżvilupp tal-kontenut u l-aċċess, supplimenti għal għotjiet, kuntratti u ftehimiet eżistenti, u finanzjament ta' attivitajiet tematiċi ta' kooperazzjoni għal benefiċċju reċiproku u valur miżjud.

3. **Koordinazzjoni**

3.1. L-Istati Uniti u l-KE bihsiebhom jikkooperaw mill-qrib biex jikkoordinaw l-attivitajiet konġunti. Għaldaqstant, kull Parti għandu jkollha żewġ rappreżentanti li jiġu maħtura biex jikkoordinaw l-attivitajiet ("il-Grupp tat-Tmexxija"). Ir-rappreżentanti jistgħu jiltaqgħu kull meta jkun hemm bżonn, ġeneralment darba fis-sena. Ġeneralment, il-laqgħat huma mistennija jalternaw bejn siti fl-Unjoni Ewropea u fl-Istati Uniti tal-Amerika, u l-Parti li tkun qed tospita għandha tipprovdi appoġġ organizzazzjonali u amministrattiv.

3.2. Skont il-bżonn, kull Parti tista' taħtar parteċipanti addizzjonali biex jattendu dawn il-laqgħat. Il-laqgħat għandhom ikunu kopresjeduti mis-Sotto Segretarju għax-Xjenza u t-Teknoloġija tad-Dipartiment tas-Sigurtà Domestika u d-Direttur responsabbli għar-Riċerka fis-Sigurtà fil-KE. Ma ġiex assenjat status formali lil dan il-Grupp tat-Tmexxija.

3.3. Il-Grupp tat-Tmexxija għandu jissorvelja u jistimola l-attivitajiet ta' kooperazzjoni li jsiru skont dan l-Arranġament tal-Implimentazzjoni. Għandu jiskambja informazzjoni dwar prassi, liġijiet, regolamenti u programmi relevanti għall-kooperazzjoni skont dan l-Arranġament tal-Implimentazzjoni. Għandu jippjana u jidentifika għanijiet u opportunitajiet għal kull sena ġdida, jipproponi attivitajiet *ad hoc*, u jirrevedi attivitajiet u l-livelli ta' parteċipazzjoni u sforzi simili fil-programmi ta' kull Parti skont dan l-Arranġament ta' Implimentazzjoni. Għandu joħroġ rapport perjodiku dwar il-progress fil-kooperazzjoni.

4. **Il-finanzjament**

4.1. L-attivitajiet ta' kooperazzjoni skont dan l-Arranġament tal-Implimentazzjoni għandhom ikunu soġġetti għad-disponibbiltà ta' fondi approprjati u għal-liġijiet u r-regolamenti applikabbli, il-politiki u l-programmi ta' kull Parti, u għat-termini tal-Ftehim u dan l-Arranġament tal-Implimentazzjoni. Dan l-Arranġament tal-Implimentazzjoni ma joħloqx obbligi finanzjari.

4.2. Kull Parti għandha tħallas l-ispejjeż tal-parteċipazzjoni tagħha fil-laqgħat tal-Kumitat tat-Tmexxija. Madankollu, l-ispejjeż, għajr dawk għall-ivvjaġġar u l-akkomodazzjoni, li huma marbuta direttament ma' laqgħat tal-Grupp tat-Tmexxija, jiġġarbu mill-Parti li tospita l-laqgħa, sakemm mhux miftiehem mod ieħor.

4.3. Kull Parti hija responsabbli għal kull awditjar tal-azzjonijiet tagħha b'appoġġ tal-attivitajiet ta' kooperazzjoni, inkluż l-attivitajiet ta' kull parteċipant tagħha. Il-verifiki ta' kull Parti għandhom ikunu skont il-prassi applikabbli tagħha stess.

5. **Proprjetà intelletwali**

L-allokazzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali għandhom ikunu skont id-dispożizzjonijiet tal-Anness tal-Ftehim.

6. **Informazzjoni kklassifikata u Tagħmir u Materjal**

6.1. L-informazzjoni kklassifikata skambjata bejn il-Partijiet jew iġġenerata minnhom għandha tiġi mmarkata, użata u protetta skont il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern tal-Istati Uniti tal-Amerika dwar is-Sigurtà tal-Informazzjoni Kklassifikata tat-30 ta' April 2007 u l-arranġament tal-implimentazzjoni tiegħu, l-Arranġament tas-Sigurtà bejn l-Uffiċċju tas-Sigurtà tas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill tal-UE (GSCSO) u d-Direttorat tas-Sigurtà tal-Kummissjoni Ewropea (ECSD) u d-Dipartiment tal-Istat tal-Istati Uniti għall-protezzjoni tal-informazzjoni kklassifikata bejn l-UE u l-Istati Uniti.

6.2. Il-Partijiet għandhom it-tnejn jaħtru Awtorità tas-Sigurtà bħala l-uniku punt ta' kuntatt u l-awtorità responsabbli għall-proċeduri tal-iżvilupp li jirregolaw is-sigurtà tal-informazzjoni kklassifikata koperta minn dan l-Arranġament tal-Implimentazzjoni.

6.3. L-informazzjoni u t-Tagħmir u l-Materjal ipprovduti jew iġġenerati skont dan l-Arranġament tal-Implimentazzjoni huma limitati għal SECRET fl-Istati Uniti jew SECRET EU/EU SECRET fl-UE.

7. **Kxif mhux awtorizzat tal-informazzjoni**

7.1. "Informazzjoni Mhux Ikklassifikata Kkontrollata" tal-Istati Uniti u informazzjoni sensittiva mhux ikklassifikata tal-UE hija informazzjoni jew dejta preliminari jew ta' qabel id-deċiżjonijiet, skont il-każ, li ma titqiesx li tkun informazzjoni kklassifikata, iżda li għaliha jkunu ġew applikati limitazzjonijiet fuq l-aċċess jew id-distribuzzjoni u struzzjonijiet dwar l-użu skont il-liġijiet, ir-regolamenti, il-politiki jew il-linji gwida rispettivi tal-Partijiet.

7.2. Fejn applikabbli, sew jekk l-informazzjoni tkun ipprovduta u sew jekk iġġenerata skont dan l-Arranġament tal-Implimentazzjoni, din għandha tkun immarkata biex il-karattru sensittiv tagħha jkun identifikat skont il-liġijiet, ir-regolamenti, il-politiki jew il-linji gwida rispettivi tal-Partijiet.

7.3. Għall-Istati Uniti, "Controlled Unclassified Information" tinkludi, iżda mhux biss, informazzjoni mmarkata "Controlled Unclassified Information" "For Official Use Only," "Law Enforcement Sensitive Information," "Protected Critical Infrastructure Information," Sensitive But Unclassified (SBU), u tista' tinkludi Informazzjoni Kunfidenzjali tan-Negozju. Għall-Kummissjoni Ewropea, l-informazzjoni sensittiva mhux ikklassifikata hija informazzjoni li jkollha marka formalment approvata mid-Direttorat tas-Sigurtà tal-Kummissjoni Ewropea.

7.4. "Controlled Unclassified Information" tal-Istati Uniti u l-informazzjoni sensittiva mhux ikklassifikata tal-UE prevista skont dan l-Arranġament tal-Implimentazzjoni għandha:

7.4.1. tkun immarkata kif xieraq sabiex tiġi enfasizzata s-sensittività tagħha,

7.4.2. ma tintużax għal skopijiet oħra għajr dawk deskritti f'dan l-Arranġament tal-Implimentazzjoni u

7.4.3. ma għandhiex tiġi rilaxxata lil partijiet terzi mingħajr il-kunsens minn qabel tal-Parti li tibgħat l-informazzjoni jew l-oriġinatur.

7.5. Il-Partijiet għandhom, skont il-liġijiet u r-regolamenti rispettivi tagħhom, jieħdu l-miżuri neċessarji kollha għad-dispożizzjoni tagħhom biex iħarsu l-informazzjoni mhux ikklassifikata li teħtieġ limitazzjonijiet fuq l-aċċess u d-distribuzzjoni minn kxif mhux awtorizzat.

7.6. L-arranġamenti dettaljati tas-sigurtà għall-immarkar, il-ħżin, l-użu u l-protezzjoni tal-informazzjoni kkontrollata mhux ikklassifikata jistgħu jiġu stabbiliti mill-Partijiet.

8. **Riżoluzzjoni tat-tilwim**

8.1. It-tilwim dwar il-Proprjetà Intellettwali għandu jiġi riżolt skont l-Anness tal-Ftehim.

8.2. Ħlief għal tilwim li jikkonċerna l-Proprjetà Intellettwali, il-kwistjonijiet jew it-tilwim kollu li jinħoloq skont dan l-Arranġament tal-Implimentazzjoni jew li jkun marbut miegħu għandu jiġi riżolt bi ftehim reċiproku bejn il-Partijiet, b'mod konsistenti mat-termini tal-Ftehim, inkluż l-Artikolu 12.

9. **Tul ta' żmien**

Dan l-Arranġament tal-Implimentazzjoni jista jibda malli jiffirmaw iż-żewġ Partijiet. Jibqa' operattiv sakemm il-Ftehim jibqa' fis-seħħ jew sakemm Parti ma tkomplix tieħu sehem f'dan l-Arranġament. Jekk Parti biħsiebha ma tkomplix tieħu sehem f'dan l-Arranġament, għandha tagħmel minn kollox biex tavża 90 jum bil-quddiem bl-intenzjoni tagħha lill-Parti l-oħra. Il-protezzjoni tal-informazzjoni kklassifikata u l-prevenzjoni ta' kull kxif mhux awtorizzat tal-informazzjoni huma maħsuba li jkomplu skont it-termini tal-Ftehim u l-Ftehim tal-2007 dwar is-Sigurtà tal-Informazzjoni Kklassifikata, minkejja l-waqfien jew l-iskadenza ta' dan l-Arranġament tal-Implimentazzjoni jew tal-Ftehim. Dan l-Arranġament tal-Implimentazzjoni jista' jiġi mmodifikat jew estiż bil-qbil bil-miktub taż-żewġ Partijiet.

Iffirmat illum, … 2010.

GĦALL-GVERN TAL-ISTATI UNITI TAL-AMERIKA

GĦALL-KUMMISSJONI EWROPEA F'ISEM L-UNJONI EWROPEA

# EU Book shop

## Il-pubblikazzjonijiet kollha tal-UE li INT qed tfittex!



bookshop.europa.eu

2010/287/UE:

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill tad-19 ta' Jannar 2010 dwar l-eżistenza ta' żbilanċ eċċessiv fil-Pajjiżi l-Baxxi** ..... 42

2010/288/UE:

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill tad-19 ta' Jannar 2010 dwar l-eżistenza ta' żbilanċ eċċessiv fil-Portugall** 44

2010/289/UE:

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill tad-19 ta' Jannar 2010 dwar l-eżistenza ta' żbilanċ eċċessiv fis-Slovenja** 46

2010/290/UE:

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill tad-19 ta' Jannar 2010 dwar l-eżistenza ta' żbilanċ eċċessiv fis-Slovakkja** 48

2010/291/UE:

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill tad-19 ta' Jannar 2010 li tistabbilixxi jekk ittieħditx azzjoni effettiva mill-Greċja b'reazzjoni għar-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-27 ta' April 2009** ..... 50

2010/292/PESK:

★ **Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà EUPOL Afghanistan/1/2010 tat-18 ta' Mejju 2010 dwar il-ħatra tal-Kap tal-Missjoni tal-EUPOL Afghanistan ad interim** ..... 52

2010/293/UE:

★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-20 ta' Mejju 2010 dwar il-konklużjoni ta' Arranġament tal-Implimentazzjoni bejn il-Kummissjoni Ewropea u l-Gvern tal-Istati Uniti tal-Amerika għal attivitajiet ta' kooperazzjoni fil-qasam tar-riċerka fis-sigurtà domestika u ċivili** ..... 53

**Arranġament tal-implimentazzjoni bejn Il-Kummissjoni Ewropea u l-Gvern tal-Istati Uniti tal-Amerika għal attivitajiet ta' kooperazzjoni fil-qasam tar-riċerka fis-sigurtà domestika u ċivili** ..... 54

MT

## PREZZ TAL-ABBONAMENT 2010 (mingħajr VAT, inklużi l-ispejjeż tal-posta b'kunsinna normali)

| | | |
|---|---|---|
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 1 100 EUR fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, stampati + CD-ROM annwali | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 1 200 EUR fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 770 EUR fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, CD-ROM fix-xahar (kumulattiva) | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 400 EUR fis-sena |
| Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S), Swieq Pubbliċi u Appalti, CD-ROM, żewġ edizzjonijiet fil-ġimgħa | multilingwi:<br>23 lingwa uffiċjali tal-UE | 300 EUR fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C – Kompetizzjonijiet | Skont il-lingwa/i<br>tal-Kompetizzjoni | 50 EUR fis-sena |

L-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li joħroġ fil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, hu disponibbli f'22 verżjoni lingwistika. Inklużi fih hemm is-serje L (Leġiżlazzjoni) u C (Komunikazzjoni u Informazzjoni).

Kull verżjoni lingwistika jeħtiġilha abbonament separat.

B'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 920/2005, ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali L 156 tat-18 ta' Ġunju 2005, li jistipula li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mhumiex temporanjament obbligati li jiktbu l-atti kollha bl-Irlandiż u li jippubblikawhom b'din il-lingwa, il-Ġurnali Uffiċjali ppubblikati bl-Irlandiż jinbiegħu apparti.

L-abbonament tas-Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S – Swieq Pubbliċi u Appalti) jiġbor fih it-total tat-23 verżjoni lingwistika uffiċjali f'CD-ROM waħdieni multilingwi.

Fuq rikjesta, l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jagħti d-dritt li l-abbonat jirċievi diversi annessi tal-Ġurnal Uffiċjali. L-abbonati jiġu mgħarrfa dwar il-ħruġ tal-annessi permezz ta' "Avviż lill-qarrej" inserit f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Il-formati tas-CD-Rom se jinbidlu bil-formati tad-DVD matul l-2010.

## Bejgħ u Abbonamenti

Abbonamenti fil-perjodiċi diversi bi ħlas, bħalma huwa l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, huma disponibbli mill-uffiċini tal-bejgħ tagħna. Il-lista tal-uffiċini tal-bejgħ hi disponibbli fuq l-internet fl-indirizz li ġej:

http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm

**EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.**

**Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: http://europa.eu**

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT